Strateġija Nazzjonali Dwar il-Kapaċità Finanzjarja 2026-2031

DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI 2026

GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA

Strateġija Nazzjonali Dwar il-Kapaċità Finanzjarja 2026-2031

DOKUMENT TA' KONSULTAZZJONI 2026

Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja
© 2026
ISBN: 978-9918-9601-6-3

Awturi:
Helena Holland
Direttur, Direttorat tal-Istrateġija għall-Pensjonijiet,
Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Bernard Mamo
Assistent Direttur, Direttorat tal-Istrateġija għall-Pensjonijiet,
Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja

IDEA Consulting

Reviżur:
Alexia Vella
Direttur Ġenerali, Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni,
Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Strateġija Nazzjonali Dwar il-Kapaċità Finanzjarja 2026-2031

Messaġġ mill-Ministru

“F’dinja dejjem aktar kumplessa u diġitalizzata, il-kapaċità finanzjarja saret ħila essenzjali tal-ħajja u kontributur ewlieni għall-benesseri personali, l-inklużjoni soċjali u r-reżiljenza ekonomika.”

Hon. Michael Falzon
Minstru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Il-kapaċità finanzjarja mhix biss dwar il-flus. Hija dwar opportunità, sigurtà u serħan il-moħħ. Hija dwar l-għajnuna lill-familji biex jimmaniġġjaw id-deċiżjonijiet finanzjarji ta’ kuljum b’kunfidenza, l-appoġġ liż-żgħażagħ hekk kif jieħdu l-ewwel passi tagħhom lejn l-indipendenza, u wkoll li l-adulti akbar fl-età jkunu jistgħu jħarsu lejn il-futur tagħhom b’aktar ċertezza. F’dinja dejjem aktar kumplessa u diġitalizzata, il-kapaċità finanzjarja saret ħila essenzjali tal-ħajja u kontributur ewlieni għall-benesseri personali, l-inklużjoni soċjali u r-reżiljenza ekonomika.

Matul l-aħħar snin, Malta għamlet progress sinifikanti fil-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju u l-kapaċità finanzjarja. Permezz tad-dedikazzjoni ta’ ĠEMMA u tal-Programm Nazzjonali tal-Kapaċità Finanzjarja, flimkien ukoll mal-impenn tal-ministeri u l-entitajiet tal-gvern, ir-regolaturi, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati tas-settur finanzjarju; ħloqna pedamenti b’saħħithom għal soċjetà b’kapaċità finanzjarja akbar.

Is-sejbiet tar-riċerka tal-OECD/INFE dwar il-litteriżmu finanzjarju u l-inklużjoni finanzjarja, ikkummissjonata mill-MFS, jiddikjaraw b’mod ċar li ĠEMMA tipprovdi kemm inkoraġġiment kif ukoll direzzjoni. Is-sejbiet juru li ċ-ċittadini Maltin għandhom punti b’saħħithom importanti, inkluża kultura qawwija ta’ tfaddil, dixxiplina tajba fil-ħlas, reżiljenza fl-indirizzar ta’ spejjeż mhux mistennija u livelli għoljin ta’ fiduċja, fis-sistema finanzjarja. Dawn huma riżultati inkoraġġanti, u huma xhieda tar-responsabbiltà, ir-reżiljenza u l-adattabbiltà tal-poplu Malti.

Fl-istess ħin, ir-riċerka tfakkarna wkoll li l-progress huwa vjaġġ, mhux destinazzjoni. Hekk kif il-prodotti, is-servizzi u t-teknoloġiji finanzjarji jkomplu jevolvu, irridu nkomplu ninvestu fit-tisħiħ tal-għarfien finanzjarju, fit-titjib tat-tħejjija għall-irtirar, fiż-żieda ta-sensibilizzazzjoni dwar l-investiment u fil-bini ta’ kunfidenza aktar b’saħħitha, biex ninnavigaw ambjent finanzjarju dejjem aktar diġitali. Inizjattivi bħall-app RetireSmart qed jgħinu lill-individwi jieħdu responsabbiltà akbar għall-futur tagħhom u jħejju ruħhom b’mod aktar effettiv għall-irtirar; iżda għad fadal aktar xi jsir.

Din l-Istrateġija Nazzjonali għall-Kapaċità Finanzjarja tibni fuq il-kisbiet ta’ Malta, filwaqt li tħares ‘il quddiem lejn l-opportunitajiet u l-isfidi tas-snin li ġejjin. Is-suċċess tagħha jiddependi fuq approċċ ikkoordinat ta’ gvern sħiħ u fuq kollaborazzjoni b’saħħitha bejn is-setturi kollha. Din issaħħaħ is-sħubijiet diġà stabbiliti permezz ta’ ĠEMMA u tirrifletti l-impenn kondiviż tagħna għall-benesseri finanzjarju, it-tagħlim tul il-ħajja, l-inklużjoni finanzjarja, ir-reżiljenza tal-konsumatur u t-tfassil ta’ politiki bbażat fuq l-evidenza.

Fuq kollox, din l-Istrateġija hija investiment fin-nies. Din tipprovdi pjan direzzjonali għat-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja f’kull stadju tal-ħajja u għandha l-għan ukoll li tiżgura li ħadd ma jitħalla lura f’xenarju finanzjarju dejjem aktar kumpless. Billi naħdmu flimkien, nistgħu nwettqu l-viżjoni tagħna ta’ Malta b’kapaċità finanzjarja akbar, miksuba permezz ta’ azzjoni nazzjonali kkoordinata u mmexxija minn impenn kondiviż għall-benesseri u l-prosperità tal-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.

Strateġija Nazzjonali Dwar il-Kapaċità Finanzjarja 2026-2031

Messaġġ mis-Segretarju Permanenti

"L-Istrateġija hija msejsa fuq missjoni soċjali ċara: li tippromwovi l-benesseri, issaħħaħ ir-reżiljenza, trawwem l-inklużjoni soċjali u tappoġġja s-sigurtà finanzjarja fit-tul."

Mark Musù
Segretarju Permanenti
Minsteru għall-Politika Soċjali u l-Familja

Huwa unur għalija li nippreżenta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Kapaċità Finanzjarja 2026-2031, qafas komprensiv li jistabbilixxi pjan direzzjonali ċar u kkoordinat għal azzjoni nazzjonali fl-avvanz tal-kapaċità finanzjarja matul il-ħames snin li ġejjin. Din l-Istrateġija tirrifletti l-impenn kontinwu tal-Gvern biex isaħħaħ ir-reżiljenza finanzjarja, il-benesseri u s-sigurtà fit-tul tal-individwi u l-familji madwar Malta.

Dan id-dokument jirrappreżenta t-tielet strateġija nazzjonali ta' Malta fil-qasam tal-kapaċità finanzjarja, li tibni fuq il-pedamenti stabbiliti mill-oqfsa tal-2017 u tal-2022. Bħal fil-każ tal-predeċessuri tagħha, ġiet żviluppata taħt it-tmexxija tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja permezz ta' ĠEMMA, li stabbiliet ruħha bħala ċentru nazzjonali għall-edukazzjoni finanzjarja, ir-riċerka u l-bini tal-kapaċitajiet.

Il-Ministeru tagħna ħadem b'mod konsistenti biex jappoġġja lill-familji u lill-individwi li jiffaċċjaw sfidi soċjali, ekonomiċi jew personali, filwaqt li jiżgura li l-assistenza tilħaq lil dawk li l-aktar għandhom bżonnha. Permezz ta' ĠEMMA, aħna nikkumplimentaw din il-missjoni billi nippromwovu l-kapaċità finanzjarja u nagħtu s-setgħa lill-individwi bl-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-imġiba meħtieġa biex jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati u b'kunfidenza. Dan l-approċċ doppju—appoġġ dirett flimkien ma' edukazzjoni preventiva—isaħħaħ il-kapaċità tagħna li nrawmu benesseri finanzjarju fit-tul u reżiljenza soċjali akbar.

It-twaqqif ta' ĠEMMA kien riżultat dirett tal-proċess ta' riforma tal-pensjonijiet tal-passat, li identifika l-litteriżmu finanzjarju bħala pilastru ewlieni tar-riforma sostenibbli. Ir-Reviżjoni rrakkomandat ukoll il-parteċipazzjoni ta' Malta fl-istħarriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju tal-OECD/INFE, filwaqt li rrikonoxxiet l-importanza ta' evidenza b'parametri referenzjarji internazzjonali fit-tfassil ta' politika effettiva. Biex twettaq dan il-mandat, fl-2018 ĠEMMA nediet l-ewwel riċerka dwar il-litteriżmu finanzjarju f'Malta bbażata fuq l-OECD, u b'hekk stabbiliet bażi ta' evidenza robusta għall-iżvilupp tal-politika u l-ippjanar strateġiku.

Din l-Istrateġija, li issa qed tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni pubblika, timmarka evoluzzjoni sinifikanti fl-approċċ. Din tmur lil hinn minn enfasi ristretta fuq il-litteriżmu finanzjarju u tadotta qafas usa' ta' kapaċità finanzjarja li jinkludi l-għarfien, il-ħiliet, l-attitudnijiet u l-imġibiet. Dan jirrifletti rikonoxximent dejjem akbar li l-kapaċità finanzjarja hija essenzjali mhux

biss għal teħid ta' deċiżjonijiet infurmat, iżda wkoll biex tippermetti lill-individwi jinnavigaw l-isfidi finanzjarji b'kunfidenza u reżiljenza.

L-Istrateġija hija msejsa fuq missjoni soċjali ċara: li tippromwovi l-benesseri, issaħħaħ ir-reżiljenza, trawwem l-inklużjoni soċjali u tappoġġja s-sigurtà finanzjarja fit-tul. Hija tirrikonoxxi li l-ħtiġijiet u l-vulnerabbiltajiet finanzjarji jvarjaw matul il-ħajja u għalhekk tadotta approċċ strutturat biex tindirizza gruppi fil-mira differenti mit-tfulija sax-xjuħija.

Fl-istadji differenti kollha tal-ħajja, l-Istrateġija tittratta l-vulnerabbiltà, l-esklużjoni diġitali u r-riskji ta' frodi bħala sfidi trasversali li jeħtieġu attenzjoni sostnuta u kkoordinata.

Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva, l-Istrateġija hija strutturata madwar erba' prijoritajiet ta' politika strateġiċi. Dawn il-prijoritajiet jirriflettu l-konvinzjoni li l-kapaċità finanzjarja hija responsabbiltà nazzjonali kondiviża, li teħtieġ l-involviment attiv tal-entitajiet governattivi, ir-regolaturi, l-istituzzjonijiet edukattivi, l-impjegaturi, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-settur privat.

Nesprimi l-apprezzament sinċier tiegħi lill-partijiet ikkonċernati kollha li, permezz tal-għarfien espert u siewi tagħhom, ikkontribwew għall-iżvilupp ta' din l-Istrateġija. Permezz ta' kollaborazzjoni u impenn kontinwi, nistgħu nsaħħu l-kapaċità finanzjarja ta' Malta u nibnu soċjetà li tkun aktar infurmata, kunfidenti u sigura fil-qasam finanzjarju.

Werrej

Messaġġ mill-Ministru **2**

Messaġġ mis-Segretarju Permanenti **4**

Lista tal-Figuri **9**

Lista tat-Tabelli **9**

Lista tat-Taqsiriet **10**

Sommarju Eżekuttiv **11**

Viżjoni Strateġika 11

Bażi ta' Evidenza u Kuntest Strateġiku 11

Approċċ tul il-kors tal-ħajja għall-Kapaċità Finanzjarja 12

Prijoritajiet Strateġiċi ta' Politika 13

Implimentazzjoni u Governanza 14

Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim 14

Kapitolu 1

Il-Viżjoni **15**

Introduzzjoni 16

Ir-Raġunijiet għat-Tisħiħ tal-Kapaċità Finanzjarja 16

Fehim tal-Kapaċità Finanzjarja: Determinanti u Kuntest 17

Allinjament Strateġiku mal-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali 17

Bażi ta' Evidenza u Disinn tal-Istrateġija 18

Objettivi Strateġiċi u Prijoritajiet ta' Politika 18

Objettivi 18

Prijoritajiet Strateġiċi ta' Politika 19

Kapitolu 2

Il-Kuntest Nazzjonali **20**

Il-Kapaċità Finanzjarja Attwali f'Malta: Punti ta' Saħħa u Nuqqasijiet 21

Prestazzjoni Mħallta: Saħħa fl-Imġiba, Nuqqasijiet fl-Ippjanar u fl-Għarfien 21

Kapaċità mhux Uniformi fost il-Popolazzjoni 23

Konklużjonijiet mill-Profil Attwali tal-Kapaċità Finanzjarja ta' Malta 24

Influwenzi strutturali, komportamentali u soċjoekonomiċi 26

Ostakli Strutturali 26

Kunfidenza, Mentalità u Ostakli fl-Imġiba 26

Il-Kuntest Soċjoekonomiku 26

Influwenza tal-Familja u tal-Komunità 28

Kuntest Istituzzjonali 28

Sfidi u Xejriet Emerġenti 28

Data u Monitoraġġ: Pedamenti għall-Azzjoni 29

Konklużjoni: Implikazzjonijiet għall-Istrateġija 29

Kapitolu 3

Qafas Metodoloġiku għal Analiżi Bbażata fuq Koorti (Tqassim skont l-Istadji tal-Ħajja) **30**

Disinn Analitiku Ġenerali 31

Tip ta' Evidenza 1: Riċerka Bbażata fuq id-Dokumentazzjoni u Evidenza Kwantitattiva 31

Tip ta' Evidenza 2: Intervisti mal-Partijiet Ikkonċernati (Perspettivi fil-Livell tas-Sistema) 31

Tip ta' Evidenza 3: Gruppi Fokali 32

Trijangolazzjoni, Loġika tas-Sinteżi u Implikazzjonijiet għat-Tfassil tal-Koorti 33

Limiti Analitiċi u Mitigazzjoni 34

Konklużjoni 34

Kapitolu 4

Analiżi tal-Koorti: Qafas ta' tul il-Ħajja Kollha u Infurmat mill-Vulnerabbiltà **35**

Għan, Kamp ta' Applikazzjoni, u Ankri Teoretiċi 36

Tfal (6 – 10 snin): Familjarizzazzjoni mat-Terminoloġija Finanzjarja u l-Kunċetti Ewlenin 38

Tfal (11–14-il sena): Formazzjoni ta' Drawwiet Finanzjarji u Normi Finanzjarji 41

Adolexxenti (15–17-il sena): Sperimentazzjoni, Identità u Awtonomija Emerġenti 44

Adulti Żgħażagħ (18–25 sena): Xokkijiet ta' Tranżizzjoni u Dipendenza fuq Deċiżjonijiet Preċedenti 46

Persuni li jkunu għadhom jibdew il-karriera u li jkunu għadhom jibdew il-familja (26–34 sena): Impenn taħt Restrizzjoni 48

Adulti f'nofs il-karriera u adulti stabbiliti (35–59 sena): Kumplessità Akkumulata u Inerzja fl-Imġiba 51

Pensjonanti u Anzjani (60 sena u aktar): Dekumulazzjoni, Fiduċja u Piż Konjittiv 53

Il-Vulnerabbiltà bħala Multiplikatur tar-Riskju Transversali 54

Immappjar Espliċitu mal-Oqsma ta' Kompetenza tal-Kapaċità Finanzjarja tal-OECD/INFE 58

Kapitolu 5

Il-Prijoritajiet u l-Għanijiet Strateġiċi **60**

Prijorità ta' Politika 1. Tagħlim Finanzjarju Tul il-Ħajja 64

1.1 It-Tisħiħ tal-Edukazzjoni Finanzjarja fis-Sistema tal-Edukazzjoni Formali 65

1.2 L-Inkorporazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja tul il-Kors tal-Ħajja 65

Prijorità ta' Politika 2. Appoġġ Personalizzat u Mmirat 66

2.1 Appoġġ Imfassal Apposta għal Sitwazzjonijiet Vulnerabbli jew Kumplessi 66

2.2 Appoġġ fit-Tranżizzjonijiet Ewlenin tal-Ħajja 67

2.3 It-Tħejjija tal-Professjonisti tal-Ewwel Linja biex Jipprovdu Appoġġ 67

Prijorità ta' Politika 3. It-Tnaqqis tad-Distakk fl-Aċċess Diġitali u l-Fiduċja 68

3.1 L-Iżgurar ta' Aċċess Inklużiv għall-Għodod u s-Servizzi Finanzjarji 68

3.2 Il-Bini tal-Fiduċja u s-Sikurezza 69

3.3. L-Ingranaġġ tal-Innovazzjoni Diġitali b'Mod Responsabbli 69

Prijorità ta' Politika 4. Kollaborazzjoni Bejn is-Setturi 70

4.1. It-Titjib tal-Koordinazzjoni u l-Governanza Istituzzjonali 70

4.2 Il-Konsolidazzjoni tar-Riżorsi f'Repożitorju Ċentrali 71

4.3 It-Twaqqif ta' Perkors ta' Akkreditazzjoni tat-Taħriġ 71

Kapitolu 6

Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni **72**

Prijorità 1 – Ippjanar Finanzjarju Tul il-Ħajja 74

Prijorità 2 – Appoġġ Personalizzat u Mmirat 78

Prijorità 3 – It-Tnaqqis tad-Distakk fl-Aċċess Diġitali u l-Fiduċja 80

Prijorità 4 – Kollaborazzjoni Bejn is-Setturi 82

Chapter 7

Monitoraġġ u Evalwazzjoni **86**

Raġunijiet għal Arranġamenti ta' Governanza b'Saħħithom 87

Prattika Internazzjonali u Preċedent Strateġiku 88

Prospettiva Strateġika u Adattament tal-Politika 88

Struttura ta' Governanza Ġenerali 89

Sorveljanza Strateġika - Il-Kumitat Interministerjali għall-Kapaċità Finanzjarja 89

Koordinazzjoni Ewlenija – Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja (MSF) 90

Implimentazzjoni Operattiva - Kumitat ta' Ħidma għall-Implimentazzjoni 91

Speċjalizzazzjoni Teknika - Sottokumitati Tematiċi 91

Involviment tal-Partijiet Ikkonċernati - Komunità tal-Litteriżmu Finanzjarju 91

Indikatur Ewlieni tal-Prestazzjoni - Dashboard 92

Kapitolu 8

Kummenti Konklużivi **94**

Referenzi **96**

Anness A. Metodoloġija u Bażi ta' Evidenza **107**

Anness B. Reġistru tal-Involviment tal-Partijiet Ikkonċernati **113**

Anness Ċ. Prospettiva Strateġika **116**

Lista tal-Figuri

Figura 1 - L-istruttura ta' implimentazzjoni u l-istruttura ta' governanza. 14

Figura 2: Gruppi ta' età relatati mal-Kapaċità Finanzjarja. 32

Figura 3 - Abilitati u Gwidati Futur ta' awtonomizzazzjoni finanzjarja. 120

Figura 4 - Kapaċi u Esposti: Navigazzjoni ta' ambjent ostili 124

Figura 5 - Imħarsa iżda Mwaqqfa: Navigazzjoni ta' ambjent staġnat. 127

Figura 6 - Id-Diffikultà Doppja: Esklużjoni sistematika u ħsara dejjem akbar. 130

Lista tat-Tabelli

Tabella 1 - Fokus strateġiku skont il-koorti. 12

Tabella 2 - Il-prijoritajiet tal-politika tal-Istrateġiji. 13

Tabella 3 - Indikaturi tal-Litteriżmu Finanzjarju - Malta u Globali - Stħarriġ tal-OECD/INFE (2023b). 22

Tabella 4 - Riskju Ewlieni, vulnerabbiltajiet u loġika ta' intervent skont il-koorti. 57

Tabella 5 - L-immappjar tal-Koorti mad-Dominji tal-Kapaċità Finanzjarja tal-OECD/INFE. 59

Tabella 6 - Dashboard tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni 93

Tabella 7 - Intervisti mal-partijiet ikkonċernati u konsultazzjonijiet preliminari. 114

Tabella 8 - Gruppi fokali (sitt gruppi). 115

Tabella 9 - Sessjoni ta' prospettiva strateġika. 115

Tabella 10 - Ħarsa ġenerali lejn ix-xenarji kollha. 133

Tabella 11 - Matriċi tax-Xenarji – Ambjent Finanzjarju Diġitali u Kapaċità Finanzjarja. 134

List of Abbreviations

AI	Intelliġenza Artifiċjali
CBM	Bank Ċentrali ta' Malta
CRPD	Il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità
DG-FISMA	Id-Direttorat Ġenerali għall-Istabbiltà Finanzjarja, is-Servizzi Finanzjarji u l-Kapital Unjoni tas-Swieq
KE	Il-Kummissjoni Ewropea
ECOFIN	Il-Kunsill tal-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji
EBA	L-Awtorità Bankarja Ewropea
EP	Il-Parlament Ewropew
FSE	Il-Fond Soċjali Ewropew
Esme	Il-Fondazzjoni e-Skills Malta
UE	L-Unjoni Ewropea
EUC	Il-Kunsill Ewropew
ĠEMMA	Il-pjattaforma tal-Gvern ta' Malta għall-edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja
FMI	Fond Monetarju Internazzjonali
INFE	In-Network Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni Finanzjarja
KPIs	Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni
MCAST	Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija
MCCAA	L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
MEL	Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim
MES	Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport
MFSA	L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta
SM	Stati Membri
MSF	Il-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja
NGO	Organizzazzjoni Mhux Governattiva
NSO	L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika
OECD	Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku
OPSI	L-Osservatorju għall-Innovazzjoni fis-Settur Pubbliku
SME	Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju
UoM	Università ta' Malta

Sommarju Eżekuttiv

Viżjoni Strateġika

L-Istrateġija Nazzjonali għall-Kapaċità Finanzjarja ta' Malta 2026-2031 tistabbilixxi qafas nazzjonali biex tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja taċ-ċittadini matul il-ħajja. Il-kapaċità finanzjarja għandha rwol essenzjali fl-appoġġ tar-reżiljenza ekonomika u l-benesseri soċjali, u tippermetti lill-individwi u lill-unitajiet domestiċi jimmaniġġjaw il-finanzi ta' kuljum, jirrispondu għal xokkijiet finanzjarji u jippjanaw b'kunfidenza għall-futur.

Hekk kif is-sistemi finanzjarji qed isiru dejjem aktar kumplessi u diġitalizzati, l-individwi huma meħtieġa jieħdu numru dejjem jikber ta' deċiżjonijiet finanzjarji fuq firxa usa' ta' prodotti u servizzi finanzjarji. Fl-istess ħin, xejriet soċjoekonomiċi usa'—inklużi żieda fl-għoli tal-ħajja, il-pressjonijiet fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, it-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-kundizzjonijiet tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu—qed iżidu l-importanza ta' teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji infurmati fis-soċjetà kollha.

Filwaqt li tirrikonoxxi dawn l-iżviluppi, l-Istrateġija tipprovdi qafas ikkoordinat għat-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja fis-soċjetà Maltija kollha. Din tibni fuq inizjattivi nazzjonali preċedenti filwaqt li tirrispondi għal sfidi finanzjarji emerġenti u prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu. Permezz tat-tisħiħ tal-għarfien, tal-ħiliet, tal-attitudnijiet u tal-imġibiet li jirfdu teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji sodi, l-Istrateġija tfittex li tappoġġja l-benesseri finanzjarju fit-tul għall-individwi, għall-familji u għall-komunitajiet.

Bażi ta' Evidenza u Kuntest Strateġiku

L-evidenza nazzjonali u internazzjonali tipprovdi għarfien importanti dwar is-sitwazzjoni tal-kapaċità finanzjarja f'Malta u tgħin fl-identifikazzjoni tal-oqsma ewlenin fejn l-azzjoni politika jista' jkollha l-akbar impatt.

Ħafna unitajiet domestiċi Maltin juru mġiba finanzjarja ta' kuljum soda, inklużi rati ta' tfaddil relattivament għoljin u dixxiplina qawwija fil-ħlas. Dawn ix-xejriet jikkontribwixxu għal livelli komparattivament għoljin ta' reżiljenza finanzjarja f'terminu qasir u jirriflettu drawwiet finanzjarji prudenti fl-immaniġġjar tal-impenji finanzjarji ta' kuljum.

Madankollu, l-evidenza tenfasizza wkoll nuqqasijiet persistenti fl-għarfien finanzjarju u fl-ippjanar finanzjarju fit-tul. Il-valutazzjoni komparattiva internazzjonali tindika li Malta għandha prestazzjoni kemxejn taħt il-medja tal-OECD fl-għarfien finanzjarju u fl-involviment fl-ippjanar finanzjarju fit-tul. B'mod partikolari, l-individwi jistgħu jiffaċċjaw sfidi biex jifhmu kunċetti finanzjarji aktar kumplessi, u jivvalutaw riskji finanzjarji jew jippjanaw għal ħtiġijiet finanzjarji futuri.

Karatteristika strutturali oħra tal-panorama finanzjarja ta' Malta hija d-dipendenza kbira fuq is-sistema tal-pensjonijiet pubblika, b'parteċipazzjoni relattivament limitata fi skemi ta' pensjoni privata volontarji jew f'arranġamenti kumplimentari ta' tfaddil għall-irtirar. Filwaqt li l-pensjoni pubblika tibqa' ċentrali għad-dħul tal-irtirar, it-titjib tal-għarfien finanzjarju dwar l-ippjanar għall-irtirar jibqa' objettiv importanti tal-politika.

L-evidenza tindika wkoll livell baxx ta' involviment fis-swieq finanzjarji, fejn ħafna konsumaturi jiddependu primarjament fuq prodotti bankarji tradizzjonali u juru tqabbil limitat tas-servizzi finanzjarji jew parteċipazzjoni limitata fis-swieq tal-investiment. Dan jista' jirrifletti kombinazzjoni ta' avversjoni għar-riskju, nuqqasijiet fl-għarfien u familjarità limitata mal-opportunitajiet ta' investiment.

Finalment, filwaqt li s-servizzi finanzjarji diġitali qed jespandu b'mod rapidu, ċerti gruppi tal-popolazzjoni—inklużi l-adulti akbar fl-età u l-individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli—jistgħu jiffaċċjaw ostakli relatati mal-kunfidenza diġitali, l-aċċess u l-għarfien dwar il-frodi. It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja diġitali huwa għalhekk dimensjoni dejjem aktar importanti tar-reżiljenza finanzjarja.

Meta jitqiesu flimkien, dawn is-sejbiet jenfasizzaw il-ħtieġa għal approċċ ta' politika komprensiv li jsaħħaħ il-kapaċità finanzjarja matul il-ħajja kollha filwaqt li jindirizza fatturi strutturali, ta' mġiba u istituzzjonali li jinfluwenzaw ir-riżultati finanzjarji.

Approċċ tul il-kors tal-ħajja għall-Kapaċità Finanzjarja

Il-kapaċità finanzjarja tiżviluppa progressivament maż-żmien u titfassal mill-ambjenti ta' deċiżjonijiet finanzjarji li jiltaqgħu magħhom l-individwi matul ħajjithom. L-imġibiet u l-attitudnijiet finanzjarji spiss jitfasslu kmieni fil-ħajja u jevolvu hekk kif l-individwi jiffaċċjaw responsabbiltajiet, opportunitajiet u riskji finanzjarji ġodda.

L-evidenza turi li l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja spiss jinqalgħu f'mumenti ta' tranżizzjoni, meta l-individwi jiltaqgħu ma' deċiżjonijiet finanzjarji ġodda, ma' kumplessità akbar jew ma' impenji finanzjarji fit-tul. Eżempji jinkludu d-dħul fis-suq tax-xogħol, l-immaniġġjar indipendenti tal-finanzi għall-ewwel darba, ix-xiri ta' dar, 'li tibni familja jew it-tħejjija għall-irtirar.

Għal din ir-raġuni, l-Istrateġija tadotta approċċ tul il-kors tal-ħajja, li jallinja l-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja mar-realtajiet finanzjarji differenti li jesperjenzaw l-individwi hekk kif jgħaddu minn stadji differenti tal-ħajja. Dan l-approċċ jippermetti li l-interventi politiċi jitwettqu f'mumenti fejn l-appoġġ finanzjarju jkun l-aktar rilevanti u l-aktar probabbli li jinfluwenza l-imġiba finanzjarja.

Tabella 1 - Fokus strateġiku skont il-koorti.



It-tfulija	L-Adoloxxenza	Adulti Żgħar	Bidu tal-Karriera u Familji	Adulti f'nofs il-karriera	Adulti akbar fl-età
6–10	11–17	18–25	26–34	35–59	60+
Familjarizzazzjoni mal-kunċetti tal-flus, tat-tfaddil u tal-infiq	Żvilupp ta' drawwiet finanzjarji, ibbaġitjar u teħid bikri ta' deċiżjonijiet finanzjarji	Il-ġestjoni tad-dħul, l-ibbaġitjar, it-tfaddil u l-għarfien dwar id-dejn	Deċiżjonijiet dwar l-akkomodazzjoni, impenji finanzjarji u ppjanar tat-tfaddil	Għarfien dwar l-investimenti, ippjanar finanzjarju u tħejjija għall-irtirar	Ġestjoni tad-dħul tal-irtirar, sigurtà finanzjarja u protezzjoni mill-frodi

Fl-istadji kollha tal-ħajja, il-vulnerabbiltà hija rikonoxxuta bħala dimensjoni trasversali, li tirrifletti l-fatt li individwi li jiffaċċjaw restrizzjonijiet soċjoekonomiċi jistgħu jesperjenzaw ostakli addizzjonali għall-kapaċità finanzjarja. Dan jinkludi individwi li jesperjenzaw nuqqas ta' sigurtà fid-dħul, livell ta' edukazzjoni miksub aktar baxx jew aċċess limitat għas-servizzi finanzjarji. Il-kapaċità finanzjarja diġitali tirrappreżenta wkoll tema trasversali importanti hekk kif is-servizzi finanzjarji qed jiċċaqalqu dejjem aktar lejn l-internet u l-individwi qed jiddependu aktar fuq għodod diġitali biex jimmaniġġjaw l-attivitajiet finanzjarji.

Prijoritajiet Strateġiċi ta' Politika

Abbażi tal-bażi tal-evidenza tal-Istrateġija u tal-qafas taċ-ċiklu tal-ħajja, erba' prijoritajiet strateġiċi ta' politika jiggwidaw l-azzjoni nazzjonali biex tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja madwar Malta.

Tabella 2 - Il-prijoritajiet tal-politika tal-Istrateġiji.

Implimentazzjoni u Governanza

L-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija teħtieġ arranġamenti istituzzjonali kkoordinati u strutturi ta' governanza ċari. Is-sorveljanza strateġika se tkun appoġġjata permezz ta' mekkaniżmi nazzjonali ta' koordinazzjoni li jinvolvu l-ministeri u l-istituzzjonijiet pubbliċi rilevanti. It-twettiq operattiv se jinvolvi kollaborazzjoni bejn l-aġenziji tal-gvern, ir-regolaturi, l-istituzzjonijiet edukattivi, il-fornituri tas-servizzi finanzjarji u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja se jitwasslu permezz ta' ambjenti ewlenin fejn l-individwi jiltaqgħu ma' deċiżjonijiet finanzjarji fil-ħajja ta' kuljum tagħhom, inklużi l-iskejjel, il-postijiet tax-xogħol, is-servizzi komunitarji u l-pjattaformi diġitali. Dan l-approċċ jgħin biex jiġi żgurat li l-appoġġ għall-kapaċità finanzjarja jkun aċċessibbli, rilevanti u integrat fl-istrutturi istituzzjonali eżistenti.

Figura 1 - L-Istrateġija ta' implimentazzjoni u l-istruttura ta' governanza.



Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim

L-Istrateġija tinkorpora qafas komprensiv ta' Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim (MEL) biex jiġu żgurati l-obbligu ta' rendikont, it-trasparenza u t-titjib kontinwu.

Il-progress se jiġi mmonitorjat permezz ta' kombinazzjoni ta' stħarriġ dwar il-litteriżmu finanzjarju tal-OECD/INFE, sorsi ta' data nazzjonali u indikaturi speċifiċi għall-koorti allinjati mal-qafas tal-kors tal-ħajja. Dawn l-indikaturi se jgħinu biex jiġu mmonitorjati l-iżviluppi fl-għarfien finanzjarju, fl-imġibiet u fl-attitudnijiet fost il-popolazzjoni.

Rieżami ta' nofs it-terminu fl-2028 u evalwazzjoni finali fl-2031 se jivvalutaw il-progress fil-kisba tal-objettivi tal-Istrateġija u se jappoġġjaw it-tagħlim adattiv tal-politika matul il-perjodu ta' implimentazzjoni.

KAPITOLU 1
Il-Viżjoni

Introduzzjoni

L-Istrateġija tistabbilixxi viżjoni għal soċjetà fejn kull ċittadin ikun jista' jieħu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati u kunfidenti f'kull stadju tal-ħajja. It-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja huwa essenzjali għall-għoti tas-setgħa ekonomika u r-reżiljenza soċjali, u jgħin lill-unitajiet domestiċi jinnavigaw fl-inċertezza, jippjanaw għall-ġejjieni u jibnu sigurtà fit-tul.

Filwaqt li l-inizjattivi preċedenti kisbu progress, sfidi ġodda, minn żieda fl-għoli tal-ħajja u pressjonijiet fuq l-akkomodazzjoni sad-diġitalizzazzjoni u l-frodi, qed joħolqu domandi ġodda. Dawn il-pressjonijiet jingħaqdu ma' nuqqasijiet eżistenti fl-ippjanar fit-tul, fit-tħejjija għall-irtirar u fil-kunfidenza finanzjarja. L-indirizzar tagħhom jeħtieġ sforz kontinwu u kkoordinat bejn is-setturi kollha.

Il-kapaċità finanzjarja tmur lil hinn mil-litteriżmu finanzjarju. Din tinkludi għarfien, ħiliet, attitudnijiet u mġibiet li jippermettu lin-nies jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom b'mod effettiv u jagħixxu b'kunfidenza. L-OECD tiddefinixxi l-kapaċità finanzjarja bħala:

> **"Il-kombinazzjoni ta' għarfien, ħiliet, attitudnijiet u mġibiet meħtieġa biex jittieħdu deċiżjonijiet finanzjarji sodi u fl-aħħar mill-aħħar jinkiseb il-benesseri finanzjarju"** (OECD/INFE 2015).

L-Istrateġija ssaħħaħ u tibni fuq il-qafas nazzjonali preċedenti dwar il-litteriżmu finanzjarju, filwaqt li tindirizza d-differenzi persistenti fil-prestazzjoni. L-Istħarriġ tal-OECD/INFE 2023 dwar il-Litteriżmu Finanzjarju fost l-Adulti juri li Malta tibqa' taħt il-medja tal-OECD, b'mod partikolari fl-imġiba finanzjarja u fl-ippjanar fit-tul, u jenfasizza l-ħtieġa għal approċċ aktar komprensiv (OECD, 2023b).

L-evidenza tenfasizza wkoll l-importanza li l-edukazzjoni finanzjarja tiġi integrata minn età bikrija sabiex jitrawmu mġibiet pożittivi u reżiljenza (OECD, 2020a). Għalhekk, l-Istrateġija tipprijoritizza l-integrazzjoni fl-edukazzjoni formali filwaqt li tespandi l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja mfassla apposta għal stadji u ċirkostanzi differenti tal-ħajja.

L-implimentazzjoni se tkun appoġġjata minn azzjoni kkoordinata bejn il-korpi pubbliċi, l-istituzzjonijiet edukattivi u l-partijiet ikkonċernati privati. L-indikaturi tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) se jsaħħu l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni f'konformità mal-aħjar prattika tal-UE (Kummissjoni Ewropea, 2023). Għal dan il-għan, qafas robust ta' Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim (MEL) se jkun operattiv matul il-perjodu ta' ħames snin.

L-għanijiet strateġiċi huma allinjati mill-qrib mal-istruttura tal-monitoraġġ u tal-KPIs, u jiżguraw li l-progress ikun kwantifikabbli, komparabbli u konsistenti kemm mal-indikaturi nazzjonali kif ukoll ma' dawk tal-OECD/INFE. Dan l-allinjament jiġi operazzjonalizzat permezz tal-qafas MEL iddettaljat fil-Kapitolu 7. Il-progress se jiġi mmonitorjat permezz ta' stħarriġ tal-OECD/INFE, sorsi ta' data nazzjonali u indikaturi speċifiċi għall-koorti, b'rieżami ta' nofs it-terminu fl-2028 u evalwazzjoni finali fl-2031.

Permezz ta' din l-Istrateġija, Malta għandha l-għan li ttejjeb ir-reżiljenza tal-unitajiet domestiċi, tippromwovi l-inklużjoni soċjali, u tappoġġja l-benesseri ekonomiku sostenibbli.

Ir-Raġunijiet għat-Tisħiħ tal-Kapaċità Finanzjarja

Malta tkompli tiffaċċja realtajiet finanzjarji li qed jevolvu u li jippreżentaw sfidi ġodda u kumplessi, li jżidu mal-kwistjonijiet eżistenti u jirriflettu l-kuntest partikolari ta' Malta. Fost dawn l-isfidi hemm nuqqasijiet persistenti fl-ippjanar finanzjarju fit-tul u fit-tħejjija għall-irtirar, flimkien ma' popolazzjoni li qed tixjieħ, spejjeż tad-djar li qed jiżdiedu u żieda drammatika fil-frodi finanzjarji diġitali.

Fl-Istħarriġ ta' Malta dwar il-Forza tax-Xogħol tal-2023 dwar il-pensjonijiet, l-NSO rrapporta li 3.9 % tal-benefiċjarji tal-pensjonijiet biss irċevew pensjoni privata, li jindika adozzjoni relattivament baxxa ta' tfaddil volontarju għall-irtirar (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2024). Din ix-xejra hija msaħħa mis-sejbiet tal-OECD tal-2023 li juru li 56 % tar-rispondenti kienu qed jistennew li jiddependu primarjament fuq il-pensjoni tal-Istat. Ir-Reviżjoni Strateġika tal-2025 maħruġa mill-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet, ippubblikata fl-2026, tidentifika b'mod espliċitu l-parteċipazzjoni baxxa fil-pensjonijiet privati bħala kwistjoni strutturali li teħtieġ aktar analiżi u riforma.

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà tkompli twassal għal pressjonijiet finanzjarji akbar fuq l-unitajiet domestiċi, u taffettwa direttament il-likwidità u l-kapaċità ta' tfaddil. Il-prezzijiet tal-proprjetà residenzjali f'Malta komplew jiżdiedu fl-2025, bl-Indiċi tal-Prezzijiet tal-Proprjetà Residenzjali (RPPI) jilħaq 171.93 fit-tieni trimestru—żieda ta' 5.6 % meta mqabbel mas-sena ta' qabel—u jitla' għal 174.63 fit-tielet trimestru, żieda annwali ta' 5.7 %, li jenfasizza l-pressjonijiet kontinwi fuq l-affordabbiltà (Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, 2025).

Dan il-kuntest jenfasizza l-ħtieġa għal attenzjoni kontinwa u rispons strutturat. Filwaqt li tirrikonoxxi dawn iċ-ċirkostanzi li qed jinbidlu, l-Istrateġija tibni fuq viżjoni konsistenti li ggwidat kemm din l-istrateġija kif ukoll dawk preċedenti.

Fehim tal-Kapaċità Finanzjarja: Determinanti u Kuntest

L-Istrateġija tieħu perspettiva prattika tal-kapaċità finanzjarja, filwaqt li tirrikonoxxi li d-deċiżjonijiet finanzjarji tan-nies huma mfassla mhux biss mill-ħiliet individwali iżda wkoll miċ-ċirkostanzi usa' li fihom jgħixu u jaħdmu. Fatturi bħall-istabbiltà tad-dħul, l-aċċess għal servizzi finanzjarji u diġitali, il-kundizzjonijiet tal-impjieg, il-livelli tal-edukazzjoni u l-appoġġ soċjali kollha jinfluwenzaw kemm in-nies jistgħu jimmaniġġjaw il-finanzi tagħhom b'mod effettiv. Dawn jinteraġixxu mar-realtajiet tal-istadji tal-ħajja, u jenfasizzaw il-ħtieġa għal ambjenti li jippermettu b'mod attiv imġibiet finanzjarji pożittivi minflok ma jiddependu biss fuq il-provvista tal-informazzjoni.

Il-familji għandhom rwol kruċjali fit-tiswir ta' drawwiet u valuri bikrija dwar il-flus. Il-komunitajiet joffru spazji għall-appoġġ u t-tagħlim soċjali. L-istituzzjonijiet, kemm pubbliċi kif ukoll privati, jiddeterminaw l-aċċess għal faċilitaturi ewlenin bħas-servizzi finanzjarji, l-edukazzjoni, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-benefiċċji soċjali.

Hekk kif l-ambjent ekonomiku u soċjali jevolvi, permezz tad-diġitalizzazzjoni, tas-swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, tad-dinamika tal-akkomodazzjoni jew, tat-tixjiħ demografiku, id-determinanti tal-kapaċità finanzjarja jinbidlu wkoll, kif esplorat f'aktar dettall fl-evidenza ppreżentata f'Kapitolu 2.

Allinjament Strateġiku mal-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali

Filwaqt li tibni fuq pedament sod ta' sforzi nazzjonali preċedenti u hija bbażata fuq pjattaformi bħal ĠEMMA u fuq kollaborazzjoni bejn l-aġenziji, din l-istrateġija tirrappreżenta t-tielet qafas iddedikat f'dan il-qasam.

Il-kapaċità finanzjarja ukoll trid tkun parti minn ekosistema ta' politika usa' u interkonnessa. F'dawn l-aħħar snin, il-Gvern ta' Malta adotta numru ta' strateġiji tematiċi, jew "vertikali", li jindirizzaw il-motivaturi ewlenin tal-inklużjoni u l-esklużjoni soċjali, li ħafna minnhom jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja (MSF). Dawn l-istrateġiji, li jestendu sal-2031 u lil hinn minnha, jistabbilixxu direzzjonijiet ta' politika f'oqsma bħall-edukazzjoni, l-anzjanità attiva, l-iżvilupp tat-tfal u l-prevenzjoni tal-faqar - setturi integrati mill-qrib mar-riżultati tal-kapaċità finanzjarja.

Diversi oqfsa ta' politika nazzjonali, fosthom il-Qafas ta' Politika Nazzjonali dwar it-Tfal 2024-2030 (MSF, 2024), il-Politika Strateġika Nazzjonali għall-Anzjanità Attiva 2023-2030 (MHA, 2023) u l-Istrateġija Nazzjonali għat-Tnaqqis tal-Faqar u l-Inklużjoni Soċjali 2025-2035 (MSF, 2024), jenfasizzaw l-importanza ta' aspetti differenti tal-kapaċità finanzjarja. Ir-Rapport tal-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet tal-2025 isaħħaħ ukoll l-importanza ta' ppjanar għall-irtirar aktar bikri u infurmat aħjar.

Abbażi ta' gwida internazzjonali, speċifikament l-oqfsa tal-litteriżmu finanzjarju tal-OECD/INFE tal-2015 għall-adulti u t-tfal, id-dokument tal-politika jinkorpora d-dimensjonijiet ta' kejl li huma l-għarfien, l-imġibiet u l-attitudnijiet, li jinfurmaw id-disinn, l-immirar u l-evalwazzjoni tal-intervent nazzjonali.

Min-naħa l-oħra, mill-perspettiva operattiva, id-Dokument ta' Politika jintegra l-elementi enfasizzati fl-Istrateġija tal-UE dwar il-litteriżmu finanzjarju, immirata lejn it-tisħiħ tal-koordinazzjoni, it-twassil transsettorjali u l-komparabbiltà tar-riżultati fost l-Istati Membri (Kummissjoni Ewropea, 2025).

Meħudin flimkien, dawn l-oqfsa jipprovdu bażi ċara u konsistenti għall-azzjoni nazzjonali, u jiżguraw l-allinjament mal-istandards internazzjonali filwaqt li jimminimizzaw it-trikkib u d-duplikazzjoni. Barra minn hekk, l-Istrateġija għandha l-għan li tikkontribwixxi direttament għall-Viżjoni Soċjali għal Malta 2035 (Ministeru għall-Politika Soċjali u l-Familja, 2023) usa', li taspira għal soċjetà ġusta, inklużiva u reżiljenti, fejn ħadd ma jitħalla barra u kulħadd ikollu l-opportunità li jipparteċipa bis-sħiħ u jirnexxi.

Fl-aħħar mill-aħħar, dan id-dokument ta' politika jintegra l-kapaċità finanzjarja fil-qafas strateġiku nazzjonali minflok ma jittrattaha bħala inizjattiva awtonoma. Dan l-approċċ joħloq ċiklu tal-ħajja komprensiv ta' appoġġ li jnaqqas id-distakk bejn l-edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel, il-gwida finanzjarja għall-adulti u l-indipendenza finanzjarja sostenibbli aktar tard fil-ħajja.

Bażi ta' Evidenza u Disinn tal-Istrateġija

Żviluppat permezz ta' proċess strutturat u kollaborattiv immexxi minn ĠEMMA fi ħdan l-MSF, bl-użu ta' metodoloġija kollaborattiva li tgħaqqad ir-riċerka sekondarja ma' data primarja, inkluż konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u gruppi fokali, biex jipproduċi qafas ibbażat fuq l-evidenza għall-implimentazzjoni u l-konsultazzjoni pubblika. Il-bażi ta' evidenza tintegra reviżjoni tal-letteratura u tal-politika, involviment tal-partijiet ikkonċernati, gruppi fokali maqsumin skont l-età u msaħħa aktar permezz ta' eżerċizzju ta' prospettiva strateġika.

Il-metodoloġija ddettaljata, l-kopertura tal-partijiet ikkonċernatiti u l-limitazzjonijiet huma pprovduti fl-Anness A (Metodoloġija u Bażi ta' Evidenza), u r-reġistru tal-partijiet ikkonċernati fl-Anness B.

Is-sejbiet minn dan ix-xogħol huma sintetizzati fil-Kapitolu 2 (kuntest) u applikati fil-Kapitolu 4 (analiżi tal-koorti) biex jinfurmaw interventi mmirati.

Objettivi Strateġiċi u Prijoritajiet ta' Politika

L-Istrateġija tittraduċi l-viżjoni ta' Malta għall-kapaċità finanzjarja f'sett ta' objettivi ċari u prijoritajiet strateġiċi. Dawn jiddefinixxu dak li l-Istrateġija tfittex li tikseb u kif se tagħmel dan, filwaqt li tiżgura l-kontinwità mal-isforzi nazzjonali preċedenti u tadatta għal sfidi u opportunitajiet ġodda identifikati permezz tar-riċerka u l-konsultazzjoni.

Objettivi

L-Istrateġija għandha l-għan li:

- Tappoġġja lill-individwi biex jifhmu, jippjanaw u jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati b'kunfidenza u b'awtonomija.
- Tiżgura li l-isforzi fil-kapaċità finanzjarja jirrispondu għall-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi affaċċjati fi stadji differenti tal-ħajja.
- Ittejjeb l-aċċess ekwu għall-informazzjoni finanzjarja, il-gwida, u s-servizzi ta' appoġġ fost il-gruppi tal-popolazzjoni kollha.

- Tippromwovi l-użu sikur u inklużiv ta' pjattaformi u għodod diġitali biex jappoġġjaw id-deċiżjonijiet finanzjarji ta' kuljum.
- Trawwem kollaborazzjoni aktar b'saħħitha bejn is-setturi sabiex jitwettqu inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja koerenti, konsistenti u b'impatt qawwi.

Dawn l-objettivi huma allinjati mal-qafas ta' erba' pilastri tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Litteriżmu Finanzjarju għall-2025: il-koordinazzjoni u l-aħjar prattiki; il-komunikazzjoni u s-sensibilizzazzjoni; il-monitoraġġ tal-progress u l-valutazzjoni tal-impatti; u l-finanzjament għall-inizjattivi tal-litteriżmu finanzjarju (il-Kummissjoni Ewropea, 2025).

Prijoritajiet Strateġiċi ta' Politika

L-Istrateġija hija ggwidata minn erba' prijoritajiet ta' politika, li kull waħda minnhom hija msejsa fuq il-letteratura empirika stabbilita (Lusardi & Mitchell, 2014; OECD, 2020a) u sostanzjata minn evidenza lokali estensiva. Din il-bażi ta' evidenza, ddettaljata fil-Kapitolu 2, tinkorpora aktar letteratura empirika b'sejbiet mill-konsultazzjonijiet nazzjonali mal-partijiet ikkonċernati, gruppi fokali ma' koorti demografiċi diversi, u l-eżerċizzji ta' prospettiva strateġika mwettqa. Dawn il-prijoritajiet jiġu sussegwentement elaborati fil-kapitoli li ġejjin, u jirriflettu kemm l-aħjar prattiki internazzjonali kif ukoll ir-realtajiet soċjoekonomiċi speċifiċi tal-popolazzjoni Maltija.

1 Tagħlim Kontinwu, Tul il-Ħajja

Il-kapaċità finanzjarja tiżviluppa maż-żmien u trid titrawwem minn età bikrija. L-Istrateġija tpoġġi enfasi partikolari fuq l-edukazzjoni finanzjarja bikrija matul it-tfulija u l-adolexxenza, u tirrikonoxxiha bħala fażi kritika għat-tiswir tal-attitudnijiet u l-imġibiet. Fl-istess ħin, tappoġġja opportunitajiet għall-individwi kollha biex jibnu ħiliet u kunfidenza fi tranżizzjonijiet ewlenin fil-ħajja, inkluż id-dħul fis-suq tax-xogħol, in-navigar tal-ħajja tal-familja, l-irtirar, u xokkijiet finanzjarji mhux mistennija.

2 Appoġġ Personalizzat u Mmirat

Il-gwida finanzjarja għandha tirrifletti l-ħtiġijiet diversi tal-popolazzjoni ta' Malta. L-Istrateġija tippromwovi interventi mfassla apposta li jirrispondu għal ċirkostanzi tal-ħajja, livelli ta' vulnerabbiltà, u litteriżmu finanzjarju u kapaċità finanzjarja differenti. Kemm jekk jingħata appoġġ lil adulti żgħar, lil unitajiet domestiċi bi dħul baxx, kif ukoll lil persuni akbar fl-età, l-għan huwa li jingħata appoġġ rilevanti u aċċessibbli fejn u meta jkun meħtieġ l-aktar.

3 Tnaqqis tad-Distakk bejn l-Aċċess Diġitali u l-Fiduċja

Hekk kif is-servizzi u l-għodod finanzjarji qed jiċċaqalqu dejjem aktar online, l-Istrateġija tappoġġja l-adozzjoni tal-finanzi diġitali filwaqt li tiżgura li s-soluzzjonijiet ikunu siguri, faċli għall-utent u inklużivi. Dan jinkludi l-promozzjoni tal-litteriżmu diġitali, il-bini tal-fiduċja fit-teknoloġija, u t-tisħiħ tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi, speċjalment għal gruppi aktar vulnerabbli jew eskluż diġitalment. Fl-istess ħin, l-Istrateġija tirrikonoxxi l-importanza li jinżammu soluzzjonijiet aċċessibbli ta' teknoloġija baxxa jew assistiti għal individwi li ma jistgħux jiddependu biss fuq kanali diġitali.

4 Tisħiħ tal-Kollaborazzjoni Transsettorjali

Il-promozzjoni tal-kapaċità finanzjarja teħtieġ azzjoni konġunta. L-Istrateġija titlob koordinazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-entitajiet tal-gvern, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-NGOs, il-forniturі edukattivi u r-regolaturi. Dan l-approċċ kollaborattiv jiżgura li r-riżorsi jintużaw b'mod effettiv, li tiġi evitata d-duplikazzjoni, u li l-individwi jesperjenzaw appoġġ aktar koerenti u konsistenti.

Flimkien, dawn il-prijoritajiet strateġiċi juru impenn fit-tul biex tissaħħaħ il-kapaċità finanzjarja fis-soċjetà kollha. Dan il-qafas jippromwovi azzjonijiet prattiċi u li jħarsu 'l quddiem imfassla biex jibnu r-reżiljenza u jtejbu r-riżultati finanzjarji matul il-ħajja kollha.

KAPITOLU 2
Il-Kuntest Nazzjonali

Minkejja l-isforzi sostnuti minn partijiet ikkonċernatiewlenin, għad hemm nuqqasijiet sinifikanti fil-kapaċità finanzjarja, li jillimitaw il-ħila tal-individwi li jimmaniġġjaw il-finanzi ta' kuljum b'mod effettiv, jippjanaw għall-ġejjieni u jibnu r-reżiljenza kontra xokkijiet finanzjarji. Barra minn hekk, hekk kif it-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji qed isir dejjem aktar kumpless minħabba li l-prodotti qed isiru aktar sofistikati, aktar diġitalizzati u ħafna drabi jinvolvu riskji fuq medda itwal ta' żmien, qed titqiegħed dejjem aktar responsabbiltà fuq l-individwi biex jagħmlu għażliet infurmati u prudenti.

Il-Kapaċità Finanzjarja Attwali f'Malta: Punti ta' Saħħa u Nuqqasijiet

Prestazzjoni Mħallta: Saħħa fl-Imġiba, Nuqqasijiet fl-Ippjanar u fl-Għarfien

B'mod ġenerali, il-valutazzjoni komparattiva nazzjonali u internazzjonali jikklassifikaw il-prestazzjoni ta' Malta bħala moderatament b'saħħitha, b'riżultati pożittivi f'ċerti mġibiet iżda b'nuqqasijiet notevoli fl-ippjanar u fl-għarfien (irreferi għat-tabella 1).

Meta wieħed jidħol aktar fil-fond fl-istatistika, wieħed jista' jinnota li l-indikaturi tal-imġiba huma l-aktar qasam b'saħħtu f'Malta. Fil-fatt, aktar minn 80 % tal-adulti Maltin jirrapportaw li jiffrankaw regolarment (83 %), u b'hekk Malta tinsab ferm 'il fuq mill-medji kemm tal-OECD (71 %) kif ukoll minn dawk globali (68 %) (kif ikompli jiġi kkorroborat mid-data tal-istħarriġ dwar il-Finanzi u l-Konsum tal-Unitajiet Domestiċi f'Malta għall-mewġa tal-2021, ippubblikata fl-2023 mill-Bank Ċentrali ta' Malta). L-istess rapport jipprovdi wkoll validazzjoni għal-livelli għoljin ta' reżiljenza finanzjarja nnotati fl-istħarriġ tal-OECD/INFE, filwaqt li jenfasizza ġid nett għoli fost l-unitajiet domestiċi (immexxi minn rata ta' sjieda ta' djar ta' 79 %), kif ukoll preferenza qawwija kontinwa għal assi likwidi, b'96 % tal-unitajiet domestiċi jżommu depożiti bankarji, li jikkostitwixxu 59 % tal-assi finanzjarji tal-unitajiet domestiċi.

Barra minn hekk, il-maġġoranza tħallas il-kontijiet fil-ħin ukoll (91 %), osservazzjoni appoġġjata mid-data tal-EU-SILC 2023 li turi li l-unitajiet domestiċi Maltin għandhom rati aktar baxxi ta' arretrati fuq il-kontijiet tas-servizzi u s-self ipotekarju (5-6 %) meta mqabbla mal-medja tal-UE (9-11 %) (NSO, 2023). L-adulti Maltin jikkunsidraw ukoll l-affordabbiltà qabel ma jagħmlu xirjiet (77 %), li jirrifletti ġestjoni prudenti tal-flus fuq terminu qasir u dixxiplina finanzjarja b'saħħitha. Barra minn hekk, żewġ terzi (66 %) jirrapportaw li jistabbilixxu għanijiet finanzjarji fit-tul, li huwa livell sinifikattivament ogħla mill-medja tal-OECD ta' 45 %. B'kollox, dawn ix-xejriet jissuġġerixxu li l-adulti Maltin juru mġibiet finanzjarji robusti, li hija riflessa wkoll f'livell relattivament għoli ta' reżiljenza finanzjarja: 72 % jgħidu li jistgħu jkopru spiża kbira mhux mistennija mingħajr ma jissellfu, ħafna ogħla mill-medja tal-OECD (62%).

Madankollu, dan il-punt ta' saħħa fl-imġiba ma huwiex rifless fl-għarfien finanzjarju jew fl-ippjanar fit-tul. L-adulti Maltin jiksbu punteġġ ftit inqas mill-aktar medja riċenti tal-OECD tal-2023 fl-Għarfien Finanzjarju, bi 63 punt f'Malta, meta mqabbel ma' medja ta' 67 minn 100 punt fil-pajjiżi parteċipanti tal-OECD. B'mod konsistenti ma' din ix-xejra, l-evidenza tal-UE tindika wkoll nuqqasijiet persistenti fl-għarfien: il-Flash Eurobarometer tal-2023 dwar il-litteriżmu finanzjarju (Kummissjoni Ewropea, 2023) juri li 26 % biss tar-rispondenti Maltin jilħqu livell għoli ta' għarfien finanzjarju (iwieġbu b'mod korrett mill-inqas erbgħa minn ħames mistoqsijiet dwar l-għarfien), 54 % livell medju (2-3 tweġibiet korretti) filwaqt li 19 % jiksbu punteġġ baxx (0–1 tweġiba korretta).

L-involviment diġitali u fis-suq jibqgħu punti dgħajfin. Madwar 9 % biss tal-adulti Maltin jirrapportaw li jqabblu l-prodotti finanzjarji bejn il-forniturі, meta mqabbla ma' 25 % fil-kampjun tal-OECD, li jissuġġerixxi livell baxx ta' involviment fis-swieq finanzjarji u fl-għażla tal-konsumatur. Bl-istess mod, 31 % biss jimmaniġġjaw il-prodotti finanzjarji online, u b'hekk jibqgħu lura b'mod sinifikanti mill-medja tal-OECD ta' 46%. Dan l-approċċ konservattiv jista' jkun minħabba fiduċja baxxa fis-swieq finanzjarji, avversjoni għar-riskju, jew esponiment limitat għall-edukazzjoni dwar l-investiment.

L-aktar nuqqas evidenti jinsab fit-tħejjija għall-irtirar. Fl-istħarriġ tal-OECD tal-2018, 45 % tal-adulti Maltin irrapportaw li ma kellhom l-ebda pjan tal-irtirar. Din iċ-ċifra tjiebet b'mod modest fl-istħarriġ tal-OECD tal-2023; madankollu, is-sitwazzjoni ġenerali tibqa' ta' tħassib. Aktar minn nofs (56 %) tar-rispondenti jistennew li jiddependu primarjament fuq il-pensjoni tal-istat, u 19 % biss għandhom pensjoni privata. Din id-data mill-istħarriġ tal-OECD tal-2023 hija kkonfermata minn data nazzjonali mill-NSO (NSO, 2024) u mir-rapporti tas-Sigurtà Soċjali (NSO, 2023): 90-95 % tal-pensjonanti Maltin jiddependu primarjament fuq il-pensjoni tal-Istat tal-ewwel pilastru. 11 % oħra ma jemmnux li huma ppreparati finanzjarjament għall-irtirar, skont l-istħarriġ tal-OECD tal-2023.

Dawn iċ-ċifri jiżvelaw nuqqas ta' impenn sistemiku fit-tfaddil u l-investiment fit-tul, li jħalli ħafna ċittadini vulnerabbli għall-insigurtà fid-dħul aktar tard f'ħajjithom. Dan il-mudell huwa konformi mas-sejbiet tar-Reviżjoni Strateġika tal-2025 dwar l-Adegwatezza, is-Sostenibbiltà u s-Solidarjetà tas-Sistema tal-Pensjonijiet ta' Malta, imħejjija mill-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet. Ir-reviżjoni tenfasizza t-tixjiħ demografiku, il-pressjonijiet fuq is-sostenibbiltà u l-importanza li jissaħħu d-dispożizzjonijiet ta' tfaddil komplementari għall-irtirar flimkien mal-pensjoni tal-Istat. Dawn il-kunsiderazzjonijiet strutturali jsaħħu l-ħtieġa għal kapaċità finanzjarja msaħħa fl-ippjanar fit-tul u fil-parteċipazzjoni volontarja fil-pensjonijiet.

Table 3 - Financial Literacy Indicators - Malta and Global - OECD/INFE Survey (2023b)

Indikatur	Malta	Medja Globali/ tal-OECD	Xi jfisser
Indikatur Globali			
Litteriżmu Finanzjarju (0-100)	**68**	60 (Kollha) 63 (OECD)	Bażi ogħla mill-medja
Għarfien Finanzjarju (minn 35)	**21**	22 (Kollha) 23 (OECD)	
Imġibiet Finanzjarji (minn 45)	**35**	27 (Kollha) 28 (OECD)	
Attitudnijiet Finanzjarji (minn 20)	**13**	11 (Kollha) 12 (OECD)	
Indikaturi Ddettaljati			
Adulti li jżommu kont tal-flus fuq perjodu qasir	**62%**	63% (Globali) 65% (OECD)	Opportunità biex jiġu promossi l-ibbaġitjar u l-immaniġġjar ta' kuljum tal-flus
Adulti li jfaddlu b'mod attiv	**83%**	68% (Globali) 71% (OECD)	Kultura qawwija ta' tfaddil
Adulti li m'għandhomx bżonn jissellfu biex ikampaw	**66%**	68% (Globali) 71% (OECD)	Pressjoni finanzjarja moderata
Adulti li jagħmlu xiri kkunsidrat	**77%**	70% (Globali) 68% (OECD)	Infiq maħsub
Adulti li qabblu prodotti finanzjarji bejn il-fornituri	**9%**	26% (Globali) 25% (OECD)	Involviment baxx
Adulti li jistabbilixxu għanijiet finanzjarji fit-tul	**66%**	50% (Globali) 45% (OECD)	Orjentazzjoni u mġiba ta' ppjanar futuri
Adulti li jħallsu l-kontijiet fil-ħin	**91%**	77% (Globali) 83% (OECD)	Drawwiet tajbin fuq terminu qasir
Adulti li mmaniġġjaw prodotti u servizzi finanzjarji online	**31%**	39% (Globali) 46% (OECD)	Latenza diġitali
Adulti li jiddikjaraw li d-dħul tagħhom kopra l-ispejjeż tal-għajxien	**49%**	56% (Globali) 64% (OECD)	Pressjoni fuq il-baġit
Adulti li jistgħu jħallsu spiża kbira mingħajr ma jissellfu	**72%**	54% (Globali) 62% (OECD)	Reżiljenza finanzjarja

Kapaċità mhux Uniformi fost il-Popolazzjoni

Il-kapaċità finanzjarja mhix imqassma b'mod ugwali fost il-popolazzjoni Maltija ĠEMMA/OECD, A Study on Adult Financial Literacy in Malta, 2024; kif ukoll (Mallia, 2015; Formosa, 2012; IMF, 2025). Barra minn hekk, id-diverġenzi bejn individwi u sottogruppi differenti ma jirriżultawx minn kawża ewlenija waħda. Pjuttost, l-inugwaljanza tirrifletti l-paradigma b'ħafna livelli tal-kapaċità finanzjarja, ikkaratterizzata minn numru kbir ta' limitazzjonijiet strutturali, fatturi ta' mġiba u tranżizzjonijiet tul il-ħajja, li jimmanifestaw b'mod differenti fost il-gruppi tal-popolazzjoni u l-istadji tal-ħajja.

L-iżvilupp ta' kull element permezz ta' varjabbli kritiċi speċifiċi jiżvela ċ-ċirkostanzi uniċi, u magħhom, id-distakki fil-kapaċità fost segmenti distinti tal-popolazzjoni. Pereżempju, id-distinzjoni tal-popolazzjoni skont l-età turi li:

- L-adulti żgħażagħ għandhom it-tendenza li jagħtu prijorità lil għanijiet ta' żmien qasir bħall-akkwist ta' dar jew il-familja minflok it-tfaddil fuq żmien twil. Ħafna jaraw l-ippjanar għall-irtirar bħala kwistjoni fil-bogħod, minkejja li jinsabu fil-perjodu ideali biex jibdew jakkumulaw tfaddil għall-pensjoni.
- Individwi bi dħul baxx u dawk b'livelli aktar baxxi ta' edukazzjoni huma inqas probabbli li jżommu kont tal-infiq tagħhom, jużaw għodod finanzjarji formali, jew ikollhom aċċess għal pariri finanzjarji.
- L-adulti akbar fl-età jiffaċċjaw sfidi bl-għodod diġitali u huma inqas probabbli li jużaw soluzzjonijiet tal-fintech li jissimplifikaw l-ibbaġitjar jew il-protezzjoni kontra l-frodi.
- In-nisa jirrapportaw kunfidenza finanzjarja aktar baxxa u kopertura tal-pensjoni aktar baxxa, għalkemm hemm bżonn ta' aktar data diżaggregata skont il-ġeneru għal valutazzjoni sħiħa.

Dawn id-differenzi osservati jistgħu jinftiehmu aħjar billi jitqiesu t-tipi differenti ta' restrizzjonijiet u pressjonijiet li jaffettwaw il-kapaċità finanzjarja fl-istadji ewlenin tal-ħajja (li xorta jibqgħu, bejn wieħed u ieħor, perfettament korrelatati mal-età tal-individwu). Fi kliem ieħor, l-inizjattivi dwar il-kapaċità finanzjarja b'mod ġenerali ma jistgħux jassumu approċċ uniformi għal kulħadd, u azzjoni effettiva għandha tirrifletti r-realtajiet ta' segmenti differenti tal-popolazzjoni (permezz ta' flessibbiltà fil-politika). Dan jinkludi: t

(i) L-immirar skont l-istadji tal-ħajja (eż., moduli ta' onboarding ibbażati fuq il-post tax-xogħol għal dawk li jidħlu fl-ewwel impjieg; gwida ta' qabel l-irtirar u appoġġ għad-deċiżjonijiet dwar il-pensjoni għall-koorti aktar anzjani);

(ii) Kanali ta' distribuzzjoni segmentati (eż., provvediment ibbażat fl-iskejjel għall-adolexxenti; mezz tal-impjegaturi għall-adulti fl-età tax-xogħol; outreach immexxija mill-komunità u mill-NGOs għall-unitajiet domestiċi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli; u pjattaformi diġitali aċċessibbli għal dawk li jippreferu appoġġ online);

(iii) Għodod ibbażati fuq l-imġibiet biex jittraduċu l-għarfien f'azzjoni (eż., prompts għall-ibbaġitjar, mekkaniżmi ta' impenn għat-tfaddil, arkitettura tal-għażla simplifikata għat-tqabbil tal-prodotti, u għażliet prestabbiliti fejn xieraq); u

(iv) Appoġġ għall-kapaċità inkorporat f'servizzi użati minn gruppi vulnerabbli, bħall-integrazzjoni ta' appoġġ għall-ibbaġitjar, pariri dwar id-dejn u mogħdijiet ta' appoġġ għar-riferiment fis-servizzi tal-impjiegi, fl-assistenza fl-akkomodazzjoni u fil-punti ta' kuntatt tal-protezzjoni soċjali. Dawn il-punti se jiġu operazzjonalizzati fil-kapitolu 7.

Konklużjonijiet mill-Profil Attwali tal-Kapaċità Finanzjarja ta' Malta

L-evidenza fil-livell nazzjonali tippreżenta stampa sfumata:t

- Aspetti fundamentali b'saħħithom: Malta turi rati għoljin ta' tfaddil, imġibiet prudenti fuq terminu qasir, u reżiljenza finanzjarja relattivament tajba.
- Nuqqasijiet persistenti: L-għarfien finanzjarju, l-ippjanar fit-tul (speċjalment għall-irtirar), u l-użu ta' prodotti ta' investiment jibqgħu oqsma dgħajfa.
- Inugwaljanza diġitali: L-adulti akbar fl-età u l-gruppi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli jinsabu f'riskju li jiġu esklużi minn għodod finanzjarji diġitali.
- Segmentazzjoni skont l-imġiba: Jeżistu mudelli distinti fost il-gruppi tal-età, tal-edukazzjoni u soċjoekonomiċi, li jeħtieġu interventi differenzjati u mmirati.

Dawn is-sejbiet ġew ikkorroborati fil-biċċa l-kbira tagħhom permezz ta' intervisti mal-partijiet ikkonċernati u u diskussjonijiet ta' gruppi fokali li twettqu. Il-parteċipanti kkonfermaw b'mod konsistenti l-preżenza ta' kultura qawwija ta' tfaddil iżda enfasizzaw ukoll l-involviment limitat ma' prodotti ta' investiment u nuqqas ta' tħejjija mifrux għall-irtirar. Barra minn hekk, diversi partijiet ikkonċernati semmew tendenza persistenti fost l-adulti kemm iż-żgħar kif ukoll dawk akbar fl-età li jipprijoritizzaw il-ħtiġijiet finanzjarji immedjati fuq l-ippjanar fit-tul, li tirrifletti d-data tal-istħarriġ.

Barra minn hekk, wieħed għandu jinnota wkoll li s-sorsi nazzjonali ta' validazzjoni kkonsultati jinkludu l-kontijiet tas-settur tal-unitajiet domestiċi tal-NSO tal-2024 dwar ir-rata ta' tfaddil, li jindikaw ir-rata ta' tfaddil tal-unitajiet domestiċi komparattivament għolja ta' Malta (NR 226/2025); l-Istudju ta' ĠEMMA/OECD dwar il-Litteriżmu Finanzjarju fost l-Adulti f'Malta 2024; l-istatistika tal-ICT tal-UE li tiddokumenta d-differenzi fil-ħiliet diġitali relatati mal-età; u l-istudju ta' każ Malti ta' Formosa dwar l-esklużjoni diġitali f'fażi aktar avvanzata tal-ħajja (2013). Sorsi oħra kkonsultati jinsabu fil-lista ta' referenzi.

Evidenza Supplimentari:
Sejbiet dwar l-Investiment Nazzjonali u l-Involviment tas-Suq

Minbarra d-data tal-istħarriġ ibbażata fuq parametraġġ referenzjarju internazzjonali, dan l-aħħar ġiet iġġenerata evidenza addizzjonali fil-livell nazzjonali permezz ta' proġett ta' Strument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) immexxi mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Deskrittivament, il-kampjun tal-istħarriġ huwa ġeneralment ibbilanċjat bejn is-sessi u fil-biċċa l-kbira ekonomikament attiv, b'rappreżentanza qawwija fost il-gruppi fl-aqwa età tax-xogħol u b'parteċipazzjoni sinifikanti minn koorti aktar anzjani. Id-distribuzzjoni tad-dħul hija kkonċentrata f'unitajiet domestiċi bi dħul minn baxx sa medju, u l-livell ta' edukazzjoni miksub huwa l-aktar fil-livell sekondarju. Il-biċċa l-kbira tar-rispondenti huma impjegati u jgħixu f'unitajiet domestiċi bbażati fuq il-familja. L-għarfien dwar l-investiment awtovalutat jinġabar madwar il-medda tan-nofs, bil-maġġoranza jiddeskrivu l-għarfien tagħhom bħala "madwar il-medja" u relattivament ftit isostnu li għandhom għarfien għoli. Il-kuxjenza u s-sjieda ta' prodotti finanzjarji huma kkonċentrati ħafna fil-prodotti bankarji u tal-assigurazzjoni mainstream, filwaqt li l-familjarità ma' strumenti aktar kumplessi hija estremament limitata. Il-kontijiet kurrenti u ta' tfaddil huma mifruxa b'mod wiesa', flimkien ma' parteċipazzjoni moderata fl-assigurazzjoni fuq il-ħajja, fl-ipoteki, fl-ishma, fil-bonds tal-gvern, u fil-pensjonijiet privati. Il-ġid huwa kkonċentrat b'mod qawwi fil-proprjetà immobbli, b'maġġoranza kbira li għandhom ir-residenza primarja tagħhom u sehem sinifikanti li għandhom proprjetà addizzjonali.

Is-sjieda ta' dar hija meqjusa b'mod wiesa' bħala objettiv finanzjarju primarju, u ħafna minn dawk li wieġbu jagħtu prijorità lix-xiri ta' proprjetà qabel ma jinvestu fis-swieq finanzjarji. Filwaqt li pluralità tqis il-proprjetà immobbli bħala aktar sigura u li potenzjalment toffri rendimenti ogħla mis-swieq tal-kapital, livell konsiderevoli ta' newtralità u inċertezza jindikaw fiduċja mħallta fir-riskju u r-rendiment komparattivi. L-imġibiet tat-tfaddil huma primarjament immexxija permezz ta' istituzzjonijiet bankarji formali, għalkemm sehem notevoli jkompli jiffranka fi flus kontanti. Il-parteċipazzjoni attiva fl-investimenti finanzjarji tibqa' limitata, bl-investimenti jkunu ffinanzjati l-aktar permezz ta' tfaddil personali aktar milli permezz ta' self. Fost dawk li ma jinvestux, il-biża' minn telf, id-dħul disponibbli limitat u n-nuqqasijiet fl-għarfien huma ostakli prominenti, flimkien ma' preferenza għall-investiment fil-proprjetà immobbli, li jirriflettu avversjoni ġenerali għar-riskju u restrizzjonijiet finanzjarji.

Il-kunfidenza finanzjarja diġitali hija ġeneralment għolja, b'mod partikolari fit-twettiq ta' pagamenti online u ta' tranżazzjonijiet diġitali bażiċi. Il-biċċa l-kbira ta' dawk li wieġbu jadottaw prattiki standard ta' sigurtà bħal passwords b'saħħithom, għalkemm għodod aktar avvanzati huma inqas użati. L-inċidenza rrappurtata ta' frodi jew scams diġitali hija relattivament baxxa iżda mhux negliġibbli, u l-kunfidenza fir-rikonoxximent ta' scams hija komparattivament għolja. L-aspettattivi tal-irtirar jibqgħu ankrati ħafna fis-sistema pubblika tal-pensjonijiet, ikkumplimentati minn tfaddil personali u adozzjoni moderata ta' pjanijiet ta' pensjoni privata, li jindika mudell imħallat iżda dipendenti fuq l-Istat għall-ippjanar għall-irtirar. Is-sjieda ta' kriptoassi hija preżenti iżda mhux dominanti, ħafna drabi motivata minn interess rikreattiv jew esperimentali aktar milli minn investiment strateġiku, u hija akkumpanjata minn nuqqasijiet sinifikanti fl-għarfien rigward il-protezzjonijiet legali u l-implikazzjonijiet tar-riskju. B'mod ġenerali, is-sejbiet juru popolazzjoni finanzjarjament impenjata iżda konservattiva, ikkaratterizzata minn dipendenza qawwija fuq is-servizzi bankarji tradizzjonali u l-proprjetà, litteriżmu finanzjarju moderat, kunfidenza diġitali għolja, u kawtela persistenti fir-rigward ta' strumenti finanzjarji aktar kumplessi jew ta' riskju ogħla.

Influwenzi strutturali, komportamentali u soċjoekonomiċi

Fatturi trasversali esterni u interni li l-OECD/INFE (2022) jiddefinixxu bħala kombinazzjoni ta' għarfien, imġibiet u attitudnijiet li jinfluwenzaw kif l-individwi jaċċessaw, jifhmu u japplikaw l-għarfien finanzjarju. L-evidenza tikkonferma li r-riżultati finanzjarji tal-individwi jitfasslu mhux biss mill-għarfien u l-aċċess iżda wkoll mill-kunfidenza, il-preġudizzji fl-imġibiet u n-normi soċjali (Aristei & Gallo, 2021; Capuano, 2011). Il-Bank Dinji jenfasizza wkoll li l-kapaċità finanzjarja tiddependi mill-kapaċità interna ta' individwu li jaġixxi fl-aħjar interess tiegħu fl-ambjent soċjoekonomiku speċifiku tiegħu. Barra minn hekk, fatturi idjosinkratiċi u appoġġ istituzzjonali għandhom irwol strumentali fir-rispons proattiv jew reattiv ta' persuna għal kwistjonijiet finanzjarji (Lusardi & Mitchell, 2023). Għal dan il-għan, is-sottotaqsimiet li ġejjin jindirizzaw kull wieħed minn dawn l-elementi individwalment.

Ostakli Strutturali

Ir-restrizzjonijiet strutturali jirriflettu limitazzjonijiet li jirriżultaw minn nuqqas ta' sigurtà fid-dħul, instabbiltà fl-impjieg, diżabbiltà, status migratorju u aċċess mhux ugwali għall-edukazzjoni u għall-opportunitajiet ta' tagħlim. Dawn ir-restrizzjonijiet spiss jippersistu f'diversi stadji tal-ħajja u jistgħu jillimitaw il-kapaċità tal-individwi li jinteraġixxu b'mod effettiv mas-sistemi finanzjarji, li jaċċessaw għodod xierqa, jew li jibbenefikaw bis-sħiħ mill-informazzjoni u l-gwida finanzjarja disponibbli. Pereżempju, l-aċċess għal prodotti bankarji affordabbli, informazzjoni ċara dwar il-pensjonijiet, u proċessi amministrattivi sempliċi kollha jistgħu jippermettu għażliet finanzjarji aħjar.

L-aċċess diġitali huwa subżona strutturali importanti. L-użu estensiv tal-internet u tal-ismartphones ħoloq opportunitajiet biex in-nies jintlaħqu b'mod aktar effiċjenti. Is-sejbiet mill-Istudju dwar il-Litteriżmu Finanzjarju fost l-Adulti kkummissjonat mill-MSF fl-2024 juru li 48 % tar-residenti Maltin intervistati jużaw apps bankarji, 84 % tal-utenti tal-internet intervistati jiċċekkjaw il-kontijiet bankarji tagħhom online regolarment, 74 % iħallsu l-kontijiet b'mod diġitali u 67 % jagħmlu trasferimenti online. Madankollu, il-gruppi fokali u d-data tal-istħarriġ jikxfu diviżjonijiet diġitali persistenti: l-anzjani, l-individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u xi gruppi bi dħul baxx jiffaċċjaw sfidi relatati mal-kunfidenza diġitali, l-aċċess, jew il-fiduċja. Numru sostanzjali ta' adulti akbar fl-età, pereżempju, isibu diffikultà bl-interfaċċji tas-servizzi bankarji online, filwaqt li ż-żgħażagħ jistgħu jiddependu żżejjed fuq informazzjoni finanzjarja mhux ivverifikata mill-media soċjali.

Għalhekk, il-fatturi strutturali jfasslu l-kuntest li fih jittieħdu d-deċiżjonijiet finanzjarji u jistgħu jiggravaw in-nuqqasijiet eżistenti fil-kapaċità, b'mod partikolari fejn il-kumplessità u l-piż amministrattiv joħolqu ostakli addizzjonali.

Kunfidenza, Mentalità u Ostakli fl-Imġiba

L-għarfien miġbur minn gruppi fokali enfasizza kif il-kunfidenza baxxa, il-biża' minn falliment finanzjarju u l-esperjenzi negattivi tal-passat jistgħu jwasslu biex l-individwi jevitaw l-ippjanar finanzjarju, anke meta jkunu disponibbli għodod jew pariri. Attitudnijiet bħall-prokrastinazzjoni, il-mentalità ta' żmien qasir u l-fataliżmu ("Sempliċement m'iniex tajjeb bil-flus") huma komuni u ħafna drabi jkollhom għeruq fil-fond. Il-mistħija jew l-istigma soċjali jistgħu jkomplu jfixklu d-diskussjoni miftuħa dwar kwistjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari f'ċerti kuntesti familjari jew kulturali. Dawn is-sejbiet jenfasizzaw l-importanza li tinbena l-kunfidenza finanzjarja minn età żgħira, sabiex id-dubju ma jsirx ostaklu għat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji infurmati aktar tard fil-ħajja. Anke suċċessi modesti—bħall-monitoraġġ tal-infiq jew it-tnaqqis tad-dejn—jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-awtoeffikaċja u l-motivazzjoni.

Il-Kuntest Soċjoekonomiku

Minħabba t-tkabbir tal-popolazzjoni, livelli ogħla ta' parteċipazzjoni formali u impjieg, żieda fil-produttività, fil-pagi u fl-investiment, Malta rreġistrat prestazzjonijiet ekonomiċi b'saħħithom f'dawn l-aħħar snin (b'rati ta' tkabbir reali tal-PDG ta' 7.5 % fl-2023, madwar 6 % fl-2024 u 3.7 % fl-2025). It-tkabbir tal-PDG reali prospettiv huwa mistenni li jibqa' relattivament b'saħħtu f'livell ta' madwar 3.8 % fl-2026 u madwar 3.5 % fl-2027 - ħafna ogħla mill-medja tal-UE (Bank Ċentrali ta' Malta, 2024, 2025, mingħajr data).

Madankollu, it-tkabbir robust kien akkumpanjat ukoll minn żieda fil-prezzijiet tal-assi u pressjonijiet fuq l-ispejjeż, b'mod partikolari fl-akkomodazzjoni u fl-oġġetti u s-servizzi essenzjali. F'dan il-kuntest, il-kapaċità finanzjarja mhux biss hija importanti, iżda qed issir dejjem aktar kritika għar-reżiljenza fit-tul tal-unitajiet domestiċi u għall-istabbiltà makroekonomika.

Prezzijiet tal-proprjetà

Iż-żieda fil-prezzijiet tal-proprjetà qed iżżid b'mod sinifikanti l-isfidi finanzjarji fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-unitajiet domestiċi. Il-kultura ta' livell għoli ta' sjieda tad-djar f'Malta, flimkien ma' domanda sostnuta, provvista limitata ta' art u migrazzjoni qawwija lejn il-pajjiż, ikkontribwixxiet għal żieda persistenti fil-prezzijiet tad-djar. Għal ħafna unitajiet domestiċi, ix-xiri tal-proprjetà issa jeħtieġ depożiti akbar, ingranaġġ ogħla u perjodi itwal ta' ħlas lura. B'riżultat ta' dan, id-deċiżjonijiet dwar is-self ipotekarju jinvolvu esponiment akbar għar-riskju tar-rati tal-imgħax, għall-volatilità tad-dħul u għal korrezzjonijiet potenzjali fil-prezzijiet.

Mingħajr kapaċità finanzjarja adegwata, inkluż fehim tal-ispejjeż tas-self, sensittività għar-rati tal-imgħax, affordabbiltà taħt stress u ppjanar ta' likwidità fit-tul — l-unitajiet domestiċi jissograw li jespandu żżejjed, li jkollhom flessibbiltà finanzjarja mnaqqsa, u li jkunu vulnerabbli għax-xokkijiet. Għall-kuntrarju, l-unitajiet domestiċi li jiddiversifikaw lil hinn mill-proprjetà u d-depożiti b'rendiment baxx jistgħu jappoġġjaw swieq tal-kapital aktar profondi, filwaqt li t-teħid ta' self prudenti jnaqqas il-vulnerabbiltà sistemika għall-korrezzjonijiet fil-prezzijiet tal-assi.

Merkanzija u servizzi essenzjali

Iż-żieda fl-għoli tal-ħajja tenfasizza l-importanza tal-ibbaġitjar, tat-tfaddil ta' emerġenza u tal-ġestjoni tal-fluss tal-flus. Anke f'kuntest ta' tkabbir ekonomiku aggregat u s-sistema soċjali kontributorja u mhux kontributorja tal-Gvern li qed tiġi kontinwament estiża u aġġustata 'l fuq (inkluż permezz ta' strutturi mtejba ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, kura tas-saħħa bla ħlas, edukazzjoni u aċċess għal servizzi essenzjali), il-pressjonijiet fuq il-kapaċità tal-akkwist reali jistgħu jaffettwaw lill-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju b'mod sproporzjonat.

Il-kapaċità finanzjarja tippermetti lill-unitajiet domestiċi jiddistingwu bejn l-ispejjeż fissi u spejjeż diskrezzjonali, jillivellaw il-konsum, jipprijoritizzaw l-ilqugħ ta' tfaddil, u jevitaw kreditu bi spiża għolja. F'ambjent inflazzjonarju jew ta' għoli tal-ħajja, dawn il-ħiliet direttament jinfluwenzaw l-istabbiltà finanzjarja u l-benesseri. Fil-fatt, il-professjonisti li jaħdmu mill-qrib ma' individwi f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u bi dħul baxx (bħas-servizzi pubbliċi tal-ħarsien soċjali u l-NGOs) jenfasizzaw li, f'perjodi ta' pressjonijiet akbar fuq il-prezzijiet, l-unitajiet domestiċi ħafna drabi jkunu mġiegħla jadottaw strateġiji ta' adattament fuq terminu qasir.

Lejn ekonomija bbażata fuq is-servizzi u d-diġitalizzazzjoni

Hekk kif l-ekonomija Maltija ssir aktar orjentata lejn is-servizzi u integrata diġitalment, l-individwi huma wkoll dejjem aktar meħtieġa li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji kumplessi fuq firxa usa' ta' prodotti: pensjonijiet, assigurazzjoni, investimenti, ħlasijiet diġitali u servizzi finanzjarji online. L-espansjoni tal-finanzi diġitali tnaqqas l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet u żżid l-aċċess, iżda tesponi wkoll lill-konsumaturi għal scams, miżinformazzjoni, u riskji relatati mal-imġiba. F'ekonomija żgħira u miftuħa ħafna bħal dik ta' Malta, l-esponiment għal pjattaformi transfruntiera u l-volatilità globali jkomplu jamplifikaw dawn ir-riskji. Fi kliem ieħor, kapaċità finanzjarja b'saħħitha għalhekk tiffunzjona bħala forma ta' protezzjoni tal-konsumatur u ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Il-provvista tax-xogħol u t-tixjiħ

Il-profil demografiku ta' Malta, li jinkludi b'mod partikolari t-tixjiħ tal-popolazzjoni u l-mudelli tas-suq tax-xogħol li qed jevolvu, iżid l-importanza tal-ippjanar finanzjarju fit-tul. Filwaqt li s-sistema pubblika tal-pensjonijiet tibqa' ċentrali, l-istennija ta' ħajja itwal u l-proporzjonijiet ta' dipendenza li qed jinbidlu jfissru li l-individwi jrid ikollhom rwol akbar fit-tħejjija għall-irtirar. Għalhekk, il-kapaċità finanzjarja se tkompli tappoġġja l-involviment aktar bikri fil-pensjoni, imġibiet diversifikati ta' tfaddil, u l-ġestjoni ta' aspettattivi realistiċi dwar l-adegwatezza/sostituzzjoni tad-dħul tal-irtirar u l-kopertura tan-nefqa.

Influwenza tal-Familja u tal-Komunità

Il-feedback mill-gruppi fokali jenfasizza r-rwol qawwi tal-familja, b'mod partikolari fil-ħajja bikrija. L-imġibiet finanzjarji murija mill-ġenituri u minn dawk li jieħdu ħsieb it-tfal, kemm pożittivi kif ukoll negattivi, ħafna drabi jiġu internalizzati mit-tfal minn età żgħira (OECD, 2023b). Dan huwa konformi mal-letteratura usa' dwar is-soċjalizzazzjoni finanzjarja fil-familja, li ssib li l-immudellar mill-ġenituri u l-interazzjonijiet bejn il-ġenituri u t-tfal dwar il-flus huma assoċjati b'mod qawwi ma' attitudnijiet u imġibiet finanzjarji futuri (Gudmunson & Danes, 2011; LeBaron & Kelley, 2021). Tali l-influwenza tkompli fil-ħajja adulta, hekk kif il-pari u n-normi tal-komunità jsawru imġibiet speċifiċi, inklużi d-deċiżjonijiet dwar it-tfaddil għall-irtirar (Duflo & Saez, 2002), il-parteċipazzjoni fis-suq azzjonarju (Brown et al., 2008), u l-attitudnijiet lejn is-self u d-dejn (Almenberg et al., 2021).

Kuntest Istituzzjonali

Ambjent istituzzjonali ta' appoġġ jippermetti liċ-ċittadini jaġixxu skont l-għarfien finanzjarju tagħhom. F'Malta, dan huwa mħares minn regolaturi bħall-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) u l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA). Fi ħdan din l-ekosistema, ĠEMMA tikkontribwixxi permezz tal-edukazzjoni u s-sensibilizzazzjoni, billi tikkollabora ma' NGOs, mal-industrija, u ma' atturi tal-komunità biex tipprovdi lill-ċittadini gwida ċara u prattika.

Politiki nazzjonali bħall-Qafas Nazzjonali tal-Politika dwar it-Tfal (2024–2030) u l-Istrateġija dwar it-l-Anzjanità Attiva (2023–2030) diġà jirrikonoxxu l-benesseri finanzjarju bħala kwistjoni trażversali. Dan jidher ukoll fir-reviżjonijiet strateġiċi tas-sistema tal-pensjonijiet ta' Malta mill-Grupp ta' Strateġija dwar il-Pensjonijiet (2015; 2020; 2025).

Sfidi u Xejriet Emerġenti

Meta jiġu kkombinati l-fatturi msemmija hawn fuq, flimkien mal-kontribut tal-partijiet ikkonċernati, jiġu enfasizzati diversi pressjonijiet li jsawru l-vulnerabbiltà finanzjarja, fosthom:t

- L-ispejjeż tal-akkomodazzjoni jiddevjaw ir-riżorsi tal-familji mit-tfaddil fit-tul;
- Ix-xejriet ta' xogħol gig u ta' impjieg indipendenti jikkumplikaw il-mudelli tradizzjonali tal-ippjanar;
- It-tixjiħ demografiku jibdel il-ħtiġijiet tal-irtirar u l-appoġġ fl-aħħar snin tal-ħajja;
- It-tfixkil teknoloġiku, inkluż il-frodi mħaddma bl-IA, jintroduċi riskji ġodda.

Dawn id-dinamiki juru li l-kapaċità finanzjarja hija mfassla kemm minn ħiliet personali kif ukoll minn kundizzjonijiet strutturali usa'. Flimkien, dawn jenfasizzaw ir-realtajiet u l-vulnerabbiltajiet diversi li jsawru l-kapaċità finanzjarja matul il-ħajja kollha. Dawn jipprovdu l-pedament għall-analiżi tal-koorti ppreżentata fil-Kapitolu 4, fejn il-ħtiġijiet u l-isfidi speċifiċi ta' kull grupp jiġu eżaminati f'aktar profondità sabiex jinfurmaw l-interventi mmirati.

Data u Monitoraġġ: Pedamenti għall-Azzjoni

Il-parteċipazzjoni ta' Malta fl-Istħarriġiet dwar il-Litteriżmu Finanzjarju u l-Inklużjoni Finanzjarja tal-OECD/INFE fl-2018, fl-2023 u fl-istħarriġ li jmiss tal-2026 tipprovdi parametru referenzjarju longitudinali tal-għarfien, l-attitudnijiet u l-imġibiet, li jippermetti kemm monitoraġġ nazzjonali kif ukoll tqabbil internazzjonali. Dawn l-istħarriġiet huma kkumplimentati minn studji nazzjonali mmirati u minn data eżistenti mill-partijiet ikkonċernati li jżidu l-granularità fl-istampa nazzjonali. Il-qafas sħiħ ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u tagħlim, inklużi l-KPIs, iċ-ċikli ta' rappurtar u l-mekkaniżmi ta' reviżjoni adattiva, huwa ppreżentat fil-Kapitolu 7.

Konklużjoni: Implikazzjonijiet għall-Istrateġija

Id-data dwar il-kapaċità finanzjarja f'Malta tenfasizza punti ta' saħħa ċari iżda wkoll nuqqasijiet persistenti u emerġenti. Filwaqt li ċ-ċittadini ġeneralment juru imġibiet responsabbli fil-ħajja ta' kuljum, għad hemm sfidi fl-ippjanar u fit-teħid ta' deċiżjonijiet fit-tul tal-individwu, fit-tħejjija għall-irtirar, fil-kunfidenza u fl-inklużjoni diġitali. Dawn l-isfidi jiggravaw aktar f'niċeċ differenti tal-popolazzjoni, inklużi, iżda mhux limitati għal, adulti żgħar fl-età, persuni anzjani, unitajiet domestiċi bi dħul baxx, u dawk b'livelli ta' edukazzjoni aktar baxxi. Is-sitwazzjoni ta' Malta tirrifletti xejriet globali usa': il-kumplessità finanzjarja dejjem tikber, id-diġitalizzazzjoni u l-pressjonijiet soċjoekonomiċi qed jimbuttaw lil ħafna pajjiżi biex ikomplu jadottaw strateġiji aktar b'saħħithom għall-kapaċità finanzjarja (OECD, 2020a; OECD, 2021a).

Fil-qosor, kapaċità finanzjarja aktar b'saħħitha tista' ttejjeb ir-reżiljenza, tnaqqas l-istress u tippermetti lill-unitajiet domestiċi jippjanaw b'aktar kunfidenza għall-ġejjieni. Dan l-għarfien jipprovdi l-linja bażi għall-kapitoli li ġejjin ta' din l-istrateġija.

KAPITOLU 3
Qafas Metodoloġiku għal Analiżi Bbażata fuq Koorti (Tqassim skont l-Istadji tal-Ħajja)

Disinn Analitiku Ġenerali

Qabel l-analiżi tal-koorti, dan il-kapitolu jiżgura t-trasparenza analitika u l-koerenza loġika, billi jispjega kif ġiet iġġenerata, magħżula u sintetizzata l-evidenza. Is-sekwenzjar huwa konformi mal-aħjar prattika internazzjonali fit-tfassil tal-istrateġija tal-politika, inklużi l-linji gwida tal-OECD u tal-Kummissjoni Ewropea, li jenfasizzaw li d-dikjarazzjonijiet analitiċi għandhom ikunu ppreċeduti minn espożizzjoni ċara tal-metodi.

Minn issa 'l quddiem, l-analiżi Bbażata fuq Koorti jew Tqassim skont l-Istadji tal-Ħajja, skont ir-rakkomandazzjonijiet tal-OECD/INFE għall-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali dwar il-kapaċità finanzjarja, adottata f'din l-Istrateġija, hija bbażata fuq disinn ta' riċerka trijangolata b'metodi mħallta, li tintegra l-valutazzjoni komparattiva kwantitattiva, l-għarfien istituzzjonali tal-evidenza kwalitattiva u l-evidenza mill-esperjenza mgħajxa. Kif isir f'oqfsa nazzjonali komparabbli, it-tfassil jirrifletti n-natura multidimensjonali tal-kapaċità finanzjarja, li ma tistax tinqabad b'mod adegwat permezz ta' ebda sors ta' data uniku.

B'mod speċifiku, il-qafas analitiku jgħaqqad analiżi kwantitattiva u analiżi komparattiva bbażata fuq id-dokumentazzjoni, intervisti semistrutturati mal-partijiet ikkonċernati, u gruppi fokali maqsumin skont l-età, integrati permezz ta' proċess ta' trijangolazzjoni iterattiv appoġġjat mil-letteratura internazzjonali. Kull komponent jikkontribwixxi valur analitiku distint: l-evidenza kwantitattiva u komparattiva tistabbilixxi mudelli ta' referenza u pożizzjonament bejn il-pajjiżi; l-intervisti mal-partijiet ikkonċernati jipprovdu għarfien fil-livell tas-sistema u istituzzjonali; u l-gruppi fokali jirreġistraw l-esperjenza mgħajxa fl-istadji tal-ħajja kollha. Is-subtaqsimiet li ġejjin jispjegaw it-tipi ta' evidenza msemmija hawn fuq u r-rwoli rispettivi tagħhom fl-Istrateġija.

Tip ta' Evidenza 1: Riċerka Bbażata fuq id-Dokumentazzjoni u Evidenza Kwantitattiva

Ir-Riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni stabbiliet il-linja bażi strutturali u komparattiva għall-Istrateġija. Is-sorsi għar-riċerka bbażata fuq id-dokumentazzjoni kienu jinkludu stħarriġ tal-OECD/INFE dwar il-litteriżmu u l-kapaċità finanzjarja, evidenza fil-livell tal-UE bħall-Flash Eurobarometer dwar il-litteriżmu finanzjarju, data amministrattiva u minn stħarriġiet nazzjonali, u letteratura akkademika rieżaminata bejn il-pari li tkopri l-kapaċità finanzjarja, l-ekonomija tal-imġiba, it-teorija tal-kors tal-ħajja u l-finanzi tal-familji. Flimkien, dawn is-sorsi pprovdew bażi komparattiva u teoretika robusta biex jiġu identifikati l-punti ta' saħħa, in-nuqqasijiet, u x-xejriet ta' riskju fost il-popolazzjoni kollha.

Barra minn hekk, dan is-sors ta' evidenza jgħin biex Malta titqabbel ma' pajjiżi oħra internazzjonali u biex jiġu żviluppati ipoteżijiet inizjali dwar ir-riskji marbuta mal-istadji tal-ħajja, ix-xejriet ta' mġiba u l-frizzjonijiet istituzzjonali. F'konformità mal-aħjar prattika, dawn l-ipoteżijiet ġew ittrattati bħala provviżorji u suġġetti għal validazzjoni permezz ta' evidenza kwalitattiva aktar milli bħala konklużjonijiet definittivi. Filwaqt li kienet essenzjali, l-evidenza bbażata fuq id-dokumentazzjoni ġiet ittrattata bħala dijanjostika aktar milli spjegattiva, u għalhekk kien hemm bżonn ta' investigazzjoni kwalitattiva komplementari.

Evidence Type 2: Stakeholder Interviews (System-Level Perspectives)

L-Intervisti mal-Partijiet Ikkonċernati pprovdew perspettiva minn fuq għal isfel tal-kapaċità finanzjarja madwar Malta, u rreġistraw ir-realtajiet istituzzjonali, il-limitazzjonijiet fil-konsenja, u l-isfidi fil-koordinazzjoni.

Il-komponent tal-intervisti mal-partijiet ikkonċernati kien ikkaratterizzat minn kampjunar intenzjonat fost il-gvern, ir-regolaturi, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-fornituri tal-edukazzjoni, l-NGOs u s-servizzi soċjali, li żgura l-kopertura kemm tal-perspettiva tat-tfassil tal-politika kif ukoll dik tal-implimentazzjoni tagħha. L-intervisti saru f'format semistrutturat biex jintlaħaq bilanċ bejn il-komparabbiltà u l-profondità, u s-sejbiet ġew analizzati tematikament permezz ta' taħlita ta' kodifikazzjoni induttiva u deduttiva. Il-piż analitiku ġie assenjat fuq il-bażi tal-valur ta' spjegazzjoni u r-rilevanza aktar milli fuq il-frekwenza tal-menzjonijiet, u dan ippermetta li jinżamm l-għarfien tal-minoranzi jew dawk fil-livell tas-sistema fejn dawn kienu teoretikament u empirikament sinifikanti.

L-intervisti mal-partijiet ikkonċernati kienu partikolarment influwenti fl-identifikazzjoni ta' ostakli trasversali għall-kapaċità finanzjarja, inklużi restrizzjonijiet soċjoekonomiċi, frizzjonijiet fl-imġiba, lakuni fl-informazzjoni, u esklużjoni diġitali. Huma enfasizzaw ukoll gruppi li jesperjenzaw vulnerabbiltajiet li jinkorċjaw u żvelaw lakuni sistemiċi relatati mat-twaqqit, il-koordinazzjoni u d-disinn istituzzjonali li mhumiex faċilment osservabbli permezz ta' data minn stħarriġiet biss. Importanti li jiġi nnotat li l-perspettivi tal-partijiet ikkonċernati ġew ittrattati bħala evidenza kontestwali, u mhux bħala preskrizzjonijiet normattivi ta' politika.

Tip ta' Evidenza 3: Gruppi Fokali

Sitt gruppi fokali maqsumin skont l-età pprovdew bażi empirika minn isfel għal fuq għall-qafas tal-koorti. Il-gruppi ġew organizzati madwar meded ta' età omoġenji li jirriflettu stadji tal-ħajja rikonoxxuti: 11–14, 15–17, 18–25, 26–34, 35–60, and 60+ (irreferi għall-figura 1).

Figura 2: Gruppi ta' età relatati mal-Kapaċità Finanzjarjat



Il-fażi tal-gruppi fokali użat gwidi ta' diskussjoni semistrutturati adattati għall-karatteristiċi konjittivi u tal-istadju tal-ħajja ta' kull koorti, b'sessjonijiet imwettqa permezzta' taħlita ta' formati wiċċ imb wiċċ u online. L-analiżi segwiet approċċ ibridu li għaqqad il-kodifikazzjoni assistita bil-kliem ewlieni ma' aġġudikazzjoni tematika manwali, li ppermettew kemm ir-rikonoxximent ta' xejriet kif ukoll l-interpretazzjoni skont il-kuntest. Id-diskussjonijiet esploraw b'mod espliċitu l-attitudnijiet, il-kunfidenza, il-fiduċja u r-restrizzjonijiet fl-imġiba, li huma ċentrali għall-fehim tal-kapaċità finanzjarja iżda diffiċli li jinġabru b'mod kwantitattiv.

Id-data tal-gruppi fokali kienet kruċjali biex:t

- Jiġu vvalidati u kkontestati s-sejbiet kwantitattivi;
- Jiġu identifikati fatturi ta' stress fl-istadji tal-ħajja bħall-akkomodazzjoni, il-pensjonijiet u d-diġitalizzazzjoni;
- Li tiġi żvelata l-kurva tat-tagħlim wara l-edukazzjoni obbligatorja, u;
- Il-ġbir ta' dimensjonijiet esperjenzjali li ma jistgħux jiġu osservati fl-istħarriġ.

Trijangolazzjoni, Loġika tas-Sinteżi u Implikazzjonijiet għat-Tfassil tal-Koorti

Is-sejbiet ġew integrati permezz ta' proċess ta' trijangolazzjoni iterattiv. L-għarfien ġie miżmum fejn deher b'mod konsistenti f'diversi flussi ta' evidenza; jew, fejn kien evidenzjat b'mod qawwi fi fluss wieħed u appoġġjat teoretikament fil-letteratura.

Fl-istess ħin, id-diskrepanzi ġew ittrattati b'mod analitiku aktar milli ġew solvuti b'mod prematur. Pereżempju, rati għoljin ta' tfaddil irrappurtati mill-individwi nfushom ġew eżaminati flimkien ma' deskrizzjonijiet kwalitattivi ta' stress, illikwidità u evitar. B'hekk, il-proċess tal-validità interna ġie msaħħaħ, u tnaqqset ukoll id-dipendenza fuq kwalunkwe sors ta' data waħdieni.

Għalhekk, il-qafas metodoloġiku deskritt f'dan il-kapitolu għandu implikazzjonijiet diretti u sostantiv fuq kif il-koorti jiġu definiti, analizzati u prijoritizzati fl-Istrateġija. Minflok ma tqis il-koorti bħala kategoriji demografiċi statiċi, l-analiżi torbot il-kostruzzjoni tal-koorti mat-tranżizzjonijiet tul il-ħajja u mal-ambjenti fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet, kif identifikati permezz ta' evidenza trijangolata. Dan jirrifletti s-sejba li l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja jintensifikaw f'mumenti ta' novità, kumplessità jew irreversibbiltà, aktar milli jipprogressaw b'mod lineari mal-età. B'riżultat ta' dan, il-koorti huma strutturati madwar l-esponiment għal punti ta' kuntatt istituzzjonali bħall-ewwel dħul, l-impenji marbuta mal-akkomodazzjoni, l-involviment fil-pensjoni u d-dekumulazzjoni, aktar milli madwar l-età kronoloġika biss.

Metodoloġikament, dan l-approċċ jappoġġja wkoll l-integrazzjoni tal-vulnerabbiltà f'kull koorti aktar milli bħala saff analitiku separat. L-evidenza minn intervisti, gruppi fokali u l-letteratura turi b'mod konsistenti li l-fatturi ta' vulnerabbiltà joperaw bħala multiplikaturi tar-riskju li jamplifikaw ir-restrizzjonijiet eżistenti aktar milli joħolqu dinamiki ta' kapaċità finanzjarja kompletament distinti.

Fl-aħħar nett, l-enfasi metodoloġika fuq it-trijangolazzjoni u t-twaqqit direttament tinfluwenza l-loġika tal-intervent żviluppata fil-Kapitolu 5, u tiżgura li r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-koorti jkunu bbażati fuq l-evidenza, sensittivi għall-kuntest, u allinjati mal-aħjar prattika rikonoxxuta internazzjonalment fit-tfassil tal-istrateġija dwar il-kapaċità finanzjarja. Għal dan il-għan, il-qafas metodoloġiku applikat huwa mfassal biex iwieġeb tliet mistoqsijiet analitiċi ewlenin:

1. Kif jimmanifestaw rwieħhom l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja matul il-ħajja f'Malta;
2. F'liema punti ta' tranżizzjoni jintensifikaw ir-riskji, l-irreversibbiltà u l-vulnerabbiltà; u
3. Liema punti ta' kuntatt istituzzjonali joffru l-ogħla livell ta' influwenza għal intervent f'waqtu.

Id-definizzjonijiet sussegwenti tal-koorti kollha u l-prijoritajiet strateġiċi huma derivati minn dawn il-mistoqsijiet.

Limiti Analitiċi u Mitigazzjoni

Bħal fil-każ tar-riċerka applikata dwar il-politika b'metodi mħallta kollha, l-approċċ analitiku adottat f'din l-Istrateġija huwa soġġett għal limiti identifikabbli li għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod espliċitu biex jappoġġjaw it-trasparenza u l-interpretazzjoni xierqa.

L-ewwel nett, is-sejbiet kwalitattivi derivati minn Intervisti mal-partijiet ikkonċernati u minn gruppi fokali ma jistgħux jiġu ġeneralizzati statistikament. Il-valur tagħhom jinsab fil-profondità esplikattiva, fl-għarfien tal-kuntest u fl-irfinar tal-ipoteżi aktar milli fl-inferenza fil-livell tal-popolazzjoni.

It-tieni nett, il-parteċipazzjoni fil-gruppi fokali tista' tkun affettwata minn preġudizzju tal-awtoselezzjoni, fejn individwi li huma aktar impenjati, artikulati jew motivati jkunu aktar probabbli li jipparteċipaw.

It-tielet nett, minkejja l-isforzi biex tiġi żgurata d-diversità, xi popolazzjonijiet marġinalizzati ħafna jew diffiċli li jintlaħqu jistgħu jibqgħu sottorappreżentati, b'mod partikolari fejn il-fiduċja fl-istituzzjonijiet hija baxxa jew l-ostakli għall-parteċipazzjoni huma għoljin.

Dawn il-limitazzjonijiet jitnaqqsu permezz ta' diversi għażliet ta' tfassil deliberati. Kif issemma' qabel, l-għarfien kwalitattiv jiġi interpretat b'mod konservattiv u ma jiġix ittrattat bħala evidenza awtonoma, iżda jiġi ttrijangolat b'mod sistematiku ma' data kwantitattiva u ma' sejbiet li jiġu replikati internazzjonalment fil-letteratura. Fejn tintuża evidenza kwalitattiva biex tinforma d-direzzjoni strateġika, din tkun ibbażata fuq oqfsa teoretiċi u riċerka empirika li jmorru lil hinn mill-kuntest Malti, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju ta' konklużjonijiet idjosinkratiċi.

Barra minn hekk, l-Istrateġija tevita dikjarazzjonijiet ta' preċiżjoni li ma jistgħux jiġu sostnuti mid-data disponibbli, u minflok tiffoka fuq xejriet, mekkaniżmi u effetti ta' twaqqit robusti li jiġu osservati b'mod konsistenti fost is-sorsi kollha.

Finalment, l-integrazzjoni tal-mekkaniżmi ta' Monitoraġġ, Evalwazzjoni u Tagħlim fil-kapitoli tal-aħħar tipprovdi triq għal raffinament iterattiv, li jippermetti li l-evidenza emerġenti tindirizza nuqqasijiet jew preġudizzji residwi identifikati matul l-implimentazzjoni.

Konklużjoni

Il-qafas metodoloġiku stabbilit fil-Kapitolu 3 jistabbilixxi l-bażi evidenzjarja għall-analiżi tal-koorti li ġejja. Fi kliem ieħor, il-qafas applikat jiżgura li l-Kapitolu 4 ma jissegmentax il-popolazzjoni b'mod deskrittiv, iżda janalizza kif ir-riskji jitfaċċaw, jakkumulaw, u jsiru irriversibbli f'ambjenti ta' deċiżjoni marbuta biż-żmien.

Filwaqt li tibni fuq evidenza kwantitattiva trijangulata, għarfien istituzzjonali, u data dwar l-esperjenza mgħajxa, l-analiżi f'Kapitolu 5 tapplika dan il-qafas biex teżamina kif l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja u l-ħtiġijiet ta' intervent jevolvu matul il-kors tal-ħajja. Il-fokus jinbidel minn kif ġiet iġġenerata l-evidenza għal kif din tiġi interpretata u operazzjonalizzata, billi mudelli empiriċi robusti jiġu tradotti f'arkitettura ta' strateġija mmexxija mit-tranżizzjoni u Bbażata fuq koorti.

KAPITOLU 4
Analiżi tal-Koorti: Qafas ta' tul il-Ħajja Kollha u Infurmat mill-Vulnerabbiltà

Għan, Kamp ta' Applikazzjoni, u Ankri Teoretiċi

Il-Kapitolu 4 jipprovdi analiżi fil-fond u infurmata mit-teorija tal-koorti li tittraduċi l-bażi ta' evidenza tal-Istrateġija f'qafas ta' kapaċità finanzjarja tul il-ħajja. Il-kapaċità finanzjarja hija kkonċepita bħala riżultat dinamiku ffurmat mill-interazzjoni ta' kompetenzi individwali, preġudizzji fl-imġiba, disinn istituzzjonali u kundizzjonijiet soċjoekonomiċi (OECD/INFE, 2015; Sherraden, 2013; OECD, 2020c). L-analiżi hija bbażata fuq ħames oqsma komplementari tal-letteratura:t

1. It-teorija ta' tul il-ħajja kollha, li tenfasizza t-twaqqit, is-sekwenzjar, u l-vantaġġ jew l-iżvantaġġ kumulattiv (Elder, 1998; Heckman, 2006);
2. L-ekonomija tal-imġiba, b'mod partikolari l-ħidma dwar razzjonalità limitata, il-preġudizzju favur il-preżent, u l-għażliet prestabbiliti (Thaler & Sunstein, 2008; Mullainathan & Shafir, 2013);
3. Il-psikoloġija tal-iżvilupp, li tispjega l-kapaċitajiet konjittivi u emozzjonali speċifiċi għall-età (Piaget, 1972; Steinberg, 2014);
4. Il-finanzi tal-unitajiet domestiċi, li jeżaminaw kif l-individwi jinteraġixxu ma' sistemi finanzjarji kumplessi fil-prattika (Campbell, 2006; Gennaioli, Shleifer & Vishny, 2018); u

Oqfsa ta' kapaċità finanzjarja u inklużjoni, b'mod partikolari l-OECD/INFE u approċċi bbażati fuq l-assi (OECD/INFE, 2019; Sherraden et al., 2018).

F'din il-letteratura, toħroġ konklużjoni empirika konsistenti li l-interventi fil-kapaċità finanzjarja jkunu l-aktar effettivi meta jkunu f'waqthom, kuntestwali, u proporzjonati kemm mal-istadji tal-ħajja kif ukoll mal-vulnerabbiltà (Fernandes, Lynch & Netemeyer, 2014; Kaiser & Menkhoff, 2020). L-edukazzjoni finanzjarja ġenerika u mhux immirata tipproduċi effetti limitati u ħafna drabi ta' żmien qasir fuq l-imġiba, b'mod partikolari meta tingħata barra mill-mumenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet attiv.

Għal dan il-għan, il-kapaċità finanzjarja hija dipendenti ħafna fuq deċiżjonijiet preċedenti: id-drawwiet bikrija fil-ħajja, l-esponimenti kuntrattwali inizjali, u l-inerzja f'nofs il-ħajja jeżerċitaw effetti fit-tul li huma diffiċli u jiswew ħafna biex jitreġġgħu lura (Elder, 1998; Heckman, 2006; Lusardi u Mitchell, 2014). Dawn id-dinamiki jirfdu strateġija bbażata fuq koorti li tipprijoritizza t-twaqqit u s-sekwenzjar minflok kopertura uniformi tal-popolazzjoni.

Għaldaqstant, il-kapitolu huwa organizzat madwar it-tranżizzjonijiet tul il-ħajja aktar milli skont l-età kronoloġika. Il-koorti jintużaw bħala lentijiet analitiċi biex jiġu identifikati ambjenti ta' deċiżjoni rikorrenti maħluqa minn bidliet fir-rwoli, fir-responsabbiltajiet u fl-esponiment istituzzjonali. Għalhekk, huwa essenzjali li wieħed jinnota li l-unità ta' analiżi f'dan il-kapitolu kollu mhijiex l-individwu per se, iżda l-ambjenti tat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji rikorrenti li wieħed jiltaqa' magħhom fi tranżizzjonijiet differenti tul il-kors tal-ħajja.

L-evidenza turi li l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja jintensifikaw f'mumenti ta' tranżizzjoni—meta jiżdiedu n-novità, il-kumplessità jew l-irreversibbiltà—aktar milli jevolvu bla intoppi mal-età. Għalhekk, l-interventi huma mfassla skont it-tranżizzjonijiet bħall-ewwel espożizzjoni għal sistemi formali, l-impenn vinkolanti fit-tul, is-saturazzjoni tal-kumplessità, u l-bidu tal-vulnerabbiltà, u jitwasslu f'ambjenti fejn id-deċiżjonijiet fil-fatt iseħħu. Il-faxex tal-età jiffunzjonaw b'mod strumentali, bħala indikaturi għall-esponiment għal punti ta' kuntatt istituzzjonali, aktar milli bħala kategoriji determinattivi jew demografiċi. Fi kliem ieħor, il-qafas analitiku huwa bbażat fuq sejbiet konverġenti minn evidenza internazzjonali li jgħoddu għall-kuntesti tal-pajjiżi, il-mudelli tal-implimentazzjoni, u l-arranġamenti istituzzjonali.

Meta nidħlu aktar fil-fond fil-letteratura, il-limitazzjonijiet fl-imġiba joperaw b'mod sistematiku fost il-popolazzjoni kollha. Ir-razzjonalità limitata, il-preġudizzju favur il-preżent, l-inerzja u t-tagħbija konjittiva żejda jaffettwaw lill-individwi irrispettivament mil-livell tad-dħul jew mis-sofistikazzjoni finanzjarja, u jfasslu r-riżultati permezz ta' mudelli prevedibbli aktar milli permezz ta' fallimenti iżolati ta' ġudizzju (Thaler & Sunstein, 2008; Mullainathan & Shafir, 2013; Gennaioli et al., 2018). B'riżultat ta' dan, ir-riżultati finanzjarji ħżiena jistgħu jiġu spjegati aħjar permezz ta' frizzjonijiet strutturali u ta' mġiba milli permezz ta' irresponsabbiltà individwali.

Barra minn hekk, il-vulnerabbiltà tamplifika dawn l-isfidi mingħajr ma tbiddel il-mekkaniżmi sottostanti tagħhom. L-evidenza empirika turi li d-dħul baxx, id-diżabbiltà, l-istatus migratorju u l-pożijiet tal-kura jnaqqsu l-kapaċità konjittiva disponibbli u l-aċċess, u b'hekk inaqqsu l-effettività tal-interventi ġeneriċi u jżidu l-importanza ta' appoġġ proporzjonat (Sherraden et al., 2018; OECD, 2020c). Għal din ir-raġuni u kif jiġi spjegat aktar hawn taħt, il-vulnerabbiltà hija inkorporata fid-disinn tal-koorti, aktar milli ttrattata bħala qasam ta' politika separat, f'konformità mal-prinċipji tal-universaliżmu proporzjonat.

Barra minn hekk, it-tfassil istituzzjonali għandu rwol deċiżiv flimkien mal-kapaċità individwali. L-għażliet prestabbiliti, is-simplifikazzjoni, l-intermedjarji ta' fiduċja u l-attenzjoni għat-twaqqit konsistentement jipproduċu riżultati aħjar mill-approċċi intensivi fl-informazzjoni fost il-koorti kollha (Madrian & Shea, 2001; Benartzi & Thaler, 2013; OECD/INFE, 2019). Il-mudelli ta' implimentazzjoni diġitali jkunu l-aktar effettivi meta jiġu kkumplimentati b'mezzi assistiti u mhux diġitali, li jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-popolazzjonijiet anzjani u vulnerabbli filwaqt li jippermettu l-innovazzjoni (OECD, 2022f; DeLiema et al., 2019).

Meta jitqiesu flimkien, dawn is-sejbiet jistabbilixxu l-pedament evidenzjarju għall-arkitettura ta' tul il-ħajja kollha tal-Istrateġija u jiggwidaw il-prijoritizzazzjoni tal-koorti, il-mumenti ta' intervent, u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni ppreżentati fil-bqija tal-kapitolu. It-taqsimiet li ġejjin japplikaw dan il-qafas għal serje ta' koorti tul il-ħajja ddefiniti mill-esponiment tagħhom għal ambjenti distinti ta' deċiżjonijiet finanzjarji. Kull koorti tiġi analizzata f'termini tar-realtajiet finanzjarji prevalenti tagħha, ir-restrizzjonijiet dominanti fil-kapaċità, l-ixprunaturi fl-imġiba, u l-objettivi tat-tagħlim u l-ambjenti ta' implimentazzjoni li x'aktarx ikunu effettivi f'dak l-istadju. L-analiżi timxi b'mod sekwenzjali matul il-kors tal-ħajja, u tirrifletti kif l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja jevolvu hekk kif l-individwi jgħaddu minn tranżizzjonijiet li jżidu l-esponiment, l-impenn, il-kumplessità, u l-vulnerabbiltà. Barra minn hekk, it-taqsimiet ta' sinteżi huma inklużi biss fejn il-koorti kontigwi jirrappreżentaw bidla kwalitattiva fir-reġimi ta' deċiżjonijiet finanzjarji aktar milli progressjoni gradwali matul il-kors tal-ħajja.

Flimkien, dawn il-profili tal-koorti, jew aħjar, il-fażijiet tal-kors tal-ħajja identifikati, jipprovdu bażi strutturata biex l-interventi jiġu allinjati mat-twaqqit, mal-kuntest u mal-punti ta' kuntatt istituzzjonali aktar milli mal-età biss.

Tranżizzjoni: Familjarizzazzjoni Finanzjarja

Dan il-perjodu jimmarka l-punt tad-dħul formali li fih it-tfal jibdew jiffamiljarizzaw irwieħhom ma' kunċetti u terminoloġija finanzjarji bażiċi. Din il-fażi se timmarka l-bidu ta' ħajja li teħtieġ fehim sod ta' xi jfissru l-munita, l-infiq, it-tfaddil u l-bżonnijiet kontra xewqat.

Tfal (6 – 10 snin): Familjarizzazzjoni mat-Terminoloġija Finanzjarja u l-Kunċetti Ewlenin

Realtà Finanzjarja

Għat-tfal ta' bejn is-6 u l-10 snin, l-esperjenza finanzjarja bikrija hija kważi kompletament iffurmata minn kuntesti medjati mill-adulti fejn dawk li jieħdu ħsiebhom jikkontrollaw l-aċċess għall-flus, jiddefinixxu l-permessi għall-infiq u jistrutturaw l-opportunitajiet għat-tfaddil (Gudmunson & Danes, 2011; Shim et al., 2010). L-aġenzija finanzjarja hija għalhekk indiretta u relazzjonali aktar milli awtonoma: it-tfal jitgħallmu "x'inhuma" l-flus u kif għandhom jintużaw permezz tal-osservazzjoni, il-parteċipazzjoni ggwidata u l-imitazzjoni aktar milli permezz tat-teħid ta' deċiżjonijiet indipendenti.

F'dan l-istadju tal-iżvilupp, it-tfal ikunu għadhom qed jibnu kunċetti fundamentali. Ħafna minnhom għadhom ma fehmux kompletament x'jirrappreżentaw il-flus, kif jikkwantifikaw l-ammonti b'mod konsistenti, jew kif il-valur jirrelata mal-għażla u l-iskambju (Piaget, 1972; Weber & Hsee, 2000). Anke meta t-tfal ikunu jistgħu jidentifikaw il-muniti jew jagħrfu li l-flus jiġu skambjati ma' oġġetti, il-loġika sottostanti tal-iskarsezza u tas-sostituzzjoni ħafna drabi tkun instabbli u dipendenti fuq il-kuntest. Ir-raġunament numeriku għadu qed jikkonsolida, u dan jillimita l-abbilità li jitqabblu l-prezzijiet, li jiġi evalwat "aktar għall-istess flus", jew li jiġu anticipati l-konsegwenzi ta' xiri għal għażliet futuri (Weber & Hsee, 2000).

Id-distinzjonijiet bejn il-bżonnijiet u x-xewqat jibdew jitfaċċaw, iżda f'din l-età jkunu influwenzati ħafna mill-istruttura pprovduta mill-adulti, mis-sinjali sitwazzjonali, u mill-emozzjonijiet (Webley & Nyhus, 2006; Miller et al., 2011). Id-deċiżjonijiet dwar il-flus għandhom it-tendenza li jiffukaw fuq riżultati immedjati u konkreti. L-involviment finanzjarju huwa episodiku, marbut ma' sitwazzjonijiet partikolari bħal provvedimenti żgħar, rigali, jew xirjiet ta' affarijiet mixtieqa taħt superviżjoni li jistgħu jiġu esperjenzati bħala ħtiġijiet, aktar milli jkunu bbażati fuq ibbaġitjar sistematiku jew ippjanar fuq terminu itwal (Otto et al., 2015; Mandell & Klein, 2009).

In-newroxjenza tal-iżvilupp tissuġġerixxi li l-kapaċitajiet konjittivi għar-regolazzjoni tal-impulsi u għall-ħsieb prospettiv ikomplu jimmaturaw matul it-tfulija medja, u jiffurmaw il-mod kif it-tfal jinterpretaw id-dewmien, il-prezz u l-valur (Casey et al., 2008; Steinberg, 2008). Fl-istess ħin, l-esponiment għal metodi ta' ħlas mingħajr flus kontanti u diġitali f'ambjenti familjari qed isir dejjem aktar komuni, u ħafna drabi jippreċedi fehim stabbli tal-kwantitajiet u tal-prezz. Tali espożizzjoni tista' tnaqqas il-viżibbiltà tal-prezz u r-rabta psikoloġika bejn l-infiq u t-telf. Dan ifixkel ir-"realtà" finanzjarja, b'implikazzjonijiet għall-formazzjoni ta' drawwiet bikrija ta' nfiq u għall-awtoregolazzjoni (Soman et al., 2010; OECD, 2022e; Zaloom, 2019).

Nuqqasijiet fil-Kapaċità

In-nuqqasijiet fil-kapaċità f'din il-koorti huma primarjament ta' natura żviluppali aktar milli informattiva. It-tfal ta' spiss juru fehim limitat dwar minn fejn jiġu l-flus, kif għandhom jimmaniġġjaw ammonti żgħar b'mod strutturat, u kif għandhom japplikaw id-distinzjoni bejn il-bżonnijiet u x-xewqat b'mod konsistenti f'kuntesti reali (Piaget, 1952; Webley & Nyhus, 2006). Filwaqt li xi tfal juru mġibiet ta' tfaddil (eż. li jpoġġu l-flus fil-ġenb), din ħafna drabi tkun imġiba ta' imitazzjoni aktar milli mġiba bbażata fuq prinċipji, b'fehim limitat tal-prijoritizzazzjoni, tal-ippjanar jew tas-sodisfazzjon differit (Gudmunson & Danes, 2011; Mandell & Klein, 2009).

Ir-riċerka dwar il-kapaċità finanzjarja tindika li n-nuqqasijiet bikrija jistgħu jippersistu f'fażijiet aktar tard tal-ħajja jekk ma jiġux indirizzati permezz ta' prattika ripetuta u ambjenti ta' appoġġ (Lusardi & Mitchell, 2014). Il-gwida tal-OECD tissuġġerixxi li ħafna tfal f'dan il-grupp ta' età jsibu diffikultà biex jirrikonoxxu l-kompromessi bejn għażliet, jivvalutaw il-valur għall-flus, u jinnavigaw sinjali kummerċjali persważivi, b'mod partikolari f'ambjenti diġitali fejn l-infiq isir mingħajr frizzjoni u l-prezzijiet huma inqas prominenti (OECD, 2018; Soman et al., 2010). Il-formazzjoni tal-kapaċità hija mfassla wkoll mill-inugwaljanza fl-opportunitajiet ta' tagħlim: id-differenzi fil-ħin, fir-riżorsi, fl-istress u fl-immudellar tal-ġenituri jaffettwaw ir-rikkezza u l-konsistenza tat-tagħlim finanzjarju (Gudmunson & Danes, 2011; OECD, 2018).

Fatturi Ewlenin fl-Imġiba u fil-Kuntest

It-tfal ta' bejn is-6 u l-10 snin huma ffurmati minn taħlita ta' fatturi ewlenin kontekstwali u ta' mġiba, inklużi l-mudell tal-ġenituri, in-normi tal-familja rigward l-infiq u t-tfaddil, l-influwenza tal-pari, u l-esponiment għal messaġġi kummerċjali (Gudmunson & Danes, 2011). Tendenzi fl-imġiba bħall-preġudizzju favur il-preżent u awtoregolazzjoni limitata jnaqqsu l-kapaċità tat-tfal li jdewmu s-sodisfazzjon u jsostnu imġibiet ta' tfaddil. Evidenza lonġitudinali tindika li l-awtokontroll fit-tfulija jipprevedi riżultati aktar tard fil-ħajja, inkluża l-istabbiltà finanzjarja (Moffitt et al., 2011), u r-riċerka dwar l-iżvilupp tissuġġerixxi li r-regolazzjoni tal-impulsi tkompli timmatura matul dan il-perjodu (Casey et al., 2008; Steinberg, 2008).

L-ambjenti ta' konsum diġitalizzati jintroduċu motivaturi addizzjonali: xiri fl-applikazzjoni u l-premjijiet ludifikati jistgħu jnaqqsu l-viżibbiltà tal-prezz u jinnormalizzaw infiq frekwenti ta' valur baxx, speċjalment meta l-infiq ikun skonnett minn ma' skambju tanġibbli jew tnaqqis viżibbli (Soman et al., 2010; Zaloom, 2019). Il-kuntest soċjoekonomiku usa' jifforma l-aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim finanzjarju, il-kapaċità tal-ġenituri li jinvolvu ruħhom, u d-disponibbiltà ta' mudelli pożittivi, u b'hekk jikkontribwixxi għal żvilupp mhux ugwali tal-kapaċità finanzjarja (OECD, 2018).

Għarfien mill-Gruppi Fokali

Ma saru l-ebda gruppi fokali bi tfal ta' bejn is-6 u l-10 snin minħabba limitazzjonijiet metodoloġiċi u ta' żvilupp assoċjati ma' metodi kwalitattivi bbażati fuq il-gruppi. F'dan l-istadju, il-kapaċità tat-tfal li jesprimu kunċetti finanzjarji astratti, jirriflettu fuq l-imġibiet tagħhom stess u jipparteċipaw f'diskussjoni sostenuta fi grupp hija limitata, u dan jista' jaffettwa l-affidabbiltà u l-profondità tal-għarfien iġġenerat (Piaget, 1952; Bjorklund, 2018). Id-dinamika tal-grupp tista' wkoll tiġi ffurmata b'mod qawwi mill-influwenza tal-pari, mid-dežiderabbiltà soċjali, u mill-parteċipazzjoni mhux ugwali, u dan iżid ir-riskju li t-tweġibiet jirriflettu l-vuċijiet dominanti aktar milli l-fehim individwali (Punch, 2002).

Dan il-grupp ta' età kien għalhekk irrappreżentat permezz ta' sinteżi tal-letteratura eżistenti u evidenza fuq skala kbira dwar is-soċjalizzazzjoni u l-kapaċità finanzjarji fit-tfulija (Gudmunson & Danes, 2011; OECD, 2018). Madankollu, it-tfal f'din il-koorti se jiġu inklużi fl-istadji aktar tard tal-istrateġija permezz ta' approċċi parteċipattivi adattati għall-età tagħhom sabiex jipprovdu informazzjoni għat-tfassil u l-ittestjar ta' materjali u għodod maħsuba għat-tfal, bħal riżorsi għall-klassi, attivitajiet u kontenut diġitali. Dan jippermetti li l-perspettivi tat-tfal jiffurmaw l-aċċessibbiltà, iċ-ċarezza u l-involviment mingħajr ma jkun meħtieġ li jikkontribwixxu għal analiżi strateġika ta' livell għoli, f'konformità ma' prattika tajba fit-tfassil iċċentrat fuq it-tfal (Gudmunson & Danes, 2011; OECD, 2018).

Objettivi tat-Tagħlim Potenzjali

B'kuntrast ma' dan, il-fażi tal-bidu tal-karriera u tal-formazzjoni tal-familja hija kkaratterizzata inqas min-novità u aktar mill-impenn. Id-deċiżjonijiet finanzjarji meħuda matul dan il-perjodu—b'mod partikolari fl-akkwist ta' akkomodazzjoni, fil-kura tat-tfal, u fl-assigurazzjoni—isiru strutturalment inkorporati, u b'hekk inaqqsu b'mod sostanzjali l-flessibbiltà futura u jżidu l-ispiża biex dawn jitreġġgħu lura. L-iżbalji f'dan l-istadju mhumiex primarjament ir-riżultat ta' nuqqas ta' esperjenza, iżda ta' preġudizzju ta' ottimiżmu, nuqqas ta' ħin u deliberazzjoni limitata fil-punt tal-impenn. Ladarba d-deċiżjonijiet jiġu ffissati, l-avversjoni għat-telf u l-biża' li wieħed jiddispjaċih ikomplu jżommu lil persuna milli tagħmel rivalutazzjoni, anke meta jinbidlu ċ-ċirkostanzi. L-ingranaġġ tal-politika f'din il-fażi għalhekk ma jinsabx fin-navigazzjoni, iżda fil-preżejtazzjoni tad-deċiżjonijiet, fil-valutazzjoni tar-riskju, fis-salvagwardji, u fil-mekkaniżmi ta' preklużjoni fil-punti ta' impenn.

Din id-distinzjoni għandha implikazzjonijiet diretti fuq it-tfassil u s-sekwenzjar tal-interventi. Filwaqt li ż-żewġ fażijiet huma kritiċi ħafna, dawn jeħtieġu strumenti ta' politika fundamentalment differenti. L-applikazzjoni ta' interventi ffukati fuq in-navigazzjoni jew edukattivi maħsuba għal fażijiet ta' tranżizzjoni f'kuntesti ta' lock-in x'aktarx ma ttejjibx ir-riżultati u tista' toħloq serħan il-moħħ falz. Min-naħa l-oħra, id-dewmien fl-intervent sakemm l-impennji jkunu diġà stabbiliti inaqqas b'mod sinifikanti l-effettività tal-politika. Għalhekk, ir-rikonoxximent tad-distinzjoni bejn it-tranżizzjoni u l-iffissar huwa essenzjali għall-prijoritizzazzjoni tar-riżorsi, l-għażla ta' mekkaniżmi eżekuttivi xierqa, u l-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' żvantaġġ irriversibbli matul il-kors tal-ħajja.

Adulti f'nofs il-karriera u adulti stabbiliti (35–59 sena): Kumplessità Akkumulata u Inerzja fl-Imġiba

Realtà Finanzjarja

L-adulti f'nofs il-karriera tagħhom tipikament jimmaniġġjaw l-aktar portafolli finanzjarji kumplessi u konsegwenzjali matul il-kors tal-ħajja. Dan il-perjodu huwa kkaratterizzat minn esponiment simultanju għal self ipotekarju jew dejn garantit ieħor, deċiżjonijiet dwar l-akkumulazzjoni tal-pensjoni, kopertura tal-assigurazzjoni, spejjeż relatati mal-edukazzjoni għal persuni dipendenti, u ħafna drabi appoġġ finanzjarju kemm għat-tfal kif ukoll għall-ġenituri li qed jixjieħu. Minkejja d-dħul medju komparattivament ogħla, evidenza trasnazzjonali turi li din il-koorti tesperjenza livelli għoljin ta' stress finanzjarju u nuqqas ta' involviment, xprunati inqas minn skarsezza milli minn kumplessità u pressjoni ta' ħin (OECD, 2020c; Lusardi & Mitchell, 2017; Kummissjoni Ewropea, 2023). Din il-koorti għandha t-tendenza li tpoġġi enfasi akbar fuq il-preservazzjoni tal-ġid u l-ippjanar għall-irtirar, u turi preferenza għal għażliet ta' kapital sigur bħal bonds tal-gvern u proprjetà flimkien ma' interess dejjem jikber fl-iskemi ta' pensjoni volontarji u investimenti oħra ta' riskju baxx sa medju. Studji lonġitudinali jindikaw li d-deċiżjonijiet meħuda matul din il-fażi—b'mod partikolari rigward ir-rati tal-kontribuzzjoni tal-pensjoni, l-allokazzjoni tal-investimenti u l-ġestjoni tad-dejn—għandhom effetti sproporzjonati fuq l-adegwatezza tal-irtirar minħabba l-orizzont ta' żmien dejjem iqsar għall-aġġustament (Agarwal et al., 2009; Lusardi & Mitchell, 2017).

Nuqqasijiet fil-Kapaċità

Ir-riċerka empirika tiddokumenta b'mod konsistenti fehim limitat tar-regoli tas-sistema tal-pensjonijiet, tal-adegwatezza tal-kontribuzzjonijiet u tal-implikazzjonijiet tad-dekumulazzjoni, anke fost individwi b'livell għoli ta' edukazzjoni formali (Lusardi & Mitchell, 2017; OECD, 2020c). Nuqqasijiet addizzjonali jinkludu għarfien dgħajjef dwar id-diversifikazzjoni, ottimizzazzjoni inadegwata tal-assigurazzjoni, u involviment limitat fl-għodod ta' ppjanar finanzjarju fit-tul (Campbell, 2006; van Rooij et al., 2011). Importanti li wieħed jinnota li dawn in-nuqqasijiet jeżistu flimkien ma' livell għoli ta' kunfidenza awtodikjarata, li jissuġġerixxi diskrepanza bejn il-kapaċità perċepita u dik attwali li tnaqqas l-inerzja fl-imġiba ta' tiftix ta' għajnuna (OECD/INFE, 2019).

Motivaturi tal-Imġiba u Kuntestwali

L-ekonomija tal-imġiba tidentifika l-inerzja, il-prokrastrinazzjoni, u l-għeja mid-deċiżjonijiet bħala l-limitazzjonijiet dominanti għall-involviment f'dan l-istadju (Madrian & Shea, 2001; Thaler & Sunstein, 2008). It-tagħbija konjittiva żejda li tirriżulta min-numru kbir ta' deċiżjonijiet finanzjarji, flimkien ma' responsabbiltajiet ta' xogħol u ta' kura li jikkompetu flimkien, twassal għall-posponiment u d-dipendenza fuq għażliet prestabbiliti jew arranġamenti skaduti (Mullainathan & Shafir, 2013; OECD, 2023c). In-normi soċjali u l-preġudizzju tal-istatus quo jsaħħu aktar in-nuqqas ta' involviment, b'mod partikolari f'kuntesti ta' pensjonijiet u assigurazzjoni fejn il-kumplessità u l-biża' li jsiru żbalji rriversibbli jiskoraġġixxu l-għażla attiva (Benartzi & Thaler, 2013).

Għarfien mill-Gruppi Fokali

Il-gruppi fokali ta' persuni f'nofs il-karriera enfasizzaw in-nuqqas ta' involviment ikkawżat minn tagħbija żejda aktar milli minn nuqqas ta' għarfien. Il-parteċipanti ddeskrivew li ħassewhom mgħobbija bil-pensjonijiet, bl-assigurazzjoni, u bl-ippjanar fit-tul, u ħafna drabi pposponew id-deċiżjonijiet minkejja li kienu konxji tal-importanza tagħhom. Spiss issemmew in-nuqqas ta' ħin, ir-responsabbiltajiet li jikkompetu flimkien, u l-biża' li jsiru żbalji rriversibbli. Ħafna esprimew nuqqas ta' fiduċja f'informazzjoni finanzjarja kumplessa u ppreferew l-għażliet prestabbiliti jew is-serħan il-moħħ minn sorsi fdati.

Objettivi tat-Tagħlim Potenzjali

L-objettivi tat-tagħlim għal din il-koorti għandhom jagħtu prijorità lill-involviment mill-ġdid aktar milli lill-edukazzjoni fundamentali. L-evidenza tappoġġja objettivi ffukati fuq it-titjib tal-fehim dwar l-adegwatezza tal-pensjoni, ir-rivalutazzjoni tal-esponiment għar-riskju, ir-rikonoxximent tal-ħtieġa ta' reviżjoni perjodika, u l-bini tal-kunfidenza biex isiru aġġustamenti minflok ma ssir ottimizzazzjoni mill-bidu nett (OECD, 2020c; Lusardi & Mitchell, 2017).

Preferenzi tat-Tagħlim

Ir-riċerka turi b'mod konsistenti li din il-koorti tirrispondi ħażin għal korsijiet jew workshops tradizzjonali minħabba n-nuqqas ta' ħin. Għodod simplifikati, pariri personalizzati, għażliet prestabbiliti, u komunikazzjonijiet qosra u mmirati jiksbu riżultati aħjar minn approċċi mgħobbija b'informazzjoni (Benartzi & Thaler, 2013; OECD/INFE, 2019). In-nudges ibbażati fuq l-imġiba mogħtija f'punti ta' reviżjoni naturali huma partikolarment effettivi. Il-parteċipanti fil-gruppi fokali kkonfermaw il-preferenza tagħhom għal għodod konċiżi u effiċjenti fl-użu tal-ħin bħal listi ta' kontroll għall-ippjanar għall-irtirar, stimaturi tal-kontribuzzjonijiet jew gwidi għall-valutazzjoni tar-riskju, filwaqt li apprezzaw gwida b'lingwaġġ ċar dwar kwistjonijiet kumplessi. Il-parteċipanti huma wkoll lesti li jiddependu fuq għodod fdati u li jistgħu jużawhom bil-pass tagħhom stess bħal kalkulaturi ta' tqabbil u portali uffiċjali tal-ippjanar għat-teħid ta' deċiżjonijiet fit-tul.

Ambjenti tat-Tagħlim

Ambjenti tat-tagħlim b'impatt għoli jinkludu postijiet tax-xogħol (permezz ta' komunikazzjonijiet dwar il-pensjonijiet u pjattaformi tal-benefiċċji), għodod ta' benesseri finanzjarju marbuta mal-impjegatur, komunikazzjonijiet mill-forniturі tal-pensjonijiet, u kanali ta' konsulenza pubbliċi jew regolati fdati, b'komunikazzjoni mfassla apposta għan-netwerks ta' persuni li jaħdmu għal rashom. L-interventi inkorporati f'sistemi eżistenti juru adozzjoni ogħla minn programmi awtonomi (OECD, 2020c). L-għodod diż`ġitali uffiċjali u l-pjattaformi ta' informazzjoni fdati, inklużi l-portali tal-benefiċċji tal-gvern, il-kalkulaturi tal-irtirar, u s-siti web tar-regolaturi finanzjarji u tal-protezzjoni tal-konsumatur, jistgħu jiġu akkumpanjati minn għażliet diġitali assistiti, bħal linji ta' għajnuna, biex jiġi żgurat aċċess inklużiv.

Implikazzjonijiet Strateġiċi

L-interventi ta' politika għandhom jagħtu prijorità lis-simplifikazzjoni, l-ottimizzazzjoni tal-għażliet prestabbiliti, u l-punti ta' kontroll strutturati għad-deċiżjonijiet. L-objettiv mhuwiex li jiżdied l-għarfien finanzjarju fih innifsu, iżda li jitnaqqsu l-ostakli u jkun possibbli li tittieħed azzjoni f'waqtha f'sistemi li diġà huma kumplessi żżejjed.

Tranżizzjoni: Mis-Saturazzjoni tal-Kumplessità għall-Ġestjoni tal-Vulnerabbiltà

It-tranżizzjoni lejn l-istadji aktar avvanzati tal-ħajja tirrifletti bidla mill-ġestjoni tal-kumplessità għall-ġestjoni tal-vulnerabbiltà. Filwaqt li l-isfidi f'nofs il-karriera huma ddominati minn tagħbija żejda u diżimpenn f'orizzonti ta' żmien li għadhom jistgħu jiġu rkuprati, l-ambjenti ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'fażi aktar avvanzata tal-ħajja huma mfassla mid-dekumulazzjoni, orizzonti ta' rkupru iqsar, it-tixjiħ konjittiv u esponiment akbar għall-frodi u l-esklużjoni. Il-konsegwenzi tal-iżball isiru aktar immedjati u inqas riversibbli, u dan jeħtieġ tranżizzjoni minn interventi ffukati fuq l-awtonomija lejn il-protezzjoni, il-bini tal-fiduċja u t-teħid ta' deċiżjonijiet b'appoġġ.

Pensjonanti u Anzjani (60 sena u aktar): Dekumulazzjoni, Fiduċja u Piż Konjittiv

Realtà Finanzjarja

L-aħħar snin tal-ħajja huma kkaratterizzati minn bidla mill-akkumulazzjoni tad-dħul għad-dekumulazzjoni, perjodi ta' rkupru iqsar, u esponiment akbar għal riżultati finanzjarji irriversibbli. Id-dħul ġeneralment jinkiseb minn taħlita ta' pensjonijiet pubbliċi u okkupazzjonali, użu ta' tfaddil privat u, għal xi individwi, parteċipazzjoni kontinwa fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, il-profili tan-nefqa jsiru aktar inċerti minħabba ż-żieda fl-ispejjeż tal-kura tas-saħħa u dawk relatati mal-akkomodazzjoni (OECD, 2022c). L-evidenza empirika turi li d-deċiżjonijiet finanzjarji meħuda matul dan l-istadju—bħar-rati ta' prelevament, l-għażliet ta' annwità, jew ir-reazzjonijiet għax-xokkijiet—għandhom implikazzjonijiet immedjati u dejjiema fuq il-benesseri minħabba li l-opportunitajiet biex jiġi kkumpensat it-telf permezz ta' dħul futur huma limitati (Agarwal et al., 2009; Lusardi & Mitchell, 2017). Id-diġitalizzazzjoni rapida tas-servizzi finanzjarji u pubbliċi tkompli tibdel l-ambjent tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u toħloq kisbiet fl-effiċjenza għal xi whud filwaqt li żżid ir-riskji ta' esklużjoni għal oħrajn.

Nuqqasijiet fil-Kapaċità

In-nuqqasijiet fil-kapaċità f'fażi aktar avvanzata tal-ħajja jirrelataw inqas ma' għarfien finanzjarju bażiku u aktar mal-ġestjoni tal-kumplessità f'kuntest ta' kapaċità konjittiva, fiżika jew diġitali li tkun qed tonqos. L-istudji jidentifikaw b'mod konsistenti diffikultajiet fl-evalwazzjoni ta' strateġiji ta' dekumulazzjoni, fil-fehim tar-riskju ta' lonġevità u ta' inflazzjoni, fit-tqabbil ta' prodotti tal-assigurazzjoni u relatati mal-kura, u fl-identifikazzjoni ta' komunikazzjonijiet frodulenti jew qarrieqa (OECD, 2022e; DeLiema et al., 2019). Il-kunfidenza diġitali spiss tonqos aktar malajr mil-litteriżmu finanzjarju funzjonali, u b'hekk tiżdied id-dipendenza fuq l-intermedjarji u fuq l-appoġġ informali (OECD, 2020e). Filwaqt li l-eteroġeneità f'din il-koorti hija sostanzjali, l-evidenza fil-livell tal-popolazzjoni turi li l-vulnerabbiltà għall-iżbalji tiżdied b'mod qawwi maż-żieda fl-età, max-xokkijiet tas-saħħa, u mal-iżolament soċjali (Agarwal et al., 2009). Il-pensjonanti iżgħar fl-età għandhom it-tendenza li jużaw l-ATMs, is-servizzi bankarji online u l-pagamenti bil-mowbajl b'kunfidenza meta mqabbla ma' anzjani akbar jew b'inqas esperjenza fit-teknoloġija li jippreferu kanali wiċċ imb wiċċ jew telefoniċi, u b'hekk jinħoloq distakk diġitali ċar fl-istess koorti.

Motivaturi tal-Imġiba u Kuntestwali

Id-dinamika tal-imġiba fl-aħħar snin tal-ħajja hija ffurmata mit-tixjiħ konjittiv, minn bidliet fil-perċezzjoni tar-riskju u minn avverżjoni għat-telf akbar. Ir-riċerka fil-finanzi tal-unitajiet domestiċi u fl-ekonomija tal-imġiba turi li t-tnaqqis fil-veloċità tal-ipproċessar, fil-memorja tax-xogħol u fin-numeriżmu jżid id-dipendenza fuq l-ewristika u jnaqqas it-tolleranza għal ambjenti ta' għażla kumplessi (Agarwal et al., 2009; Lusardi & Mitchell, 2014). Il-biża' minn żbalji irriversibbli tinkoraġġixxi l-evitar tad-deċiżjonijiet, b'mod partikolari f'kuntesti mhux familjari jew f'kuntesti diġitali biss. L-asimetriji fil-fiduċja jsiru aktar evidenti, fejn l-individwi spiss jagħtu piż eċċessiv lill-awtorità, lill-familjarità jew lill-prossimità soċjali filwaqt li jissottovalutaw l-esponiment għal frodi sofistikata (DeLiema et al., 2019). L-iżolament soċjali, it-telf ta' persuna għażiża, u t-tnaqqis fis-saħħa jnaqqsu aktar il-kapaċità konjittiva disponibbli u l-aċċess għal pariri f'waqthom, u b'hekk ikomplu jżidu r-riskju.

Għarfien tal-Gruppi Fokali (Esperjenza Mgħajxa)

Il-parteċipanti tal-gruppi fokali enfasizzaw b'mod konsistenti l-fiduċja, is-serħan tal-moħħ u l-biża' li jsir żball bħala temi dominanti fit-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji f'eta aktar avvanzata. Ħafna esprimew skumdità dwar servizzi diġitali biss u ansjetà dwar l-iscams, u rrapportaw li jiddependu fuq il-membri tal-familja, professjonisti fdati, jew intermedjarji tal-komunità biex jinterpretaw l-informazzjoni u jappoġġjaw id-deċiżjonijiet. Il-parteċipanti spiss iddeskrivew li kienu jdewmu jew jevitaw deċiżjonijiet finanzjarji minħabba l-biża' li jagħmlu żbalji irriversibbli, anke meta kienu konxji li n-nuqqas ta' azzjoni kien iġorr ir-riskji tiegħu stess. Dawn l-esperjenzi jirriflettu mill-qrib is-sejbiet kwalitattivi internazzjonali dwar l-imġiba finanzjarja f'fażi aktar avvanzata tal-ħajja (OECD, 2022e).

Objettivi tat-Tagħlim Potenzjali

L-objettivi tat-tagħlim għal din il-koorti jagħtu prijorità lill-għarfien dwar is-salvagwardji, lill-kunfidenza u lit-teħid ta' deċiżjonijiet b'appoġġ aktar milli lill-ottimizzazzjoni jew lill-kompetenza teknika. It-tisħiħ tal-kunfidenza diġitali sabiex l-anzjani jħossuhom siguri meta jużaw l-ATMs, is-servizzi bankarji online u l-pagamenti bil-mowbajl huwa neċessarju. L-evidenza tissuġġerixxi li t-titjib tal-għarfien dwar ir-riskji ta'

frodi, it-tisħiħ tal-kunfidenza biex tintalab l-għajnuna, il-kjarifika tad-drittijiet u s-salvagwardji, u l-appoġġ għall-fehim tas-sostenibbiltà tad-dħul huma aktar effettivi minn tentattivi biex jiġi estiż l-għarfien finanzjarju dettaljat f'dan l-istadju (Sherraden et al., 2018; OECD/INFE, 2019). Li jkun hemm il-possibbiltà ta' kunsens infurmat, delega sikura u eskalazzjoni f'waqtha huwa essenzjali biex jinżamm il-benesseri finanzjarju.

Preferenzi tat-Tagħlim

L-anzjani juru preferenza qawwija għal tagħlim relazzjonali, orjentat lejn is-serħan tal-moħħ, li jkun b'pass moderat, ripetittiv, u mwettaq permezz ta' sorsi fdati. Kampanji ta' informazzjoni ta' darba u għodod diġitali awtodiretti huma inqas effettivi minn involviment kontinwu u spjegazzjoni personalizzata, partikolarment fejn id-deċiżjonijiet ikunu kumplessi jew iġibu magħhom emozzjonijiet qawwija (DeLiema et al., 2019; OECD, 2022f). Il-fiduċja f'min jikkomunika spiss tkun aktar importanti mis-sofistikazzjoni teknika tal-messaġġ biex jiġu ddeterminati l-involviment u l-adozzjoni. Il-parteċipanti fil-gruppi fokali esprimew il-preferenza tagħhom għal kontenut b'lingwaġġ ċar u bbażat fuq xenarji, b'mod partikolari għal kompiti prattiċi bħall-għarfien ta' frodi, il-qari ta' rendikonti tal-pensjoni jew it-tlestija ta' awtorizzazzjonijiet ta' ħlas. Issemmew ukoll karatteristiċi ta' disinn aċċessibbli, li jagħmluh prattiku għall-anzjani b'vista, smigħ jew destrezza li qed jonqsu. Għar-riżorsi stampati, dan ifisser tipa akbar u tqassim b'kuntrast għoli, filwaqt li għall-kontenut diġitali jinkludi kompatibbiltà ma' qarrejja tal-vuċi jew tal-iskrin u navigazzjoni simplifikata.

Ambjenti tat-Tagħlim

Ambjenti effettivi ta' tagħlim u appoġġ jinkludu ċentri tal-komunità, punti tas-servizz pubbliku, intermedjarji finanzjarji regolati, servizzi ta' konsulenza, u punti ta' kuntatt tal-kura tas-saħħa jew soċjali. Dawn l-ambjenti jippermettu l-integrazzjoni tal-appoġġ għall-kapaċità finanzjarja ma' ppjanar usa' tal-benesseri u tal-kura, b'mod konsistenti mal-evidenza li l-implimentazzjoni transsettorjali ttejjeb l-aċċessibbiltà u l-fiduċja għall-adulti akbar fl-età (Sherraden et al., 2018). Il-mezzi tax-xandir tradizzjonali (it-televiżjoni, ir-radju u l-gazzetti) jibqgħu effettivi biex jilħqu l-popolazzjoni anzjana usa', inklużi l-anzjani bbażati fid-dar jew li għandhom mobilità inqas, u jipprovdu tisħiħ konsistenti u aċċessibbli ta' messaġġi ewlenin. L-għodod diġitali jista' jkollhom rwol komplementari iżda għandhom ikunu fakultattivi, appoġġjati, u mfassla b'kunsiderazzjoni għall-aċċessibbiltà, ir-ridondanza u t-tolleranza għall-iżbalji.

Implikazzjonijiet Strateġiċi

Il-ħajja tardiva tirrappreżenta fażi fejn il-politika dwar il-kapaċità finanzjarja tikkonverġi mal-protezzjoni tal-konsumatur u mat-tfassil tas-servizzi. Il-letteratura turi b'mod konsistenti li t-tnaqqis tal-kumplessità, it-tisħiħ tas-salvagwardji u l-provvediment ta' mogħdijiet assistiti huma aktar effettivi minn approċċi li jimmassimizzaw l-awtonomija f'kundizzjonijiet ta' vulnerabbiltà u rreversibbiltà (Thaler & Sunstein, 2008; Benartzi & Thaler, 2013; OECD, 2022e). Għalhekk, l-interventi ta' politika għandhom jagħtu prijorità lill-aċċessibbiltà, il-fiduċja u l-protezzjoni, billi jinkorporaw għażliet mhux diġitali, intermedjarji ta' fiduċja u prevenzjoni proattiva tal-frodi fis-sistemi finanzjarji u tas-servizzi pubbliċi.

Il-Vulnerabbiltà bħala Multiplikatur tar-Riskju Transversali

Il-vulnerabbiltà topera matul il-kors tal-ħajja kollha bħala multiplikatur tar-riskju aktar milli bħala kategorija distinta ta' kapaċità finanzjarja. L-evidenza empirika turi b'mod konsistenti li l-vulnerabbiltà ma tintroduċix mekkaniżmi ta' kapaċità finanzjarja fundamentalment differenti; minflok, din tamplifika l-limitazzjonijiet eżistenti billi tnaqqas il-kapaċità konjittiva disponibbli, tillimita l-aċċess għal ambjenti ta' appoġġ u żżid il-konsegwenzi tal-iżball. B'riżultat ta' dan, l-istess tranżizzjonijiet tul il-ħajja identifikati f'dan il-kapitolu—bħall-ewwel esponiment, l-impenn vinkolanti fit-tul, is-saturazzjoni tal-kumplessità, u d-dekumulazzjoni—jiġu esperjenzati b'mod aktar intens u b'marġnijiet aktar baxxi għall-irkupru minn individwi li qed jiffaċċjaw il-vulnerabbiltà.

Fost il-koorti, il-vulnerabbiltà hija l-aktar assoċjata ma' riżorsi materjali mnaqqsa, limitazzjonijiet tas-saħħa, responsabbiltajiet ta' kura, status migratorju, esklużjoni diġitali, u iżolament soċjali. Dawn il-fatturi jinteraġixxu ma' restrizzjonijiet fl-imġiba b'modi prevedibbli. L-iskarsezza u l-istress inaqqsu l-attenzjoni, il-kapaċità tal-ippjanar u t-tolleranza għall-kumplessità, u jżidu d-dipendenza fuq l-ewristika u t-teħid ta' deċiżjonijiet fuq terminu qasir. Il-faqar fil-ħin u l-piż amministrattiv ikomplu jdgħajfu l-involviment mas-sistemi formali, anke fejn l-informazzjoni tkun disponibbli. Importanti li wieħed jinnota li dawn id-dinamiki jaffettwaw mhux biss lill-individwi bi dħul baxx iżda wkoll lil dawk li jesperjenzaw xokkijiet temporanji, żvantaġġ kumulattiv, jew tnaqqis fil-kapaċità aktar tard fil-ħajja.

L-interazzjoni bejn il-vulnerabbiltà u d-disinn istituzzjonali hija partikolarment konsegwenzjali. Arkitetturi kumplessi tal-għażla, twassil frammentat tas-servizzi u sistemi diġitalment esklużivi jpoġġu lill-individwi vulnerabbli fi żvantaġġ b'mod sproporzjonat billi jżidu r-rati ta' żbalji u jiskoraġġixxu l-involviment. Min-naħa l-oħra, karatteristiċi istituzzjonali mfassla tajjeb—bħal għażliet prestabbiliti, simplifikazzjoni, intermedjarji ta' fiduċja, u prompts f'waqthom—itaffu l-effetti tal-vulnerabbiltà billi jnaqqsu l-piż konjittiv u amministrattiv. Dan isaħħaħ is-sejba li r-riżultati tal-kapaċità finanzjarja huma prodotti b'mod konġunt mill-kapaċità individwali u mit-tfassil tas-sistema, aktar milli jkunu attribwibbli għal karatteristiċi individwali biss.

Il-vulnerabbiltà tibdel ukoll il-profil tar-riskju tan-nuqqas ta' azzjoni. Filwaqt li n-nuqqas ta' azzjoni jista' jkun rispons razzjonali għall-kumplessità għal individwi mhux vulnerabbli b'kapaċità ta' rkupru, dan iġib miegħu spejjeż ferm ogħla għal dawk li jiffaċċjaw il-vulnerabbiltà. Deċiżjonijiet imdewwma, intitolamenti mitlufa u impenji mhux riveduti jżidu l-iżvantaġġ maż-żmien, b'mod partikolari f'punti ta' tranżizzjoni fejn l-għażliet isiru irriversibbli. Din id-dinamika hija speċjalment evidenti fl-istadji aktar avvanzati tal-ħajja, fejn orizzonti ta' żmien iqsar u assimetriji fil-fiduċja jżidu l-esponiment għall-ħsara.

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Istrateġija tinkorpora l-vulnerabbiltà f'kull koorti minflok ma tittrattaha bħala dominju analitiku jew ta' politika separat. Dan l-approċċ huwa konformi mal-prinċipju tal-universaliżmu proporzjonat: li jinżammu oqfsa ta' koorti universali filwaqt li l-intensità, it-twaqqit, u l-mod ta' intervent ivarjaw skont il-grad ta' limitazzjoni. L-inkorporazzjoni tal-vulnerabbiltà tevita l-immirar kategoriku li jġib miegħu r-riskju ta' stigma jew esklużjoni, filwaqt li tiżgura li l-interventi jibqgħu jirrispondu għall-kapaċità u r-riskju differenzjali.

Minn perspettiva strateġika, it-trattament tal-vulnerabbiltà bħala multiplikatur tar-riskju trasversali għandu tliet implikazzjonijiet. L-ewwel nett, dan jirrikjedi li l-interventi kollha jiġu vvalutati għall-aċċessibbiltà, it-tagħbija konjittiva u t-tolleranza għall-iżbalji tagħhom, minflok ma tiġi preżunta kapaċità uniformi. It-tieni, jagħti prijorità lill-implimentazzjoni permezz ta' ambjenti fejn individwi vulnerabbli diġà jinteraġixxu mas-sistemi, bħal postijiet tax-xogħol, servizzi pubbliċi, organizzazzjonijiet komunitarji, ambjenti tas-saħħa u tal-kura, u intermedjarji regolati. It-tielet, isaħħaħ il-ħtieġa għal koordinazzjoni bejn il-politika dwar il-kapaċità finanzjarja, il-protezzjoni tal-konsumatur, u s-sistemi ta' appoġġ soċjali, filwaqt li jirrikonoxxi li l-bini effettiv tal-kapaċità ma jistax jiġi sseparat minn salvagwardji istituzzjonali usa'.

Fil-qosor, il-vulnerabbiltà tifforma kif jiġu esperjenzati l-isfidi tal-kapaċità finanzjarja, mhux liema sfidi jeżistu. L-integrazzjoni tal-vulnerabbiltà fl-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja ssaħħaħ kemm il-koerenza analitika kif ukoll l-effettività tal-politika, filwaqt li tiżgura li l-interventi jkunu proporzjonati, inklużivi u jirrispondu għar-realtajiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji limitati fost il-popolazzjoni.

Gruppi Prijoritarji Identifikati

Matul il-fażi ta' konsultazzjoni tal-istrateġija, il-gruppi li ġejjin ġew identifikati bħala dawk li jiffaċċjaw l-aktar ostakli sinifikanti għall-kapaċità finanzjarja:t

- In-nisa u n-nisa akbsr fl-età, speċjalment dawk b'parteċipazzjoni limitata fis-suq tax-xogħol u esklużi mit-teħid ta' deċiżjonijiet finanzjarji, jiffaċċjaw nuqqasijiet persistenti fl-għarfien finanzjarju u opportunitajiet imnaqqsa biex jibnu l-awtonomija.
- Persuni anzjani u pensjonanti, b'mod partikolari dawk b'pensjonijiet baxxi jew b'kunfidenza diġitali baxxa, u/jew b'indeboliment konjittiv u tas-saħħa, li jsibu diffikultà biex ikopru l-ħtiġijiet bażiċi, jimmaniġġjaw id-dħul dejjem jonqos wara l-irtirar, u jinnavigaw l-għodod finanzjarji diġitali.
- Iż-żgħażagħ, b'mod partikolari dawk li jidħlu fis-suq tax-xogħol mingħajr edukazzjoni finanzjarja minn qabel, li huma vulnerabbli għal drawwiet ħżiena tal-ibbaġitjar, dejn eċċessiv, u informazzjoni qarrieqa diġitali.
- Popolazzjonijiet ta' migranti, li jiffaċċjaw ostakli lingwistiċi, kulturali u burokratiċi, u li jistgħu jkunu nieqsa minn networks ta' appoġġ, speċjalment f'kuntesti ta' maternità.
- Persuni b'diżabilità, li jiltaqgħu ma' ostakli sistemiċi għal servizzi finanzjarji aċċessibbli meta jippruvaw jużaw prodotti finanzjarji.
- Individwi u familji bi dħul baxx, li ma jkunux jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet bażiċi jew ifaddlu minħabba limitazzjonijiet fil-pagi, żiediet fl-għoli tal-ħajja, u limitazzjonijiet strutturali li jfixklu l-isforzi tal-ippjanar finanzjarju.
- Persuni b'livell baxx ta' edukazzjoni miksuba jew aċċess diġitali, li jsibu diffikultà biex jifhmu kunċetti finanzjarji u jużaw għodod bażiċi, u dan iżid il-vulnerabbiltà tagħhom għall-informazzjoni qarrieqa u l-esklużjoni.
- Persuni f'sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà estrema, inklużi individwi li jiffaċċjaw għajxien bla dar, dipendenza, jew priġunerija, li huma sistematikament esklużi mis-sistemi finanzjarji u stigmatizzati fl-isforzi ta' riintegrazzjoni.
- Persuni li jipprovdu kura bla ħlas u individwi soċjalment iżolati, inklużi persuni li ma jistgħux joħorġu mid-dar jew familji li jieħdu ħsieb lil xi ħadd bi problemi ta' saħħa mentali, li spiss jiffaċċjaw infiq eċċessiv, appoġġ limitat, u esponiment akbar għal scams minħabba konnettività baxxa.

Dawn l-azzjonijiet jikkonformaw mal-impenn tal-istrateġija għal kapaċità finanzjarja inklużiva u ekwa u huma riflessi fil-pjan direzzjonali għall-implimentazzjoni fil-Kapitolu 6 u fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fil-Kapitolu 7.

It-Tabella 4 turi li l-vulnerabbiltà ma toħloqx sfidi distinti fil-kapaċità finanzjarja, iżda tkabbar l-esponiment, tnaqqas il-kapaċità ta' rkupru u żżid l-ispiża tal-iżball f'kull stadji tal-ħajja. It-tabella tenfasizza wkoll li intervent effettiv jeħtieġ l-aġġustament tal-intensità, tat-twaqqit u tal-mod tal-implimentazzjoni fi ħdan oqfsa ta' koorti universali minflok il-ħolqien ta' mogħdijiet paralleli speċifiċi għall-vulnerabbiltà.

Tabella 4 - Riskju Ewlieni, vulnerabbiltajiet u loġika ta' intervent skont il-koorti.

Fażi tal-Ħajja	Ambjent Ewlieni tad-Deċiżjonijiet Finanzjarji	Riskji Ewlenin (Linja Bażi tal-Ħajja)	Kif il-Vulnerabbiltà Tamplifika r-Riskju	Implikazzjonijiet għat-Tfassil tal-Intervent
Tfal (6– 10)	Familjarizzazzjoni mal-flus, ħtiġijiet vs xewqat, prominenza tal-prezz, rutini sempliċi	Drawwiet fundamentali dgħajfa; fehim limitat tal-flus, tal-valur u tal-kompromessi bejn l-għażliet; awtoregolazzjoni fqira; viżibbiltà tal-prezz baxxa	Stress fid-dar, ftit gwida mill-ġenituri, aċċess limitat għal mudelli pożittivi, jew esponiment bikri għal infiq diġitali bla frizzjoni iżidu l-impulsività u jdgħajfu l-formazzjoni tad-drawwiet	Approċċi ċċentrati fuq l-adulti u l-familja; tagħlim iggwidat u esperjenzali; attivitajiet ripetittivi b'tagħbija konjittiva baxxa; preservazzjoni tal-viżibbiltà tal-prezz; appoġġ xieraq għall-età għar-rutini tat-tfaddil u tal-infiq
Tfal (11–14)	Formazzjoni ta' drawwiet, sinjali bikrija ta' nfiq diġitali, deċiżjonijiet medjati mill-familja	Formazzjoni dgħajfa ta' drawwiet; assoċjazzjonijiet emozzjonali dgħajfa mal-flus; normalizzazzjoni bikrija tal-iskarsezza jew tal-evitar	L-istress fil-familja, id-dħul baxx, jew id-diżabbiltà jwasslu għall-ansjetà, inaqqsu l-impatt ta' mudelli pożittivi u jillimitaw il-prattika ggwidata	Interventi ċċentrati fuq il-familja; allinjament bejn il-prattiki tal-iskola u tad-dar; piż konjittiv u sigurtà emozzjonali baxxi
Adolexxenti (15–17)	Awtonomija emerġenti, abbonamenti, infiq diġitali impulsiv	Fiduċja eċċessiva; impulsività; nuqqas ta' fehim tal-impenji; suxxettibbiltà għall-influwenza soċjali	L-esklużjoni soċjali, l-appoġġ dgħajjef tal-ġenituri, jew l-esponiment diġitali għoli jżidu l-impulsività u l-miżinformazzjoni	Mudelli ta' awtonomija ggwidata; salvagwardji madwar l-impenji; valutazzjoni tal-kredibbiltà u appoġġ għal-litteriżmu diġitali
Adulti Żgħar (18–25)	L-ewwel esperjenza marbuta mat-taxxa, mal-kreditu, mal-akkomodazzjoni u mal-istituzzjonijiet formali	Żbalji marbuta ma' deċiżjonijiet preċedenti; evitar amministrattiv; ġestjoni ħażina bikrija tad-dejn; nuqqas ta' involviment istituzzjonali	L-instabbiltà fid-dħul, l-istatus migratorju, jew il-familjarità dgħajfa mal-istituzzjonijiet iżidu l-evitar u l-ħsarat fit-tul fuq medda twila	Appoġġ ta' navigazzjoni f'waqtu; proċessi amministrattivi simplifikati; gwida inkorporata fid-deċiżjonijiet
Bidu tal-Karriera u Familja (26–34)	Impenji fit-tul (self ipotekarju, kura tat-tfal, assigurazzjoni)	Konvinċiment f'impenji subottimali; sottovalutazzjoni tar-riskju fit-tul; ippjanar dgħajjef għal kontinġenzi	L-istress marbut mal-akkomodazzjoni, ir-responsabbiltajiet ta' kura, jew il-ġenituri waħedhom inaqqsu l-kapaċità ta' reviżjoni u jżidu l-irreversibbiltà	Salvagwardji fil-punti ta' impenn; inkwadrament tal-kompromessi bejn għażliet; għodod ta' appoġġ għad-deċiżjoni newtrali u b'lingwaġġ ċar
Nofs il-karriera (35–59)	Saturazzjoni tal-kumplessità (pensjonijiet, assigurazzjoni, responsabbiltajiet multipli)	Inerzja; prokrastinazzjoni; diżimpenn; akkumulazzjoni ta' prodotti skaduti jew mhux allinjati	In-nuqqas ta' ħin, ix-xokkijiet tas-saħħa, jew ir-responsabbiltajiet ta' kura jintensifikaw it-tagħbija żejda u jdewmu l-azzjoni korrettiva	Simplifikazzjoni, għażliet prestabbiliti, punti ta' kontroll strutturati; implimentazzjoni fuq il-post tax-xogħol u permezz ta' mezzi fdati
Pensjonanti u Anzjani (60+)	Dekumulazzjoni, esponiment għall-frodi, diġitalizzazzjoni	L-irreversibbiltà tal-iżbalji; ir-riskju ta' frodi u sfruttament; it-tnaqqis fil-fiduċja; l-evitar	L-iżolament, it-tnaqqis fis-saħħa, il-bidla konjittiva, jew il-fiduċja diġitali baxxa jżidu l-ħsara mill-iżbalji	Aċċess assistit, intermedjarji ta' fiduċja, mekkaniżmi ta' protezzjoni, u mogħdijiet ċari ta' eskalazzjoni

Immappjar Espliċitu mal-Oqsma ta' Kompetenza tal-Kapaċità Finanzjarja tal-OECD/INFE

Sabiex jiġi żgurat allinjament sħiħ mal-istandards internazzjonali, din it-taqsima tqabbel b'mod espliċitu l-analiżi bbażata fuq koorti mal-qafas tal-oqsma ta' kompetenza tal-kapaċità finanzjarja tal-OECD/INFE, li jiddefinixxi l-kapaċità finanzjarja f'erba' oqsma interrelatati: Għarfien, Imġibiet, Attitudnijiet, u Kunfidenza/Kapaċità li Tittieħed Azzjoni (OECD/INFE, 2015; OECD/INFE, 2019). Dan l-immappjar juri li l-approċċ tal-koorti tal-Istrateġija mhuwiex żieda mal-gwida tal-OECD/INFE, iżda applikazzjoni strutturata tagħha matul il-kors tal-ħajja. Kull koorti tenfasizza oqsma differenti skont l-iżvilupp konjittiv, l-esponiment istituzzjonali u l-kuntest ta' vulnerabbiltà, b'mod konsistenti mal-evidenza tal-OECD li l-oqsma tal-kapaċità jevolvu fl-importanza relattiva tagħhom maż-żmien.

Dan l-immappjar isaħħaħ erba' punti kritiċi appoġġjati mill-gwida tal-OECD/INFE:

1. L-ebda qasam ta' kompetenza wieħed ma jiddomina b'mod universali matul il-ħajja kollha; strateġiji effettivi għandhom jibbilanċjaw mill-ġdid l-oqsma waqt li l-individwi jixjieħu (OECD/INFE, 2019).
2. L-oqsma tal-imġiba u tal-attitudni jsiru dejjem aktar importanti ladarba l-individwi jkunu esposti għal prodotti u limitazzjonijiet finanzjarji reali (OECD, 2020c).
3. Il-kunfidenza u l-azzjoni huma medjaturi essenzjali bejn l-għarfien u l-azzjoni, b'mod partikolari f'ambjenti kumplessi jew medjati b'mod diġitali (OECD/INFE, 2023).
4. Il-vulnerabbiltà taffettwa l-oqsma b'mod asimetriku, u tipikament tnaqqas il-fiduċja u l-imġibiet qabel l-għarfien, u b'hekk issaħħaħ il-ħtieġa għal appoġġ proporzjonat.

It-Tabella 5 ta' hawn taħt tħaddem dan l-immappjar billi tispeċifika, għal kull koorti ta' tul il-ħajja, l-oqsma ta' kompetenza primarji u sekondarji tal-OECD/INFE, il-fokus ta' monitoraġġ korrispondenti, u l-bażi ta' evidenza tal-appoġġ. Dan jittraduċi l-allinjament kunċettwali deskritt hawn fuq fi struttura li tista' tiġi evalwata, u jiċċara kif il-bidliet fl-ambjenti tad-deċiżjonijiet u fil-kuntest tal-vulnerabbiltà jiġu riflessi fil-prominenza tad-dominju maż-żmien.

Billi tagħmel dawn ir-rabtiet espliċiti, it-tabella tipprovdi referenza prattika għall-għażla u l-valutazzjoni tal-indikaturi, filwaqt li tiżgura li l-isforzi ta' monitoraġġ jibqgħu proporzjonati mar-riskji tal-istadji tal-ħajja u konsistenti ma' approċċi ta' kejl validati internazzjonalment. Dan l-immappjar jipprovdi wkoll rabta diretta mal-qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni stabbilit fil-kapitolu 7, li jippermetti li l-KPIs speċifiċi għall-koorti jiġu strutturati b'mod konsistenti mal-għodod ta' kejl tal-OECD/INFE.

Table 5 - Mapping of Cohorts to OECD/INFE Financial Capability Domains.

Fażi tal-Ħajja	Dominji Primarji tal-OECD/INFE	Dominji Sekondarji	Fokus tal-Monitoraġġ	Raġunament Ibbażat fuq l-Evidenza
Tfal (6 -10)	Attitudnijiet, Imġibiet	Għarfien	FamilJarizzazzjoni mal-flus, ħtiġijiet vs xewqat, prominenza tal-prezz, rutini sempliċi	Il-kapaċità finanzjarja bikrija titfassal permezz ta' rutini mmexxija mill-adulti u tagħlim esperjenzali u mhux permezz ta' għarfien astratt. Il-formazzjoni tad-drawwiet, l-immudellar u l-prompts viżibbli tal-prezz jiżviluppaw perċezzjonijiet bikrija tal-valur u awtoregolazzjoni.
Tfal (11–14)	Attitudnijiet; Imġibiet	Għarfien	Formazzjoni ta' drawwiet, kumdità emozzjonali fir-rigward tal-flus, rutini bażiċi	Ir-riżultati finanzjarji bikrija huma mmexxija mis-soċjalizzazzjoni, mill-immudellar u mill-imġibiet ripetuti; l-għarfien astratt għandu ritenzjoni limitata mingħajr esperjenza (Webley & Nyhus, 2013; Drever et al., 2015; OECD/INFE, 2019).
Adolexxenti (15–17)	Attitudnijiet; Kunfidenza/ Kapaċità li Tittieħed Azzjoni	Imġibiet	Kalibrazzjoni tal-kunfidenza, għarfien dwar l-impenn, infiq diġitali impulsiv	Il-formazzjoni tal-identità u l-influwenza tal-pari jsawru t-teħid tad-deċiżjonijiet; il-fiduċja żejda hija komuni u tipprečedi l-kompetenza (Steinberg, 2014; Batty et al., 2015; OECD, 2020e).
Adulti Żgħar (18–25)	Għarfien; Kunfidenza/ Kapaċità li Tittieħed Azzjoni	Imġibiet	Għarfien proċedurali, navigazzjoni istituzzjonali, awtoeffikaċja	L-ewwel esponiment għal sistemi formali tagħmel l-għarfien kuntestwali u l-kunfidenza deċiżivi għall-involviment u l-evitar ta' żbalji (Lusardi & Mitchell, 2014; Allgood & Walstad, 2016; OECD, 2020e).
Bidu tal-Karriera u Familja (26–34)	Imġibiet; Għarfien	Attitudnijiet	Valutazzjoni tar-riskju, ippjanar għal kontinġenzi, reviżjoni tal-impenji	L-impenji fit-tul jeħtieġu traduzzjoni sostenuta tal-għarfien f'imġibiet taħt restrizzjonijiet ta' ħin u spejjeż (Campbell, 2006; Fernandes et al., 2014; OECD/INFE, 2023).
Nofs il-karriera (35–59)	Imġibiet; Kunfidenza/ Kapaċità li Tittieħed Azzjoni	Għarfien	Involviment, frekwenza tar-reviżjoni, teħid ta' azzjoni	L-inerzja, it-tagħbija konjittiva żejda u n-nuqqas ta' ħin jiddominaw; l-attivazzjoni tal-imġibiet u l-kunfidenza huma aktar importanti minn informazzjoni addizzjonali (Madrian & Shea, 2001; Benartzi & Thaler, 2013; Lusardi & Mitchell, 2017).
Pensjonanti u Anzjani (60+)	Kunfidenza/ Kapaċità li Tittieħed Azzjoni; Imġibiet	Għarfien	Fiduċja, imġiba ta' tiftix ta' għajnuna, evitar ta' frodi	Orizzonti ta' rkupru mnaqqsa, tixjiħ konjittiv u assimetriji fil-fiduċja jżidu d-dipendenza fuq il-kunfidenza u fuq azzjoni appoġġjata (Agarwal et al., 2009; DeLiema et al., 2019; OECD, 2022e).

KAPITOLU 5
Il-Prijoritajiet u l-Għanijiet Strateġiċi

Permezz tas-sinteżi tas-sejbiet dijanjostiċi u l-għarfien fil-livell tal-koorti mill-analiżi, ħarġu erba' (4) prijoritajiet strateġiċi interkonnessi. Flimkien dawn jiffurmaw qafas komprensiv għat-tisħiħ tal-kapaċità finanzjarja:

Dawn il-prijoritajiet jirrispondu direttament għall-oqsma identifikati ta' tħassib u l-profili ta' vulnerabbiltà, filwaqt li jiżguraw li l-interventi jkunu proporzjonati, inklużivi u allinjati mal-isfidi finanzjarji tal-ħajja reali fost gruppi differenti tal-popolazzjoni u stadji differenti tal-ħajja. Barra minn hekk, il-prijoritajiet, l-għanijiet u l-għodod huma allinjati mar-rakkomandazzjonijiet tal-proġett tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku (TSI) mmexxi mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta.

Qafas Strateġiku u Karatteristiċi Komuni

Kull qasam ta' prijorità jistabbilixxi:

- Għan strateġiku ċar, li jiddefinixxi r-riżultat fit-tul maħsub u d-direzzjoni tal-azzjoni.
- Deskrizzjoni ġenerali tal-għodod ta' implimentazzjoni u l-mekkaniżmi ta' twassil, imfassla apposta għall-gruppi tal-popolazzjoni, għas-sistemi istituzzjonali jew għall-ambjenti tas-servizzi rilevanti (b'miżuri speċifiċi msemmija fil-Kapitolu 6).

Fl-erba' prijoritajiet kollha, huwa meħtieġ approċċ doppju—li jgħaqqad miżuri mmirati għal gruppi f'riskju għoli ma' azzjonijiet integrati u ġenerali li jsaħħu l-kapaċità finanzjarja fost il-popolazzjoni usa'.

L-iżgurar tal-Inklużjoni u l-Effettività: Prinċipji Ewlenin ta' Implimentazzjoni

Sabiex jiġu indirizzati l-profili ta' vulnerabbiltà identifikati fl-analiżi, l-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja jridu jinkorporaw il-miżuri trasversali li ġejjin:

1. Interventi Mmirati u Speċifiċi għall-Gruppi

Għandhom jiġu żviluppati inizjattivi mfassla apposta biex jindirizzaw il-ħtiġijiet, l-ostakli u l-fatturi ta' riskju distinti li jiffaċċjaw gruppi speċifiċi. Eżempji jinkludu:

- Workshops prattiċi u interattivi dwar l-ibbaġitjar u l-immaniġġjar tad-dejn għal persuni bi dħul baxx jew familji taħt pressjoni finanzjarja.
- Programmi għall-bini tal-fiduċja fil-finanzi diġitali għall-adulti akbar fl-età, li jiffukaw fuq is-sikurezza bankarja online u s-sensibilizzazzjoni dwar il-frodi.
- L-orjentazzjoni finanzjarja u l-appoġġ għan-navigazzjoni tas-sistema għall-migranti li jkunu għadhom kif waslu.
- Moduli ta' reżiljenza finanzjarja bikrija għal adulti żgħażagħ fi tranżizzjoni lejn l-impjieg jew l-edukazzjoni għolja.

Tali miżuri mmirati jiżguraw li l-interventi jkunu rilevanti, aċċessibbli u reattivi għall-esperjenza mgħajxa tal-persuni, aktar milli jadottaw mudell "kulħadd f'keffa waħda".

2. Mezzi ta' Twassil Inklużivi u Ġenerali

L-inizjattivi ġenerali ta' edukazzjoni finanzjarja u ta' sensibilizzazzjoni—ipprovduti permezz ta' skejjel, kampanji pubbliċi, postijiet tax-xogħol, u pjattaformi komunitarji—iridu jitfasslu b'mod li tiġi evitata l-esklużjoni mhux intenzjonata. Dan jeħtieġ:

- L-użu ta' lingwaġġ sempliċi u komunikazzjoni kulturalment sensittiva.
- Il-provvista ta' formati aċċessibbli (eż. materjal simplifikat, kontenut multilingwi, formati alternattivi għall-persuni b'diżabilità).
- L-integrazzjoni ta' perkorsi ta' riferiment u servizzi ta' appoġġ f'kampanji usa'.
- L-inkorporazzjoni tal-kontenut tal-kapaċità finanzjarja fis-sistemi eżistenti bħall-kurrikuli tal-edukazzjoni, it-taħriġ fl-impjieg u l-proċessi ta' protezzjoni soċjali.

L-inkorporazzjoni tat-tagħlim finanzjarju fis-sistemi universali tippromwovi l-ekwità u tipprevjeni l-istigmatizzazzjoni tal-gruppi mmirati.

3. L-Ingranaġġ ta' Intermedjarji Fdati

L-intermedjarji fdati għandhom rwol kritiku fl-ilħuq ta' popolazzjonijiet vulnerabbli. Il-ħaddiema soċjali, l-edukaturi, il-mexxejja tal-komunità, il-persunal tas-servizz pubbliku tal-ewwel linja u l-persunal tal-NGOs huma ta' spiss l-ewwel punt ta' kuntatt għal individwi li jkunu qed jesperjenzaw stress finanzjarju. Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tagħhom:

- Għandhom jiġu implimentati programmi ta' Taħriġ għal Min Iħarreġ biex l-intermedjarji jiġu mgħammra b'għarfien fundamentali dwar il-kapaċità finanzjarja u b'għodod ta' komunikazzjoni.
- Għandhom jiġu żviluppati settijiet ta' għodod u linji gwida ta' riferiment standardizzati.
- Għandhom jiġu appoġġjati n-networks kontinwi għall-bini tal-kapaċitajiet u ta' tagħlim bejn il-pari.

Dan l-approċċ itejjeb il-kredibbiltà, isaħħaħ il-messaġġi f'ambjenti fdati u jsaħħaħ l-identifikazzjoni bikrija tal-vulnerabbiltà finanzjarja.

4. It-Tnaqqis tad-Distakk Diġitali

Hekk kif is-servizzi finanzjarji qed isiru dejjem aktar diġitali, l-istrateġiji għandhom jipproteġu b'mod espliċitu kontra l-approfondiment tal-esklużjoni. Għalhekk, l-inizjattivi diġitali għandhom:

- Jippromwovu aċċess diġitali assistit permezz ta' ċentri tal-komunità, libreriji u ċentri ta' servizzi.
- Joffru alternattivi b'teknoloġija baxxa u offline għal servizzi finanzjarji u materjal ta' tagħlim essenzjali.
- Joffru appoġġ prattiku fil-litteriżmu diġitali ffukat fuq is-servizzi bankarji online, il-pagamenti elettroniċi u l-prevenzjoni tal-frodi.
- Jibnu l-fiduċja permezz tat-trasparenza, s-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà u l-messaġġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur.

It-trasformazzjoni diġitali trid tkun inklużiva mid-disinn, filwaqt li tiżgura li l-utenti vulnerabbli jiġu appoġġjati aktar milli emarġinati.

Pjan Direzzjonali Koeżiv għal Impatt Sistemiku

Meta jitqiesu flimkien, l-erba' prijoritajiet strateġiċi u l-għodod ta' implimentazzjoni assoċjati tagħhom jiffurmaw pjan direzzjonali koerenti u li jsaħħu lil xulxin. Dan il-pjan direzzjonali:

- Ikopri l-istadji kollha tal-ħajja — mit-tfulija u l-adolexxenza sal-irtirar.
- Jintegra l-prevenzjoni universali b'intervent immirat.
- Isaħħaħ l-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet u s-setturi.
- Jibbaża l-azzjoni fuq evidenza derivata minn analiżijiet dijanjostiċi u ta' koorti.
- Jirrispondi direttament għall-isfidi strutturali, dawk relatati mal-imġiba u dawk diġitali identifikati fil-valutazzjoni.

Billi jikkombina t-tagħlim tul il-ħajja, l-appoġġ personalizzat, l-istrateġiji diġitali inklużivi u l-kollaborazzjoni bejn is-setturi, il-qafas jistabbilixxi pedament sostenibbli għat-titjib tal-kapaċità finanzjarja u r-reżiljenza kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak sistemiku.

Prijorità ta’ Politika 1

Tagħlim Finanzjarju Tul il-Ħajja

Il-bini tal-kapaċità finanzjarja jeħtieġ approċċ strutturat u tul il-ħajja kollha li jappoġġja lill-individwi fl-iżvilupp tal-għarfien, il-ħiliet u l-kunfidenza biex jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati. Din il-Prijorità tistabbilixxi fondazzjonijiet ta’ kapaċità finanzjarja universali permezz ta’ sistemi edukattivi, postijiet tax-xogħol u mezzi ta’ twassil fil-komunità, li jirriflettu prattiki internazzjonali li jinkorporaw il-kapaċità fl-ekosistema kollha (l-Aġenzija Finanzjarja tal-Konsumatur tal-Kanada [FCAC], 2021; MoneySense, 2023). Pereżempju, l-istrateġiji fl-Awstralja u fil-Kanada jenfasizzaw it-twassil tal-ekosistema kollha u d-disinn tal-imġiba biex jintlaħqu gruppi ta’ prijorità f’mumenti ewlenin tal-ħajja (il-Kummissjoni Awstraljana tat-Titoli u l-Investimenti [ASIC], 2022; FCAC, 2021). Bl-istess mod, is-Servizz tal-Flus u l-Pensjonijiet tar-Renju Unit (2022) u MoneySense ta’ Singapore (2023) juru l-effettività tal-użu tas-sinjalar fuq il-post tax-xogħol u l-outreach ibbażat fl-iskola biex jiġi żgurat aċċess inklużiv. Dawn il-mudelli huma partikolarment vitali għall-appoġġ ta’ koorti f’sitwazzjonijiet vulnerabbli, inklużi n-nisa, iż-żgħażagħ, il-popolazzjonijiet migranti u l-familji bi dħul baxx. F’Malta, hemm bżonn li jiżdied l-għarfien finanzjarju bażi filwaqt li jiġu indirizzati wkoll l-isfidi li jitfaċċaw f’mumenti ewlenin ta’ tranżizzjoni bħat-tluq mill-edukazzjoni, id-dħul fix-xogħol, l-immaniġġjar tad-dejn, it-trobbija ta’ familja, jew it-tħejjija għall-irtirar fejn l-evidenza turi li l-individwi huma partikolarment vulnerabbli għal deċiżjonijiet finanzjarji ħżiena (Agarwal et al., 2009; OECD, 2020c).

Approċċ ta’ tagħlim kontinwu jiżgura li l-bini tal-kapaċitajiet ma jkunx limitat għas-snin skolastiċi jew għal inizjattivi ta’ darba, iżda jkun inkorporat fis-sistema edukattiva kollha, fis-servizzi pubbliċi u fil-ħajja ta’ kuljum, li jirrifletti prattika tajba fis-soċjalizzazzjoni finanzjarja u fit-tagħlim għall-adulti (Gudmunson u Danes, 2011; OECD/INFE, 2019). Il-kontenut irid ikun adattat għall-età, f’waqtu u aċċessibbli, imwassal permezz ta’ pjattaformi li jilħqu lin-nies fejn ikunu, mill-iskejjel u l-postijiet tax-xogħol sal-ambjenti komunitarji u l-mezzi diġitali li jirrikonoxxu d-differenzi fil-kapaċità konjittiva, l-aċċess u l-kunfidenza diġitali tul il-ħajja kollha (Bjorklund, 2018; OECD, 2018). Dan l-investiment fit-tagħlim finanzjarju tul il-ħajja huwa essenzjali għall-bini tar-reżiljenza finanzjarja u t-tħejjija taċ-ċittadini għal ambjent finanzjarju li qed jevolvi b’pass mgħaġġel (Lusardi u Mitchell, 2014; OECD, 2020c).

1.1 It-Tisħiħ tal-Edukazzjoni Finanzjarja fis-Sistema tal-Edukazzjoni Formali

Is-sistema tal-edukazzjoni formali għandha rwol ċentrali fit-tagħmir taż-żgħażagħ b’għarfien u mġibiet finanzjarji essenzjali. L-inkorporazzjoni tal-kapaċità finanzjarja fil-kurrikuli tiżgura li l-istudenti jiżviluppaw il-ħiliet prattiċi meħtieġa għall-indipendenza finanzjarja u għall-parteċipazzjoni tal-forza tax-xogħol, filwaqt li tippromwovi riżultati ekwi għal studenti minn sfondi vulnerabbli jew żvantaġġati.

GĦAN

Li jiġi żgurat li ż-żgħażagħ kollha jiżviluppaw pedamenti b’saħħithom ta’ kapaċità finanzjarja permezz ta’ edukazzjoni finanzjarja strutturata, progressiva u inklużiva inkorporata fis-sistema tal-edukazzjoni formali kollha. Għat-tfal, l-edukazzjoni finanzjarja tkun adattata għall-età, parteċipatorja, protettiva u konsistenti mal-prinċipji tad-drittijiet tat-tfal. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri li jintegraw il-kapaċità finanzjarja fil-kurrikuli kollha, li jgħammru lill-istudenti b’ħiliet prattiċi għat-teħid ta’ deċiżjonijiet finanzjarji, u li jħejju liż-żgħażagħ għall-indipendenza finanzjarja u d-dħul fil-forza tax-xogħol. Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat aċċess ekwu għall-istudenti minn familji bi dħul baxx, minn sfondi ta’ migrazzjoni, u għal dawk b’diżabbiltajiet jew b’aċċess diġitali limitat, sabiex tiġi evitata l-esklużjoni finanzjarja bikrija u tiġi appoġġjata r-reżiljenza finanzjarja fit-tul. Dawn il-miżuri se jikkontribwixxu biex maż-żmien jitnaqqsu l-inugwaljanzi strutturali, inklużi dawk li jaffettwaw lin-nisa u lin-nisa akbar fl-età b’parteċipazzjoni storikament aktar baxxa fis-suq tax-xogħol.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri deskritti taħt il-Prijorità 1.1 fil-Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni, li jiffukaw fuq l-integrazzjoni tal-kapaċità finanzjarja fil-kurrikuli, it-tisħiħ tat-tagħlim finanzjarju prattiku, u l-iżgurar ta’ twassil inklużiv lill-istudenti kollha, inklużi dawk minn sfondi vulnerabbli jew żvantaġġati.

1.2 L-Inkorporazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja tul il-Kors tal-Ħajja

Il-kapaċità finanzjarja trid tissaħħaħ matul l-età adulta kollha biex tappoġġja lill-individwi fl-immaniġġjar tar-responsabbiltajiet u t-tranżizzjonijiet finanzjarji. L-għoti ta’ appoġġ aċċessibbli għall-kapaċità finanzjarja permezz tal-postijiet tax-xogħol, l-edukazzjoni għall-adulti, is-servizzi pubbliċi u l-ambjenti komunitarji jiżgura li l-individwi jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet infurmati u jżommu r-reżiljenza finanzjarja, b’mod partikolari fost il-koorti li huma aktar suxxettibbli li jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji ħżiena (Agarwal et al., 2009; OECD, 2020c).

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-individwi jkollhom aċċess għal appoġġ f’waqtu, rilevanti u aċċessibbli għall-kapaċità finanzjarja matul il-ħajja adulta kollha, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-kapaċità finanzjarja trid tissaħħaħ kontinwament tul il-ħajja kollha. Dan l-għan se jinkiseb permezz ta’ miżuri li jipprovdu edukazzjoni finanzjarja u gwida finanzjarja fl-istadji ewlenin tal-ħajja, inkluż id-dħul fl-impjieg, il-formazzjoni tal-familja, l-indukrar, is-self u l-ippjanar għall-irtirar, permezz ta’ postijiet tax-xogħol, sistemi ta’ edukazzjoni għall-adulti, servizzi komunitarji u pjattaformi pubbliċi.

Se tingħata attenzjoni partikolari lill-koorti vulnerabbli, inklużi n-nisa u n-nisa akbar fl-età, l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b’diżabilità, l-individwi b’livell edukattiv miksub baxx jew b’aċċess diġitali baxx, u l-familji bi dħul baxx. Il-miżuri se jiżguraw ukoll li jintlaħqu l-indokraturi mhux imħallsa, l-individwi soċjalment iżolati u l-persuni li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, inklużi l-persuni bla dar jew persuni li jbatu minn dipendenza, filwaqt li jiġi żgurat aċċess inklużiv għall-appoġġ għall-kapaċità finanzjarja matul il-ħajja.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri deskritti taħt il-Prijorità 1.2 fil-Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni, li jipprovdu appoġġ għall-kapaċità finanzjarja fuq il-postijiet tax-xogħol, is-sistemi tal-edukazzjoni għall-adulti, is-servizzi pubbliċi u l-ambjenti komunitarji, b’outreach immirata lejn il-koorti u l-individwi vulnerabbli fi istadji ewlenin tal-ħajja.

Prijorità ta' Politika 2

Appoġġ Personalizzat u Mmirat

Filwaqt li l-edukazzjoni universali tipprovdi pedament, xi individwi jeħtieġu appoġġ immirat u personalizzat għall-kapaċità finanzjarja minħabba l-vulnerabbiltà finanzjarja, it-tranżizzjonijiet tal-ħajja jew l-ostakli strutturali. Din il-Prijorità tiffoka fuq l-għoti ta' appoġġ imfassal apposta permezz ta' servizzi tal-ewwel linja, interventi mmirati u kapaċità professjonali msaħħa, b'attenzjoni partikolari għall-koorti vulnerabbli, inklużi l-familji bi dħul baxx, l-adulti akbar fl-età, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità u l-individwi li jesperjenzaw vulnerabbiltà soċjali jew ekonomika.

2.1 Appoġġ Imfassal Apposta għal Sitwazzjonijiet Vulnerabbli jew Kumplessi

Individwi li jiffaċċjaw vulnerabbiltà finanzjarja jew ċirkostanzi kumplessi spiss jeħtieġu gwida personalizzata u aċċessibbli biex jappoġġjaw l-istabbiltà finanzjarja u fit-teħid tad-deċiżjonijiet. L-għoti ta' appoġġ imfassal apposta permezz ta' servizzi fdati u mezzi komunitarji jgħin biex jiġu indirizzati l-ostakli u jitjiebu r-riżultati, b'mod partikolari għall-koorti vulnerabbli (Mullainathan & Shafir, 2013; OECD, 2020a; DeLiema et al., 2019; Agarwal et al., 2009).

GĦAN

Li jiġi żgurat li individwi li jkunu qed jiffaċċjaw ċirkostanzi finanzjarji vulnerabbli jew kumplessi jirċievu gwida finanzjarja personalizzata, aċċessibbli u bbażata fuq il-fiduċja li tappoġġja teħid ta' deċiżjonijiet infurmat u stabbiltà finanzjarja. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jipprovdu kowċing imfassal apposta, jintegraw il-gwida finanzjarja fis-servizzi tal-ewwel linja u komunitarji, u jipprovdu appoġġ kulturalment u lingwistikament xieraq permezz ta' kanali fdati.

Se tingħata attenzjoni partikolari lill-koorti vulnerabbli, inklużi n-nisa u n-nisa akbar fl-età b'parteċipazzjoni limitata fis-suq tax-xogħol, l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti bi dħul baxx jew b'kunfidenza diġitali baxxa jew bi tnaqqis fis-saħħa, il-kapaċità konjittiva u l-ħtiġijiet ta' kura, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità, l-individwi b'livell edukattiv miksub baxx jew b'esklużjoni diġitali, u l-familji bi dħul baxx li jesperjenzaw stress finanzjarju. Il-miżuri se jagħtu prijorità wkoll l-appoġġ għall-individwi li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, inkluż id-dejn, l-istress finanzjarju, l-għajxien bla dar, id-dipendenza inkluż il-ħsara finanzjarja relatata mal-logħob tal-azzard, il-mard kroniku, id-diffikultajiet tas-saħħa mentali, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa, u l-iżolament soċjali, filwaqt li jiżguraw li l-interventi tal-kapaċità finanzjarja jilħqu lil dawk l-aktar fil-bżonn.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 2.1 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jipprovdu gwida finanzjarja personalizzata permezz ta' servizzi tal-ewwel linja, programmi bbażati fil-komunità u mekkaniżmi ta' appoġġ speċjalizzati mmirati lejn individwi li jiffaċċjaw vulnerabbiltà finanzjarja jew ċirkostanzi kumplessi.

2.2 Appoġġ fit-Tranżizzjonijiet Ewlenin tal-Ħajja

It-tranżizzjonijiet ewlenin tal-ħajja jippreżentaw mumenti kritiċi fejn l-individwi jridu jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji importanti. L-għoti ta' appoġġ f'waqtu u mmirat għall-kapaċità finanzjarja f'dawn l-istadji jgħin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza finanzjarja u jitnaqqas ir-riskju ta' vulnerabbiltà finanzjarja fit-tul.

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-individwi jirċievu appoġġ f'waqtu u rilevanti għall-kapaċità finanzjarja fi tranżizzjonijiet kritiċi tal-ħajja, li jippermettilhom jieħdu deċiżjonijiet finanzjarji infurmati u kunfidenti f'mumenti ewlenin. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jipprovdu gwida finanzjarja mmirata matul tranżizzjonijiet bħad-dħul fl-impjieg, l-immaniġġjar tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni, l-appoġġ għar-responsabbiltajiet tal-familja u t-tranżizzjoni għall-irtirar. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-koorti vulnerabbli, inklużi ż-żgħażagħ li jidħlu fil-forza tax-xogħol, in-nisa u n-nisa akbar fl-età, l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità, l-individwi b'livell edukattiv miksub baxx jew b'kunfidenza diġitali baxxa, u l-familji bi dħul baxx. Il-miżuri se jiżguraw ukoll appoġġ aċċessibbli għall-indokraturi mhux imħallsa u l-individwi soċjalment iżolati, filwaqt li jiġi rikonoxxut li t-tranżizzjonijiet tal-ħajja jistgħu jżidu l-vulnerabbiltà finanzjarja u jeħtieġu intervent immirat

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 2.2 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jipprovdu interventi mmirati tal-kapaċità finanzjarja fi tranżizzjonijiet kritiċi tal-ħajja, inkluż id-dħul fl-impjieg, il-formazzjoni ta' familja u l-irtirar, filwaqt li jiżguraw appoġġ f'waqtu u aċċessibbli.

2.3 It-Tħejjija tal-Professjonisti tal-Ewwel Linja biex Jipprovdu Appoġġ

Il-professjonisti tal-ewwel linja għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ ta' individwi li jiffaċċjaw sfidi finanzjarji. It-tisħiħ tal-kapaċità tagħhom jiżgura identifikazzjoni konsistenti tal-vulnerabbiltà finanzjarja u jtejjeb l-aċċess għal servizzi xierqa ta' gwida u appoġġ. (Gudmunson u Danes, 2011; OECD, 2020a).

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-professjonisti tal-ewwel linja jkunu mgħammra bl-għarfien, bl-għodod u bit-taħriġ meħtieġa biex jipprovdu appoġġ u riferimenti konsistenti, aċċessibbli u effettivi għall-kapaċità finanzjarja. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jsaħħu l-kapaċità professjonali fis-servizzi soċjali, tal-impjiegi, tal-edukazzjoni, tas-saħħa u komunitarji, li jippermettu lill-professjonisti jidentifikaw il-vulnerabbiltà finanzjarja u jipprovdu gwida jew riferimenti xierqa.

Se tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-kapaċità tal-professjonisti li jaħdmu ma' koorti vulnerabbli, inklużi adulti akbar fl-età u pensjonanti, popolazzjonijiet migranti, persuni b'diżabilità, familji bi dħul baxx, nisa u nisa akbar fl-età, u individwi b'livell edukattiv miksub baxx jew b'esklużjoni diġitali. Dawn il-miżuri se jiżguraw ukoll appoġġ imtejjeb għall-individwi li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, inklużi l-għajxien bla dar, id-dipendenza, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa u l-iżolament soċjali.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 2.3 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jsaħħu l-kapaċità tal-professjonisti tal-ewwel linja permezz ta' taħriġ, għodod u perkorsi ta' riferiment biex jipprovdu appoġġ effettiv għall-kapaċità finanzjarja u jidentifikaw il-vulnerabbiltà finanzjarja Prijorità

Prijorità ta’ Politika 3

It-Tnaqqis tad-Distakk fl-Aċċess Diġitali u l-Fiduċja

Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni qed tittrasforma s-servizzi finanzjarji, ħolqot ukoll riskji ġodda ta’ esklużjoni. Filwaqt li ż-żgħażagħ spiss jadottaw l-għodod diġitali malajr, ħafna adulti akbar fl-età u gruppi b’kapaċità finanzjarja baxxa jiffaċċjaw ostakli li jvarjaw mil-litteriżmu u l-aċċessibbiltà għall-biża’ ta’ scams (Eurostat, 2024; DeLiema et al., 2019; OECD/INFE, 2018).

Għalhekk, din il-Prijorità tiffoka fuq l-iżgurar ta’ aċċess inklużiv, it-tisħiħ tal-fiduċja, u l-ingranaġġ tal-innovazzjoni diġitali b’mod responsabbli, b’mod partikolari għal individwi b’kunfidenza diġitali baxxa, aċċess limitat, jew vulnerabbiltà akbar (OECD/INFE, 2019; Bjorklund, 2018).

3.1 L-Iżgurar ta’ Aċċess Inklużiv għall-Għodod u s-Servizzi Finanzjarji

L-iżgurar ta’ aċċess inklużiv għall-għodod u s-servizzi finanzjarji huwa essenzjali għall-parteċipazzjoni finanzjarja sħiħa. It-tneħħija tal-ostakli diġitali u tal-aċċessibbiltà tgħin biex jiġi żgurat aċċess ekwu, b’mod partikolari għal gruppi vulnerabbli u esklużi diġitalment (OECD, 2020a; Zaloom, 2019).

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-individwi kollha jkunu jistgħu jaċċessaw u jużaw għodod u servizzi finanzjarji irrispettivament mill-età, id-dħul, id-diżabbiltà, il-litteriżmu jew il-kunfidenza diġitali tagħhom. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri li jneħħu l-ostakli diġitali u fiżiċi, jippromwovu d-disinn inklużiv, u jżommu għażliet ta’ aċċess assistit u mhux diġitali għas-servizzi finanzjarji. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-koorti vulnerabbli, inklużi l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti b’kunfidenza diġitali baxxa, il-persuni b’diżabilità, il-popolazzjonijiet migranti, l-individwi b’livell edukattiv miksub baxx jew b’aċċess diġitali limitat, u l-familji bi dħul baxx. Il-miżuri se jappoġġjaw ukoll lin-nisa, b’mod partikolari lin-nisa akbar fl-età, lill-indokraturi mhux imħallsa, lill-individwi soċjalment iżolati u lill-persuni li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, filwaqt li jiżguraw aċċess ekwu għal servizzi finanzjarji essenzjali.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri deskritti taħt il-Prijorità 3.1 fil-Qafas ta’ Implimentazzjoni, li jtejbu l-aċċessibbiltà, ineħħu l-ostakli diġitali, u jiżguraw aċċess inklużiv għal għodod u servizzi finanzjarji kemm permezz ta’ mezzi ta’ twassil diġitali kif ukoll mhux diġitali.

3.2 Il-Bini tal-Fiduċja u s-Sikurezza

Il-fiduċja u l-kunfidenza huma essenzjali għal involviment effettiv mas-sistemi finanzjarji. Komunikazzjoni ċara u miżuri ta’ prevenzjoni tal-frodi jgħinu biex jipproteġu lill-individwi u jsaħħu l-inklużjoni finanzjarja.

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-individwi jkunu jistgħu jinteraġixxu b’mod kunifidenti u sikur mas-sistemi finanzjarji billi jissaħħu l-fiduċja, it-trasparenza u l-protezzjoni mill-frodi u mill-isfruttament finanzjarju. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri li jippromwovu komunikazzjoni finanzjarja ċara u aċċessibbli, isaħħu s-sensibilizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-frodi, u jipprovdu gwida finanzjarja aċċessibbli permezz ta’ kanali fdati. Se tingħata attenzjoni partikolari lill-koorti vulnerabbli, inklużi l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b’diżabilità, l-individwi b’livell baxx ta’ litteriżmu diġitali, il-familji bi dħul baxx u l-persuni b’kisbiet edukattivi baxxi. Il-miżuri se jappoġġjaw ukoll lin-nisa, b’mod partikolari n-nisa akbar fl-età, lill-indokraturi mhux imħallsa u lill-individwi soċjalment iżolati, li jistgħu jiffaċċjaw riskji akbar ta’ esklużjoni jew sfruttament finanzjarju.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri deskritti taħt il-Prijorità 3.2 fil-Qafas ta’ Implimentazzjoni, li jsaħħu l-fiduċja permezz ta’ komunikazzjoni ċara, inizjattivi ta’ prevenzjoni tal-frodi, u gwida finanzjarja aċċessibbli mogħtija permezz ta’ istituzzjonijiet u forniturі ta’ servizzi fdati.

3.3. L-Ingranaġġ tal-Innovazzjoni Diġitali b’Mod Responsabbli

L-innovazzjoni diġitali toffri opportunitajiet biex jiġi estiż l-aċċess għall-appoġġ tal-kapaċità finanzjarja. L-iżgurar ta’ twassil diġitali inklużiv u aċċessibbli jgħin biex jiġu massimizzati l-benefiċċji filwaqt li tiġi evitata l-esklużjoni

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-innovazzjoni diġitali tintuża biex jiġi estiż l-aċċess għall-appoġġ tal-kapaċità finanzjarja filwaqt li jinżammu l-inklużività, l-aċċessibbiltà u l-fiduċja pubblika. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri li jiżviluppaw għodod diġitali aċċessibbli, iżommu mudelli ta’ twassil ibridi li jgħaqqdu l-appoġġ diġitali u uman, u jiżguraw li s-servizzi diġitali jkunu mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet varji tal-utenti. Se tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-koorti vulnerabbli, inklużi l-adulti akbar fl-età, il-persuni b’diżabilità, il-popolazzjonijiet migranti, l-individwi b’kunfidenza diġitali baxxa jew livell edukattiv miksub baxx, u l-familji bi dħul baxx. Il-miżuri se jiżguraw ukoll li n-nisa, in-nisa akbar fl-età, l-indokraturi mhux imħallsa, l-individwi soċjalment iżolati u l-persuni li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema ma jiġux esklużi mill-appoġġ għall-kapaċità finanzjarja minħabba ostakli diġitali.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta’ miżuri deskritti taħt il-Prijorità 3.3 fil-Qafas ta’ Implimentazzjoni, li jespandu l-aċċess għall-appoġġ għall-kapaċità finanzjarja permezz ta’ għodod diġitali inklużivi filwaqt li jinżammu mudelli ta’ twassil ibridi biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-gruppi kollha tal-popolazzjoni.

Prijorità ta' Politika

4

Kollaborazzjoni Bejn is-Setturi

L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) tirrakkomanda li t-twettiq effettiv tal-Istrateġija jeħtieġ kollaborazzjoni bejn il-ministeri, ir-regolaturi, il-fornituri tas-servizzi, l-NGOs u l-atturi tal-komunità (OECD, 2020c; OECD/INFE, 2018; Bjorklund, 2018). L-evidenza mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati enfasizzat ir-riskji ta' sforzi frammentati, il-kampanji duplikati u l-aċċess mhux uniformi (OECD, 2020a; DeLiema et al., 2019). Koordinazzjoni aktar b'saħħitha se tippermetti lill-istituzzjonijiet jiġbru flimkien ir-riżorsi, jilħqu aktar ċittadini, u jsaħħu l-fiduċja pubblika (OECD/INFE, 2019; Lusardi & Mitchell, 2014).

Din il-Prijorità ssaħħaħ il-governanza, l-allinjament tar-riżorsi u l-kapaċità professjonali biex tiġi żgurata implimentazzjoni koerenti, inklużiva u effettiva tal-Istrateġija (OECD/INFE, 2018; Gudmunson & Danes, 2011).

4.1. It-Titjib tal-Koordinazzjoni u l-Governanza Istituzzjonali

It-tisħiħ tal-koordinazzjoni bejn l-istituzzjonijiet jiżgura t-twettiq konsistenti u effettiv ta' inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja u jtejjeb l-outreach mal-popolazzjonijiet vulnerabbli.

GĦAN

Li jiġu żgurati t-twettiq koerenti, inklużiv u effettiv ta' inizjattivi ta' kapaċità finanzjarja permezz ta' koordinazzjoni u governanza msaħħa fl-istituzzjonijiet u s-setturi rilevanti kollha. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jallinjaw il-politiki, il-programmi u s-servizzi fost il-gvern, ir-regolaturi, il-fornituri tas-servizzi u l-organizzazzjonijiet tal-komunità, filwaqt li jiżguraw twassil konsistenti u ekwu. Se tingħata attenzjoni partikolari biex jiġi żgurat outreach ikkoordinata għall-koorti vulnerabbli, inklużi n-nisa u n-nisa akbar fl-età, l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità, l-individwi 'b'kisbiet edukattivi baxxii jew b'aċċess diġitali baxx, u l-familji bi dħul baxx. Dawn il-miżuri se jiżguraw ukoll li l-indvidwi li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, inklużi l-għajxien bla dar, id-dipendenza, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa u l-iżolament soċjali, jintlaħqu b'mod effettiv permezz ta' sistemi ta' appoġġ ikkoordinati.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 4.1 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jsaħħu l-koordinazzjoni, l-istrutturi ta' governanza u l-allinjament istituzzjonali biex jiżguraw it-twettiq koerenti u effettiv tal-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja.

4.2 Il-Konsolidazzjoni tar-Riżorsi f'Repożitorju Ċentrali

Il-konsolidazzjoni tal-materjali f'repożitorju nazzjonali uniku hija kruċjali biex jiġu żgurati l-koerenza, l-effiċjenza u l-ekwità fl-isforzi tal-kapaċità finanzjarja. Pjattaforma ċentralizzata, li sservi kemm lill-fornituri tas-servizzi kif ukoll lill-pubbliku, se toffri aċċess konsistenti għal kontenut, għodod, materjali ta' taħriġ u riżorsi ta' komunikazzjoni affidabbli.

L-istabbiliment ta' standards komuni fil-metodoloġija, fil-lingwa u fil-kwalità pedagoġika permezz ta' sħubijiet interistituzzjonali se jsaħħaħ il-fiduċja pubblika, inaqqas id-duplikazzjoni tal-isforzi u jsaħħaħ l-impatt ġenerali tal-inizjattivi tal-kapaċità finanzjarja (OECD/INFE, 2019; OECD, 2020c; Lusardi & Mitchell, 2014).

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-individwi u l-fornituri tas-servizzi jkollhom aċċess għal informazzjoni u għodod dwar il-kapaċità finanzjarja li jkunu affidabbli, konsistenti u aċċessibbli permezz ta' repożitorju nazzjonali ċentralizzat. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jikkonsolidaw ir-riżorsi, jistabbilixxu standards komuni, u jiżguraw l-aċċessibbiltà fuq il-pjattaformi u l-mezzi ta' twassil. Se tingħata attenzjoni partikolari biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-koorti vulnerabbli, inklużi l-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità, l-adulti akbar fl-età, l-individwi b'livell edukattiv miksub baxx jew b'aċċess diġitali baxx, u l-familji bi dħul baxx. Il-miżuri se jappoġġjaw ukoll lill-professjonisti tal-ewwel linja li jaħdmu ma' individwi vulnerabbli, inklużi n-nisa b'parteċipazzjoni limitata fis-suq tax-xogħol, l-indokraturi mhux imħallsa, l-individwi soċjalment iżolati u l-persuni li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 4.2 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jistabbilixxu u jżommu repożitorju nazzjonali ċentralizzat ta' riżorsi ta' kapaċità finanzjarja biex tiġi żgurata informazzjoni konsistenti, affidabbli u aċċessibbli.consistent, reliable, and accessible information.

4.3 It-Twaqqif ta' Perkors ta' Akkreditazzjoni tat-Taħriġ

Il-professjonisti tal-ewwel linja, bħall-ħaddiema soċjali, l-għalliema u l-fornituri tas-saħħa mentali, għandhom rwol ewlieni fl-appoġġ ta' persuni li jeħtieġu appoġġ finanzjarju jew li jiffaċċjaw stress finanzjarju (Gudmunson & Danes, 2011; OECD/INFE, 2018). Lil hinn mit-twassil ta' kuljum, Malta teħtieġ sistema sostenibbli biex tibni u żżomm il-kapaċità tal-professjonisti tal-ewwel linja fis-setturi kollha. Dan jinkludi kurrikuli standardizzati, akkreditazzjoni u integrazzjoni fil-perkorsi ta' taħriġ professjonali (OECD/INFE, 2019; OECD, 2020c). Mudell ta' Taħriġ għal Min Iħarreġ jiżgura taħriġ konsistenti u ta' kwalità għolja fis-setturi kollha, bl-użu ta' materjali u messaġġi standardizzati (OECD/INFE, 2019). L-żvilupp professjonali kontinwu huwa essenzjali wkoll biex il-persunal jinżamm infurmat dwar l-għodod diġitali, l-iscams u l-isfidi ġodda fix-xenarju finanzjarju (OECD, 2020a; DeLiema et al., 2019).

GĦAN

Li jiġi żgurat li l-professjonisti fis-setturi kollha jkunu mgħammra b'taħriġ akkreditat u għodod standardizzati biex jipprovdu appoġġ konsistenti u effettiv għall-kapaċità finanzjarja. Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri li jistabbilixxu perkorsi ta' taħriġ, jiżviluppaw settijiet ta' għodod professjonali, u jintegraw il-kapaċità finanzjarja fl-edukazzjoni professjonali u fl-iżvilupp kontinwu. Se tingħata attenzjoni partikolari lit-tisħiħ tal-kapaċità tal-professjonisti li jappoġġjaw koorti vulnerabbli, inklużi l-adulti akbar fl-età u l-pensjonanti, il-popolazzjonijiet migranti, il-persuni b'diżabilità, in-nisa u n-nisa akbar fl-età, il-familji bi dħul baxx, u l-individwi 'b'kisbiet edukattivi baxxi jew b'esklużjoni diġitali. Dawn il-miżuri se jiżguraw li l-professjonisti jkunu mgħammra biex jappoġġjaw lill-individwi li jesperjenzaw vulnerabbiltà estrema, inklużi l-għajxien bla dar, id-dipendenza, ir-responsabbiltajiet ta' indukrar mhux imħallsa u l-iżolament soċjali.

GWIDA GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI

Dan l-għan se jintlaħaq permezz ta' miżuri deskritti taħt il-Prijorità 4.3 fil-Qafas ta' Implimentazzjoni, li jsaħħu l-kapaċità professjonali permezz ta' perkorsi ta' taħriġ akkreditati, għodod standardizzati, u żvilupp professjonali kontinwu.

KAPITOLU 6
Pjan Direzzjonali għall-Implimentazzjoni

Flimkien, dawn l-erba' prijoritajiet ta' politika jiffurmaw is-sinsla tal-Istrateġija. Tagħlim finanzjarju tul il-ħajja jipprovdi pedament universali għall-bini tal-kapaċità fl-istadji kollha tal-ħajja (OECD, 2020a; OECD/INFE, 2018). Appoġġ personalizzat u mmirat li jingħaqad bla xkiel ma' gwida ġenerali jiżgura li tkun disponibbli assistenza addizzjonali meta u fejn tkun l-aktar meħtieġa, b'mod partikolari għal gruppi vulnerabbli u individwi li jkunu għaddejjin minn tranżizzjonijiet ewlenin tal-ħajja (Gudmunson & Danes, 2011; DeLiema et al., 2019; Mullainathan & Shafir, 2013). L-inklużjoni diġitali u l-kunfidenza pubblika jgħaqqdu flimkien l-aċċess u l-fiduċja f'sistema finanzjarja dejjem aktar immexxija mit-teknoloġija, filwaqt li jiżguraw li ċ-ċittadini kollha jkunu jistgħu jipparteċipaw b'mod sikur u effettiv (OECD, 2020a; Bjorklund, 2018). Kollaborazzjoni bejn is-setturi aktar b'saħħitha tirfed it-twettiq billi tallinja l-istituzzjonijiet, ir-riżorsi u l-kapaċità tal-ewwel linja biex jipprovdu appoġġ koerenti u sostenibbli (OECD/INFE, 2019; Lusardi & Mitchell, 2014).

Il-pjan direzzjonali huwa bbażat fuq evidenza stabbilita dwar is-soċjalizzazzjoni finanzjarja, il-motivaturi tal-imġiba u l-iżvilupp tal-kapaċità tul il-ħajja (Gudmunson & Danes, 2011; Lusardi & Mitchell, 2014; OECD/INFE, 2018) u jallinja mal-oqfsa usa' ta' politika soċjali u ekonomika ta' Malta. Għalhekk, l-isforzi fil-kapaċità finanzjarja huma mfassla biex isaħħu l-prijoritajiet nazzjonali, inklużi l-inklużjoni diġitali, ir-riforma tal-edukazzjoni, il-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-protezzjoni tal-konsumatur u l-protezzjoni soċjali.

L-implimentazzjoni se tkun sekwenzjata bejn l-2026 u l-2031, bil-miżuri magħżula jkomplu fuq bażi kontinwa. Il-fażi bikrija (2026-2027) tistabbilixxi pedamenti ewlenin: l-iżvilupp ta' riżorsi modulari għall-istadji tal-ħajja, materjali adattati kulturalment, il-portal għat-tħejjija għall-irtirar, it-tisħiħ tas-servizz ta' pariri dwar id-dejn, il-kumitati ta' governanza, l-immappjar tal-programmi u standards ta' komunikazzjoni ewlenin. Il-perjodu 2027-2028 jimmarka l-fażi ta' espansjoni ewlenija, bl-inkorporazzjoni ta' edukazzjoni finanzjarja strutturata fis-sistema edukattiva formali, it-tnedija ta' settijiet ta' għodod għall-avvenimenti ewlenin tal-ħajja, l-operazzjonalizzazzjoni ta' oqfsa ta' aċċess inklużiv, l-introduzzjoni ta' perkorsi ta' akkreditazzjoni, u t-tnedija ta' Ċentri tal-Benesseri Finanzjarju u repożitorji nazzjonali. Sal-2029-2030, l-Istrateġija tikkonsolida miżuri ta' integrazzjoni tas-sistema aktar avvanzati, inklużi mekkaniżmi ta' skattaturi tal-avvenimenti tal-ħajja, inizjattivi ta' prevenzjoni bikrija tad-dejn, mudelli ta' servizzi ibridi, tisħiħ tal-kapaċità istituzzjonali, settijiet ta' għodod speċifiċi għas-settur, u oqfsa ta' titjib tal-ħiliet professjonali kontinwi.

Prijorità 1 – Ippjanar Finanzjarju Tul il-Ħajja

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
It-tisħiħ tal-Edukazzjoni Finanzjarja fis-Sistema tal-Edukazzjoni Formali	1.1	Li tiġi kkonsolidata l-edukazzjoni finanzjarja strutturata permezz ta' riżultati allinjati mal-qafas tal-litteriżmu finanzjarju tal-OECD fil-livelli primarji u sekondarji, marbuta ma' mġibiet fil-ħajja reali bħat-tfaddil, l-infiq, l-issettjar tal-għanijiet u l-konsum infurmat.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni	2028
	1.2	L-integrazzjoni ta' suġġetti finanzjarji f'suġġetti rilevanti, inklużi, iżda mhux limitati għal, l-Integrazzjoni tal-Matematika transkurrikulari u l-Modulu tal-Finanzi Diġitali tal-ICT.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru	2028
	1.3	Li jiġu appoġġjati inizjattivi prattiċi, diġitali u mmexxija mill-pari għall-istudenti, inkluż, iżda mhux limitati għal, pjattaforma ta' simulazzjoni tal-iskola (gamifikazzjoni tad-dħul u bbaġitjar permezz ta' simulatur) u l-Programm ta' Ambaxxaturi Finanzjarji bejn il-Pari (taħriġ tal-ambaxxaturi tal-istudenti għal sessjonijiet immexxija mill-pari).	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għas-Settur Volontarju Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva Il-Ministeru responsabbli għax-Xogħol	2029
	1.4	L-introduzzjoni ta' modulu dwar it-tħejjija finanzjarja fl-aħħar snin tas-sekondarja.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni	2027
	1.5	L-integrazzjoni tal-edukazzjoni bikrija dwar il-kapaċità finanzjarja u l-ħiliet għall-ħajja f'programmi nazzjonali barra mill-iskola u matul il-vaganzi tal-iskola (bħal Skolasajf u Klabb 3-16) amministrati permezz ta' esperti tal-kapaċità finanzjarja bħal ĠEMMA.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	Ongoing
L-Inkorporazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja tul il-Ħajja Kollha	1.6	L-iżvilupp ta' riżorsi ta' tagħlim qosra u modulari marbuta mat-tranżizzjonijiet tal-ħajja mwettqa b'mod konġunt permezz ta' servizzi fdati jew pjattaformi online.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għas-Settur Volontarju Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva Il-Ministeru responsabbli għax-Xogħol	2026
	1.7	It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-impjegaturi, mal-fornituri tat-taħriġ u mal-unions sabiex tiġi integrata edukazzjoni finanzjarja universali bbażata fuq il-post tax-xogħol dwar ir-riċevuti tal-paga, it-tnaqqis, il-kreditu, u l-ippjanar tal-irtirar.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għax-Xogħol Il-Ministeru responsabbli għad-djalogu soċjali	Ongoing
	1.8	It-tisħiħ tal-inkorporazzjoni tal-edukazzjoni finanzjarja fil-programmi ta' tagħlim għall-adulti u tul il-ħajja mwassla permezz ta' ċentri komunitarji, kunsilli lokali, fornituri tal-edukazzjoni pubblika, pjattaformi online, u inizjattivi fdati tas-settur privat jew volontarju.	Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għas-Settur volontarju Il-Ministeru responsabbli għall-kunsilli lokali Il-Ministeru responsabbli għas-saħħa u l-anzjanità attiva Il-Ministeru responsabbli għall-finanzi	Ongoing
	1.9	Li tiġi pprovduta gwida ċara u aċċessibbli dwar prodotti u sistemi finanzjarji, inklużi l-kreditu, it-taxxa, l-iskemi ta' tfaddil u l-finanzjament tad-djar, imfassla skont il-ħtiġijiet speċifiċi tal-istadju tal-ħajja mmirat.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi (l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, l-Amministrazzjoni tat-Taxxa / tad-Dwana ta' Malta)	2027
	1.10	Li tiġi promossa ripetutament it-tħejjija għall-irtirar permezz ta' kampanji pubbliċi li jistgħu jitkejlu, simulaturi tal-pensjonijiet, u tiġi promossa l-għażla li jiġi pprovdut aċċess għal gwida one-to-one, speċjalment għall-ħaddiema f'impjieg prekarju jew informali.	Ministeri responsabbli għall-Edukazzjoni Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	Ongoing
	1.11	It-tisħiħ u t-titjib tal-iżvilupp u t-twettiq ta' programmi ta' kapaċità finanzjarja ta' qabel l-irtirar.	Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2026

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
L-Inkorporazzjoni tal-Kapaċità Finanzjarja tul il-Ħajja Kollha	1.12	Li jkomplu jitwasslu programmi dwar il-kapaċità finanzjarja għall-irtirar u għal dawk li għandhom 60 sena jew aktar (inklużi, iżda mhux limitati għal, sessjonijiet relatati mal-ibbaġitjar, scams u sessjonijiet ta'prevenzjoni tal-frodi).	Il-Ministeru responsabbli għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva Il-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali	Kontinwa
	1.13	L-iżvilupp u t-twassil ta' programmi u riżorsi dwar it-tisjir konxju mill-baġit u l-immaniġġjar finanzjarju tal-familji.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni	2027
	1.14	L-iżvilupp u t-twassil ta' sett ta' għodod għall-involviment tal-ġenituri li jiffoka fuq attivitajiet ta' tagħlim finanzjarju bbażati fid-dar.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	1.15	L-iżvilupp u t-twassil ta' sett ta' għodod għall-ewwel impjieg li jiffoka fuq il-litteriżmu tar-riċevuti tal-paga (elementi li jinkludu l-pagi bażiċi, il-pagi mhux bażiċi, it-tassazzjoni u l-pagamenti tas-sigurtà soċjali), u gwida għall-għarfien dwar il-kuntratti.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	1.16	L-iżvilupp u t-twassil ta' sett ta' għodod finanzjarji għall-istat ta' ġenitur li jiffoka fuq l-interazzjonijiet bejn l-ibbaġitjar tad-dar, il-benefiċċji tat-tfal u l-gwida għall-ippjanar tal-maternità.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	1.17	L-iżvilupp u t-twassil ta' sett ta' għodod għall-bidu ta' negozji intraprenditorjali li jiffoka fuq l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-fluss tal-flus, l-ibbaġitjar u l-gwida dwar il-konformità mar-regoli tat-taxxa.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	1.18	L-iżvilupp u t-twassil ta' sett ta' għodod għad-divorzju u s-separazzjoni li jiffoka fuq id-drittijiet finanzjarji, il-litteriżmu dwar il-kontijiet konġunti, eċċ.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	1.19	L-iżvilupp u t-twassil ta' kampanja għat-Tkissir tal-Miti Diġitali għaż-Żgħażagħ (Youth Digital Myth Busting), immirata lejn it-tisħiħ tal-kapaċità taż-żgħażagħ li jidentifikaw, jistaqsu u jirreżistu l-miżinformazzjoni finanzjarja, in-narrattivi qarrieqa online u l-miti amplifikati diġitalment relatati mal-flus, l-investiment, id-dejn, l-intraprenditorija u l-kultura tal-"ġid rapidu".	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	1.20	L-integrazzjoni tal-edukazzjoni bażika dwar l-investiment fil-programmi u r-riżorsi tal-kapaċità finanzjarja mmirati lejn iż-żgħażagħ, l-adulti żgħażagħ u dawk li jidħlu kmieni fis-suq tax-xogħol.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	1.21	Il-promozzjoni tal-litteriżmu fl-investiment fost in-nisa permezz ta' programmi mmirati ta' edukazzjoni dwar il-kapaċità finanzjarja.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	1.22	L-iżvilupp ta' inizjattivi mmirati ta' kapaċità finanzjarja u ta' sensibilizzazzjoni biex itejbu l-istat ta' tħejjija tan-nisa għall-irtirar u jnaqqsu d-differenza bejn il-ġeneri fil-pensjonijiet.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi	2027
	1.23	Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' buffers ta' mikrotfaddil permezz ta' għodod u programmi mmirati biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-familji.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	1.24	Iż-żamma u l-espansjoni ta' programmi eżistenti ta' outreach dwar il-kapaċità finanzjarja mfassla apposta għal gruppi ta' koorti differenti.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	Ongoing
	1.25	Iż-żamma u l-espansjoni tal-ħolqien u d-distribuzzjoni ta' diversi riżorsi u mezzi ta' informazzjoni (fiżiċi u oħrajn) imfassla apposta għal gruppi ta' koorti differenti.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	Ongoing
	1.26	It-tisħiħ u l-espansjoni tas-serje ta' podcasts dwar il-kapaċità finanzjarja biex ittejjeb l-outreach, is-sensibilizzazzjoni u l-kapaċità finanzjarja fost koorti differenti.	Ministru responsabbli għall-Politika Soċjali	Ongoing

Prijorità 2 – Appoġġ Personalizzat u Mmirat

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
Appoġġ Imfassal Apposta għal Sitwazzjonijiet Vulnerabbli u Kumplessi	2.1	L-inkorporazzjoni ta' "kontrolli tal-flus" qosra fis-servizzi pubbliċi tal-ewwel linja. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' għodda ta' skrinjar tal-benesseri finanzjarju qasira u strutturata li tista' tiġi inkorporata fis-servizzi tal-ewwel linja bħall-uffiċċji tal-impjiegi, is-servizzi soċjali, iċ-ċentri tas-saħħa u l-kunsilli lokali.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	2.2	Sħubija ma' NGOs biex jitfasslu b'mod konġunt spazji sikuri (Ċentri ta' Benesseri Finanzjarju) fejn il-klijenti (l-utenti tas-servizz) jistgħu jiddiskutu l-istress finanzjarju flimkien ma' ħtiġijiet prattiċi bħal (l-immaniġġjar tal-kontijiet, it-talbiet għall-benefiċċji, l-impjieg, eċċ.).	Il-Ministeru responsabbli għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	2.3	L-iżvilupp u t-twassil ta' perkors ta' appoġġ għan-negozji ż-żgħar u għall-mikroimprendituri. Li nimxu lil hinn mill-webinars billi noħolqu perkors strutturat għall-mikroimprendituri li jinkludi settijiet ta' għodod għall-ippjanar finanzjarju tal-bidu, mudelli biex issegwi l-fluss tal-flus, gwidi simplifikati dwar it-taxxa u l-konformità, akkoppjament ta' mentoraġġ ma' imprendituri b'esperjenza, kliniċi ta' gruppi trimestrali, eċċ.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi	2028
	2.4	Li jiġu offruti networks ta' appoġġ bejn il-pari jew sessjonijiet ta' tagħlim fi gruppi, li jippermettu lill-individwi f'sitwazzjoni vulnerabbli jaqsmu l-esperjenzi, jibnu apprendiment soċjali u jinnormalizzaw l-imġiba ta' tiftix ta' għajnuna.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	2.5	Li tiġi pprovduta gwida finanzjarja infurmata dwar it-trawma u l-istress. Dan se jinvolvi l-ħolqien ta' standards tas-servizz uffiċjali (ibbażati fuq is-CPD) li jirrikjedu li l-professjonisti tal-ewwel linja jadottaw prattiki sensittivi għat-trawma, inkluż lingwaġġ mhux ġudikanti, ritmu flessibbli ta' informazzjoni, proċessi ta' dokumentazzjoni simplifikati, l-evitar ta' tagħbija eċċessiva ta' informazzjoni, segwitu strutturat wara konsultazzjonijiet ta' stress għoli, eċċ.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	2.6	Twettiq ta' nudges proattivi u skont l-istadju tal-ħajja fi tranżizzjoni ewlenija permezz ta' kanali fdati. Dan jista' jieħu l-forma ta' sistema awtomatizzata iżda ċċentrata fuq il-bniedem ta' "skattatur tal-avvenimenti tal-ħajja". Meta l-individwi jinteraġixxu mas-servizzi tal-gvern f'mumenti ewlenin (eż. it-tlestija tal-iskola, ir-reġistrazzjoni tal-ewwel impjieg, ir-reġistrazzjoni tat-twelid, it-talba għall-irtirar), jingħataw aċċess għas-sett ta' għodod speċifiku.	Il-Ministeri kollha	2029
	2.7	Il-ħolqien ta' materjali adattati kulturalment u lingwistikament, li jiżguraw l-aċċessibbiltà għal kelliema mhux nattivi jew gruppi ta' minoranza li jtejbu l-komprensjoni u l-involviment.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Intern	2026
	2.8	Id-distribuzzjoni ta' "Sett ta' Għodod ta' Appoġġ għall-Flus" b'listi ta' kontroll, gwidi u mapep ta' riferiment għall-użu fil-prattika ta' kuljum.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	2.9	L-iżvilupp u t-titjib ta' servizz ta' pariri dwar id-dejn appoġġjat minn qafas legali	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2026
	2.10	Il-ħolqien ta' protokoll li jippermetti lil kwalunkwe ħaddiem tal-ewwel linja jikkonnettja klijent malajr ma' kowċis professjonali akkreditati, servizzi ta' pariri dwar id-dejn jew helplines speċjalizzati u biex issegwi s-segwitu.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	2.11	Li jiġu offruti sessjonijiet perjodiċi ta' aġġornament u fora ta' tagħlim bejn il-pari sabiex il-prattikanti jaqsmu l-isfidi emerġenti u l-prattiki tajbin.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027 (Kontinwa)
	2.12	L-iżvilupp ta' inizjattivi kkoordinati ta' prevenzjoni bikrija tad-dejn għaż-żgħażagħ, li jinkludu għodod ta' twissija bikrija, kowċing finanzjarju u perkorsi ta' riferiment.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni	2029
	2.13	L-għoti ta' servizz ta' kowċing finanzjarju kunfidenzjali biex jiġu appoġġjati individwi li jesperjenzaw abbuż finanzjarju.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028

Prijorità 3 – It-Tnaqqis tad-Distakk fl-Aċċess Diġitali u l-Fiduċja

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
L-iżgurar ta' Aċċess Inklużiv għall-Għodod u s-Servizzi Finanzjarji	3.1	Li jiġi stabbilit Qafas Nazzjonali Inklużiv għall-Awditjar tal-Aċċess Finanzjarju.	Il-Ministeru responsabbli għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	3.2	Li jiġu applikati standards ta' disinn inklużiv għall-pjattaformi nazzjonali, filwaqt li jiġu inkorporati karatteristiċi ta' aċċessibbiltà u jinżammu alternattivi assistiti jew b'teknoloġija baxxa.	Il-Ministeru responsabbli għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2028
	3.3	Li jiġu stabbiliti mudelli ċari u simplifikati għad-dokumenti u l-komunikazzjonijiet finanzjarji biex jittejbu l-aċċessibbiltà, il-fehim u t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
	3.4	Li jiġu pprovduti għodod ta' ppjanar prattiċi mfassla apposta għal stadji differenti tal-ħajja u livelli differenti ta' litteriżmu.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Anzjanità Attiva	2028
	3.5	Il-promozzjoni ta' komunikazzjoni b'lingwaġġ sempliċi fl-istituzzjonijiet kollha, appoġġ mill-glossarji u "dekodifikatur tat-termini finanzjarji".	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2027
Il-Bini tal-Fiduċja u s-Sikurezza	3.6	It-tisħiħ tal-integrazzjoni ta' moduli għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-iscams fi programmi ta' kapaċità finanzjarja, b'disinn imfassal apposta għall-anzjani u għall-gruppi esklużi diġitalment.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi	Kontinwa
	3.7	L-espansjoni tal-aċċess għal taħriġ sigur fil-litteriżmu finanzjarju diġitali permezz ta' ċentri tal-komunità, NGOs u networks lokali.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni Il-Ministeru responsabbli għall-Inklużjoni u s-Settur Volontarju	2029
	3.8	L-implimentazzjoni ta' servizz ta' rispons rapidu ta' scams b'diversi kanali, inkluż chatbot, helpline u għodod ta' verifika ta' scams biex jiġu appoġġjati l-identifikazzjoni bikrija, il-prevenzjoni u r-rispons għal scams finanzjarji.	Il-Ministeru responsabbli għall-Intern	2028
	3.9	It-tnedija, il-manutenzjoni u t-titjib ta' app u portal ta' tħejjija għall-irtirar biex jiġu pprovduti projezzjonijiet personalizzati tal-pensjonijiet tal-ewwel pilastru u tiġi promossa s-sensibilizzazzjoni dwar l-importanza tal-investiment fil-pensjonijiet tat-tieni pilastru, u jiġi appoġġat l-ippjanar għall-irtirar permezz ta' aspett edukattiv u gwida.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2026
	3.10	Li jiġu pilotati karatteristiċi faċli għall-utent fil-midja tal-finanzi diġitali, b'sorveljanza kontinwa biex jiġu żgurati ċ-ċarezza u l-affidabbiltà.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi	2027
	3.11	Iż-żamma ta' mudelli ta' servizzi ibridi fejn l-għodod finanzjarji diġitali jiġu kkumplimentati minn gwida bbażata fil-komunità jew mill-bniedem.	Il-Ministeri kollha	2030

Priority 4 – Cross-Sectoral Collaboration

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
It-Titjib tal-Koordinazzjoni, il-Governanza u l-Kapaċità Istituzzjonali	4.1	It-twaqqif ta' Kumitat Interministerjali għall-Kapaċità Finanzjarja bħala mekkaniżmu biex tiġi integrata l-koordinazzjoni, jiġi pprovdut punt fokali viżibbli u tiġi sostnuta t-tmexxija fit-tul.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027
	4.2	It-twaqqif ta' Kumitat ta' Ħidma għall-Implimentazzjoni li jservi bħala l-pjattaforma ewlenija għall-koordinazzjoni operazzjonali, li jittraduċi l-prijoritajiet strateġiċi fi twettiq.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027
	4.3	It-twaqqif ta' diversi sottokumitati tematiċi biex il-kunsiderazzjonijiet tal-kapaċità finanzjarja jiġu integrati f'oqsma ta' prijorità, filwaqt li jkun hemm allinjament mal-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni eżistenti. Dawn il-kumitati se jinkludu l-pensjonijiet, l-edukazzjoni u l-kapaċità bikrija, l-inklużjoni finanzjarja u l-vulnerabbiltà, u l-involviment fis-suq finanzjarju u l-protezzjoni tal-konsumatur.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027
	4.4	It-twaqqif ta' Komunità tal-Litteriżmu Finanzjarju li sservi bħala l-pjattaforma strutturata ta' involviment tal-partijiet ikkonċernati tal-Istrateġija (awtoritajiet pubbliċi, korpi regolatorji, istituzzjonijiet finanzjarji, sħab soċjali, eċċ.)	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027
	4.5	It-twaqqif ta' Qafas Nazzjonali għall-Immappjar tal-Programmi u l-Analiżi tal-Lakuni tal-Kapaċità Finanzjarja biex tissaħħaħ aktar il-koordinazzjoni, tiġi evitata d-duplikazzjoni u tiġi żgurata kopertura ekwa bejn il-koorti tal-età u t-tipi vulnerabbli ta' familji.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027
	4.6	It-twaqqif ta' dashboard tal-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-kapaċità finanzjarja ċentralizzata biex jiġu mmonitorjati l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Istrateġija.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2028
	4.7	Abbażi ta' lakuni identifikati, jiġu żviluppati kampanji tal-midja mmirati, ibbażati fuq l-evidenza u li jistgħu jitkejlu għal koorti differenti.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2027 (Kontinwa)
	4.8	Li tiżdied il-kapaċità istituzzjonali biex tappoġġja l-implimentazzjoni kkoordinata u t-twassil imtejjeb tas-servizzi tal-miżuri tal-kapaċità finanzjarja.	Il-Ministeru responsabbli għall-Politika Soċjali	2030
	4.9	F'kollaborazzjoni mal-Ministeri kkonċernati, tiġi żviluppata u amministrata marka ta' akkreditazzjoni "Iċċertifikat għall-Kapaċità Finanzjarja" għal organizzazzjonijiet u materjali konformi, li tindika l-kwalità pedagoġika u l-allinjament mal-prinċipji tal-OECD/INFE.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2028

Priority 4 – Cross-Sectoral Collaboration (cont.)

Għan/Objettiv	Nru tal-Miżura	Miżura	Ministeru Ewlieni	Sena ta' Implimentazzjoni
Consolidate Resources in a Central Repository	4.10	It-twaqqif ta' pjattaforma nazzjonali bħala r-repożitorju ċentrali għall-informazzjoni uffiċjali dwar il-kapaċità finanzjarja, li tintegra l-kontenut mill-ministeri u l-aġenziji.	Il-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali	2027
	4.11	Li tiġi implimentata proċedura ta' rappurtar għall-aġġornament regolari u l-espansjoni tar-repożitorju b'għodod, riżorsi ta' taħriġ u materjali ta' komunikazzjoni.	Il-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali	2028
Establish a Training Accreditation Pathway	4.12	Li tiġi żviluppata u implimentata ċertifikazzjoni ta' Żvilupp Professjonali Kontinwu tal-Għalliema (CPD), li hija programm ta' żvilupp professjonali kontinwu strutturat u rikonoxxut formalment li jgħammar lill-għalliema bl-għarfien, bil-ħiliet u bl-għodod pedagoġiċi biex jipprovdu edukazzjoni finanzjarja fl-iskejjel b'mod effettiv.	Il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni (b'kontribut minn Ministeri oħra, fejn meħtieġ)	2028
	4.13	It-twaqqif ta' qafas ta' akkreditazzjoni standardizzat fil-livell nazzjonali għall-kowċis tal-kapaċità finanzjarja. Dan jinkludi standards ta' kompetenza, linji gwida etiċi, rekwiżiti ta' superviżjoni u moduli ta' żvilupp professjonali kontinwu.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2028
	4.14	Is-sħubija ma' istituzzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ biex jiġi żviluppat kurrikulu modulari, akkreditat għall-iżvilupp professjonali kontinwu (CPD), li jkopri l-valutazzjoni tal-ħtiġijiet, spjegazzjonijiet ta' kontijiet b'lingwaġġ sempliċi, intervisti motivazzjonali u perkorsi ta' riferiment.	Il-Ministeru responsabbli għall-politika soċjali	2029
	4.15	L-iżvilupp ta' settijiet ta' għodod speċifiċi għas-settur imfassla apposta għal professjonijiet differenti.	Il-Ministeri rispettivi kollha	2030
	4.16	It-tfassil u l-għoti ta' opportunitajiet ta' tagħlim modulari u faċli għall-mobiles għat-titjib kontinwu tal-ħiliet tal-persunal dwar l-għodod tat-teknoloġija finanzjarja, il-prevenzjoni tal-frodi u l-bidliet regolatorji.	Il-Ministeru responsabbli għall-Finanzi	2030

KAPITOLU 7
Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Raġunijiet għal Arranġamenti ta' Governanza b'Saħħithom

In-natura multidimensjonali tal-kapaċità finanzjarja tippreżenta opportunità siewja biex jissaħħu l-allinjament u l-koordinazzjoni fil-gvern kollu. Minħabba li r-responsabbiltajiet ikopru diversi ministeri u aġenziji, il-kollaborazzjoni strutturata hija essenzjali biex tiġi mmassimizzata l-effettività tal-Istrateġija. Mingħajr qafas ta' koordinazzjoni ċar, hemm ir-riskju li l-interventi jistgħu jikkoinċidu, jitwettqu f'mumenti subottimali, jew ivarjaw fl-aċċessibbiltà. Ir-rikonoxximent ta' din il-kumplessità jippermetti lill-Istrateġija tfassal b'mod proattiv mekkaniżmi li jiżguraw koerenza, inklużività u impatt.

In-natura trasversali tas-suġġett ifisser li l-materjali u l-kampanji relatati huma ffurmati minn diversi ministeri u entitajiet pubbliċi, inklużi dawk responsabbli għall-politika soċjali, l-edukazzjoni, ix-xogħol, il-finanzi, is-saħħa u l-iżvilupp ekonomiku. Filwaqt li ħafna responsabbiltajiet huma ddefiniti b'mod ċar, ċerti suġġetti u diskussjonijiet speċjalizzati naturalment jaqgħu taħt mandati kondiviżi jew intersezzjonali. Minn perspettiva taċ-ċiklu tal-ħajja, il-punti ewlenin ta' tranżizzjoni, bħad-dħul fl-impjieg, l-akkwist ta' akkomodazzjoni, il-formazzjoni tal-familja, l-irtirar u d-deakkumulazzjoni, huma rregolati minn ministeri u sistemi ta' servizz pubbliku differenti. Dan l-impenn istituzzjonali wiesa' jipprovdi pedament b'saħħtu għal interventi integrati u bbażati fuq l-istadji tal-ħajja.

Koordinazzjoni msaħħa se tiżgura wkoll użu aktar effiċjenti tar-riżorsi pubbliċi. Meta l-ministeri u l-aġenziji jallinjaw l-isforzi tagħhom, il-materjali edukattivi, il-kampanji u s-servizzi ta' appoġġ jistgħu jsaħħu lil xulxin aktar milli joperaw b'mod parallel. Dan inaqqas id-duplikazzjoni, jippromwovi messaġġi pubbliċi konsistenti u jsaħħaħ l-impatt ġenerali. Pereżempju, gwida żviluppata b'mod konġunt dwar l-ibbaġitjar għall-adulti żgħażagħ tiżgura suppożizzjonijiet, mezzi ta' twassil u strateġiji ta' outreach armonizzati, u b'hekk timmassimizza l-firxa u l-effettività. Fl-istess ħin, l-ippjanar ikkoordinat inaqqas il-probabbiltà ta' lakuni, filwaqt li jiżgura li l-individwi vulnerabbli u ċ-ċirkostanzi mhux standard jiġu kkunsidrati bis-sħiħ.

Approċċ strutturat għall-kollaborazzjoni jippermetti wkoll li l-interdipendenzi jiġu mmaniġġjati b'mod kostruttiv. L-inizjattivi tal-edukazzjoni finanzjarja, il-programmi tal-assistenza soċjali u r-riformi tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jitfasslu biex jikkumplimentaw lil xulxin—filwaqt li jinkoraġġixxu mġiba finanzjarja responsabbli u jissalvagwardjaw l-aċċessibbiltà u l-inklużjoni għall-persuni akbar fl-età u għall-gruppi vulnerabbli. B'sorveljanza xierqa, it-titjib f'qasam ta' politika wieħed jista' jappoġġja u jamplifika b'mod attiv ir-riżultati f'qasam ieħor.

Għaldaqstant, l-Istrateġija tavvanza approċċ olistiku u ta' gvern sħiħ. Filwaqt li tibni fuq l-esperjenza ta' Malta fl-indirizzar ta' sfidi soċjali kumplessi permezz ta' kollaborazzjoni interministerjali, hija tipproponi t-twaqqif ta' Kumitat Interministerjali għall-Kapaċità Finanzjarja. Dan il-Kumitat jipprovdi sorveljanza strateġika, isaħħaħ il-koerenza tal-politika, u jiżgura koordinazzjoni sostnuta fis-settur pubbliku kollu fl-iżvilupp u t-tixrid ta' inizjattivi ta' litteriżmu finanzjarju.

Fil-qosor, il-formalizzazzjoni tal-koordinazzjoni interministerjali se tippermetti li l-Istrateġija:

- Issaħħaħ il-koerenza u timminimizza l-frammentazzjoni;
- Timmassimizza l-impatt fit-tranżizzjonijiet ewlenin tal-ħajja;
- Tiżgura attenzjoni konsistenti għall-vulnerabbiltà u l-aċċessibbiltà;
- Ittejjeb il-monitoraġġ, il-kondiviżjoni tad-data u tal-akkontabbiltà fost l-istituzzjonijiet.

Billi tittrasforma l-kumplessità fi pjattaforma għall-kollaborazzjoni, l-Istrateġija tpoġġi lilha nnifisha f'pożizzjoni li twassal riżultati tal-kapaċità finanzjarja aktar effiċjenti, inklużivi u li jħallu impatt.

Prattika Internazzjonali u Preċedent Strateġiku

Il-mudell ta' governanza propost jallinja mal-aħjar prattiki internazzjonali, bil-gwida tal-OECD/INFE li tirrakkomanda b'mod espliċitu t-twaqqif ta' korpi formali ta' koordinazzjoni—ħafna drabi Kumitati Interministerjali jew gruppi ta' tmexxija—biex jissorveljaw l-istrateġiji nazzjonali għall-kapaċità finanzjarja, jiżguraw il-koerenza tal-politika u jżommu momentum lil hinn miċ-ċikli politiċi jew amministrattivi (OECD/INFE, 2015; OECD/INFE, 2019). Fil-fatt, l-evidenza empirika turi kunsens li l-l-istrateġiji nazzjonali għall-kapaċità finanzjarja huma l-aktar effettivi meta jiġu appoġġjati minn mekkaniżmi ta' governanza formali li jallinjaw l-objettivi, is-sekwenzjar, u t-twettiq fil-gvern kollu (OECD/INFE, 2015; OECD, 2020c).

Mudelli ta' governanza komparabbli 'f'ġuriżdizzjonijiet oħra għenu biex l-inizjattivi ta' litteriżmu finanzjarju jiġu allinjati ma' prijoritajiet ta' politika usa' u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati. Pereżempju, il-Kunsill tal-Partijiet Ikkonċernati tal-Litteriżmu Finanzjarju tal-Awstrija jikkoordina l-implimentazzjoni tal-istrateġija u d-djalogu fost l-atturi pubbliċi, privati u tas-soċjetà ċivili. L-istrateġiji nazzjonali appoġġjati mill-OECD/INFE jenfasizzaw il-ġbir ikkoordinat tad-data, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u l-involviment inklużiv, filwaqt li l-approċċi tal-UE jintegraw il-kapaċità finanzjarja fil-politika ġenerali u s-servizzi pubbliċi biex jiġu armonizzati l-objettivi u tiġi evitata d-duplikazzjoni, b'mod partikolari fil-kuntesti diġitali u ta' protezzjoni tal-konsumatur. Dawn l-esperjenzi juru li l-arranġamenti ta' governanza mhumiex sempliċement għodod amministrattivi iżda kundizzjonijiet abilitanti ewlenin għall-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija (OECD, 2015).

Prospettiva Strateġika u Adattament tal-Politika

Minħabba l-ambjent finanzjarju li qed jevolvi b'pass mgħaġġel, l-analiżi tal-Prospettiva Strateġika għandha l-għan li tassigura li l-Istrateġija Nazzjonali għall-Kapaċità Finanzjarja (NFCS) ta' Malta tibqa' valida fil-futur billi tmur lil hinn mis-suppożizzjonijiet ta' ppjanar lineari u twettaq test tal-istress tal-politika kontra futuri plawżibbli multipli.

B'referenza għall-Anness Ċ, abbażi ta' konsultazzjonijiet strutturati mal-partijiet ikkonċernati u s-sett ta' għodod ta' prospettiva tal-OECD, il-proċess involva l-analiżi tal-prospettivi, l-identifikazzjoni ta' "sinjali dgħajfa", l-immappjar ta' punti ta' diffikultà fil-familji, it-tfassil ta' inċertezzi kritiċi u l-kostruzzjoni ta' xenarji biex tiġi ttestjata r-robustezza tal-prijoritajiet strateġiċi. Sinjali ewlenin fl-ambjent finanzjarju ta' Malta jinkludu tfaddil persistenti ċċentrat fuq il-proprjetà, litteriżmu finanzjarju mhux uniformi, żieda fl-iscams u riskji ta' frodi bbażati fuq l-IA, aċċellerazzjoni tad-diġitalizzazzjoni flimkien ma' domanda kontinwa għall-appoġġ uman, sensibilizzazzjoni limitata dwar l-assigurazzjoni, u ostakli aggravati li jiffaċċjaw gruppi vulnerabbli.

Minn dawn is-sinjali, ġew identifikati ħames inċertezzi kritiċi: l-ambjent futur tar-riskju diġitali, it-tixrid tal-kapaċità finanzjarja fis-soċjetà, il-bilanċ bejn il-kanali diġitali biss u dawk assistiti, id-diversifikazzjoni tal-portafolli tal-familji lil hinn mill-proprjetà, u l-istabbiltà tal-fiduċja pubblika

